

Werrej

Banda Mġarrija tal-Imġarrin 4
Sodisfazzjon kbir naraw li qed isir il-ġid 5
Sena Impenjattiva 8
Speċjali 12
Banda ħajja u attiva 13
Tislima mill-istat ta' California, l-Amerika lill-Imġarrin 16
Żmien il-festa huwa żmien sabiħ 17
Il-mużika fil-qalba tal-festa 21
Onorefiċenza 29
Bejn Festa u Oħra 32
Għallimtni nħobb lil Marija 40
Origin and Development of Mġarr - A brief outline 46
Mill-qedem sal-Lum 52
Il-Festa tal-Assunta fil-Mosta 56
Xandru Camilleri 60
Ingħaqdet mal-Banda 61
Il-kult Marjan mifrux mal-gżejjer Maltin 64
In-Niċeċ madwar l-Imġarr 72
Fondi miksuba mill-proġetti 79
Servizzi mużikali 80
L-Imġarr tas-Seklu 18 113
L-ewwel post fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa 119
Iz-Zucchetto, il-Konslu u l-Arċisqof 120
L-Ismijiet tat-Trabi fl-Imġarr 125
Minn Damasku għal Malta 145
Id-Domma tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna 149
Nifhmu l-Liġi tas-Suċċessjoni 152
L-Immakulata Kunċizzjoni 157
Baned Militari fir-Renju Unit 158
Offerta lil Alla ta' Ħames Ulied Ikkonsagrati Lilu 162
How One Statue Became an Entire Remembrance of Good Friday . 166
Il-Kuntentizza 170
Il-Gvern Lokali 174
Programm tal-Festa 2025 – Festi Interni . . . . . Insert
Sehem il-Banda fil-Festa . . . . . Insert
Lista tar-Reklami . . . . . Insert

Pubblikazzjoni tas-
Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr A.D.2011

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Marija, Awwissu 2025
www.bandamgarr.com
info@bandamgarr.com
VO/0577
VAT MT 2606-2606

Editur:
Joseph Caruana

Qari tal-provi:
Chris Giordano

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Giovanni Gatt
Martin Scerri
Maria Vella

Ritratti:
Awturi tal-artikli
Arkivji
Joseph Caruana
Clive Pace

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru r-reklami, lill-kontributuri bl-artikli u bir-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li rreklamaw u lilkom li tapprezzaw din il-pubblikazzjoni.

Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà.

L-artikli kollha li qegħdin jiġu ppubblikati f'dan il-ktieb huma propjetà tal-awturi rispettivi. Is-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr, mhix responsabbli mill-fehmiet imfissra fl-artikli ppubblikati f'din il-ħarġa. Għalhekk kull awtur huwa responsabbli ta' dak li jikteb.

Kull reklam li jidher f'din il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni lis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa S-Sema", tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni qed titqassam bla ħlas.

Kull donazzjoni tiġi apprezzata.

Disinn: Massimo Schiavone

Stampat
Best Print Co. Ltd, Qrendi
21649012, 99499084





Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr AD 2011

Kumitat Eżekuttiv 2025-2026

Presidenti Onorarji	It-Tabib Godfrey Farrugia
	L-Onor. Dr Ian Borg MP
	L-Onor. Kav. Louis J. Vella MQR
	Is-Sur Raymond Muscat BSc, EFIAP, MPS
	Is-Sur Michael Attard
	Is-Sindku s-Sur Paul Vella
	Is-Sur Paul Camilleri
	Is-Sur Antoine Azzopardi
	Is-Sur Giancarlo Sopetti
	L-Onor. Dr Alicia Bugeja Said MP
	Is-Sur Charlie Polidano
	Is-Sur Clayton Gauci
Membri Onorarji	Is-Sur Nazju Schembri
	L-Inġinier Mario Sammut
	Is-Sur Martin Scerri
President	Is-Sur Giovanni Gatt
Segretarju Ġenerali	Is-Sur Joseph Caruana
Kaxxier	Is-Sur Mark Edward Mifsud ACCA, MIA
Viċi President	Is-Sur John Bugeja
Ass. Segretarja	L-Avukat Dr Sonia Consiglio LL.D
Ass. Kaxxiera	Is-Sinjura Angela Muscat
	Is-Sinjura Maria Vella
PRO	Is-Sinjura Maria Vella
Delegat tal-Banda u Arkivista	Is-Sur Joseph Caruana
Rappreżentanti tal-Għaqda Każini tal-Banda	Is-Sur Giovanni Gat
	Is-Sinjura Sharon Azzopardi
Konsulent Legali	L-Avukat Dr Sonia Consiglio LL.D
Membri	Is-Sur Scott Beerman
	Is-Sur Christian Cassar
Webmaster	Is-Sur Joseph Caruana
Surmast Direttur u għalliem tar-ram u l-perkussjoni	Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE
Għalliem tal-istrumenti tal-qasba	Is-Sur Charlie Pace
Għalliem tal-Music Experience u t-Teorija	Mro Andrew Calleja ALCM, FVCM, ATCL
Direttur Spiritwali	Rev. Kan. Sean Abela



Banda Mġarrija tal-Imġarrin

Giovanni Gatt
President

Il-festa waslet, però l-ħidma għall-festa ilha għaddejja s-sena kollha. Kull meta tkun ġejja l-festa naħdmu iktar biex il-festa tkun dejjem isbaħ minn dawk li għaddew. Biex il-festa tkun isbaħ irridu ngħinu lil xulxin – l-għaqdiet tal-festa – u naħdmu bi skop wieħed… dak li jkollna festa sabiħa. Jien nemmen li jekk naħdmu flimkien ikollna festa suċċess.

Kif kulħadd jaf il-banda Mġarrija tieħu sehem sħiħ fil-festa ta' raħalna u tagħti s-servizz tagħha kollu bla ħlas. Dan kollu jkun possibbli għax intom tagħtuna l-fondi meħtieġa.

Minbarra li nagħtu s-servizzi mużikali lill-parroċċa bla ħlas, matul is-sena numru sabiħ ta' tfal u żgħażagħ jitgħallmu l-mużika fi ħdan l-għaqda tagħna bla ħlas. Dan għalina hu piż kbir biex inħallsu l-għalliema, però bis-sostenn tagħkom dejjem irnexxielna nsibu l-mezzi biex nibqgħu ngħallmu l-banda b'xejn. Grazzi kbira tad-donazzjonijiet tagħkom.

Din il-festa se tkun l-ewwel festa għall-kappillan tagħna bħala ragħaj tal-parroċċa. Minn qalbi nirringrazzjah għax dejjem sibna l-koperazzjoni tiegħu f'dak li kellna bżonn. Fil-jum tal-ħatra tiegħu bħala kappillan il-banda tagħna kien possibbli li ddoqq b'xejn. Grazzi għal dawk kollha li taw donazzjoni, għamilna servizz xieraq li tah merħba sabiħa.

Nixtieq nirringrazzja lil Colin Falzon u lil Christian Vella li għal bosta snin kienu fil-kumitat eżekuttiv u din is-sena minħabba raġunijiet personali mhumiex qegħdin fil-kumitat. Inżid nirringrazzja lil Scott Beerman u Cristian Cassar li ngħaqdu magħna fil-kumitat din is-sena, biex flimkien ma' sħabi l-oħra nistgħu nkomplu nħarsu 'l quddiem u mmexxu din l-għaqda tant għal qalbna.

Ringrazzjament speċjali jmur lil Dun Noel Vassallo, li mexxa l-parroċċa tagħna qabel inħatar Fr Sean kappillan.

Nagħlaq billi nappellalkom tkunu spalla ma' spalla magħna, biex inkomplu nwettqu l-ġid.

Lil sħabi tal-kumitat nirringrazzjahom talli fil-ħin liberu tagħhom jaħdmu għall-ġid ta' din il-banda. Issa iktar minn qabel, peress li wara l-festa se jibdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-każin tagħna.

Nirringrazzja lis-Segretarju Joseph Caruana tal-ħidma fejjieda tiegħu u lill-kaxxier Mark Mifsud talli jieħu ħsieb il-finanzi tal-għaqda b'tant dedikazzjoni. Grazzi lis-Surmast u l-għalliema li jgħallmu l-allievi tagħna u lis-Sindku u l-kunsilliera tal-għajnuna li dejjem jagħtuna.

Imġarrin, minn qalbi nirringrazzjakom u nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva l-patruna Santa Marija!



Sodisfazzjon Kbir li Naraw li Qed Isir il-Ġid

Paul Vella
Sindku

Ħuti Mġarrin,

Awwissu reġa' magħna, u dan ifisser li waslet festa oħra għalina l-Imġarrin. Però għalkemm il-festa tiġi ċċelebrata f'Awwissu, il-ħidma tkun ilha għaddejja matul is-sena kollha. Aħna bħala kunsill, l-istess bħall-għaqdiet involuti fl-organizzazzjoni tal-festa, inkunu ilna nippreparaw għal dan l-avveniment annwali u tant għażiż għall-komunità Mġarrija.

Il-kunsill, minbarra li jagħmel dak kollu li jista' biex ikollna festa sabiħa, bħal ngħidu aħna jieħu ħsieb il-kordinazzjoni mal-korpi dixxiplinarji u l-ħruġ tal-permessi, jara wkoll li jgħin lill-għaqdiet involuti fil-festa. Li ngħinu lill-għaqda mużikali Mġarrija mhux eċċezzjoni, u bħala kunsill minn dejjem tajna s-sapport tagħna biex din is-Soċjetà tkompli tikber u tħalli l-frott mixtieq. Minbarra li noffru l-premises tagħna għall-bżonnijiet kollha li teħtieġ din l-għaqda, ngħinuha wkoll, meta jkun possibbli, finanzjarjament biex twettaq il-proġetti tagħha.

Barra minn hekk matul is-sena naħdmu flimkien biex norganizzaw diversi attivitajiet, bħal ngħidu aħna L-Epifanija fl-Imġarr u anke s-serata ta' Ġieħ l-Imġarr, li fiha l-banda Mġarrija tagħti s-sehem tagħha. Nistgħu ngħidu li dawn saru żewġ avvenimenti annwali u qed naraw biex 'il quddiem noħolqu opportunitajiet oħra. Ta' min isemmi wkoll li fil-passat anke organizzajna żewġ safriet flimkien, li fihom il-banda Mġarrija kellha l-okkażjoni li ddoqq barra minn xtutna.

Hu ta' sodisfazzjon kbir li naraw li qed isir il-ġid fir-raħal. Għalkemm għaqda pjuttost żagħżugħa l-banda hi opportunità oħra għall-Imġarrin… opportunità li fiha t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jistgħu jitħarrġu fl-arti mużikali. Minn qalbi nixtieq nifraħ lil Maria Mifsud, li din is-sena se tkun qed iddoqq mal-banda għall-ewwel darba. Nappellalkom biex tħajru 'l uliedkom isegwu l-pass tagħha u huma wkoll jibdew jitgħallmu xi strument mużikali.

F'ismi u f'isem sħabi l-kunsilliera, l-istaff u l-familji tagħna nixtiqilkom il-festa t-tajba u jalla Santa Marija tkompli tberikna u tħarisna.

Viva Santa Marija!








Festa
2024








1897




Spanish trumpet

















Sena Impenjattiva

Joseph Caruana
Segretarju Ġenerali

Imġarrin, nagħtikom merħba.

Reġgħet waslet il-festa tant għażiża għalina, dik tat-tlugħ fis-sema ta' Marija, il-patruna u ommna l-Imġarrin, festa li ta' kull sena niċċelebrawha mill-qalb. Żmien li jġib ferħ u għaqda fir-raħal u fl-istess waqt iservi ta' vetrina għal dak li nkunu ilna nippreparaw matul is-sena.

Din is-sena, bħas-snin imgħoddija, kienet sena impenjattiva u sar ħafna xogħol importanti, anke jekk forsi ma jidhirx daqstant, però sar xogħol ta' preparazzjoni u anke xogħol li se nieħdu l-frott tiegħu fil-futur. Għaliex qed ngħid dan? Kif tafu, aħna għaqda attiva s-sena kollha u l-impenn tagħna jmur lil hinn mill-festa titulari. Din nagħtuha importanza, però aħna responsabbli li nkattru l-arti mużikali fir-raħal tagħna, u dan nagħmluh bil-qalb u noffruh bla ħlas għal kulħadd. Aħna naraw li nżommu bilanċ fin-nefqa, u dan billi niddedikaw ammont konsiderevoli mid-dħul biex ninvestu fl-istrumenti, il-mużika u t-tagħlim tal-mużika. Sabiħ li jkollna festa kbira u sabiħa, però ma jkunx għaqli li tonfoq kulma ddaħħal biex torganizza l-festa mingħajr ma tħares lejn il-futur.

Tul dawn l-aħħar tnax-il xahar imbuttajna kemm flaħna biex inżidu l-ammont ta' allievi li qed jitgħallmu fi ħdan l-għaqda tagħna, u ħloqna opportunitajiet diversi biex nilħqu t-tfal mill-iċken età possibbli. Investejna wkoll f'ammont ta' mużika ġdida u permezz ta' fondi li ħadna mill-Kunsill Malti għall-Arti issa nistgħu ngħidu li għandna sistema ultramoderna kompluta biex indoqqu fuq il-planċier, totalment paperless. Ninsabu sodisfatti immens bil-konkorrenza u l-ammont sabiħ ta' tfal li qed jattendu l-lezzjonijiet tal-mużika bla ħlas li noffru. Sodisfatti bil-livell li qed jintlaħaq u qed inħarsu 'l quddiem biex ikollna opportunitajiet ġodda. Ninsab grat lejn il-ġenituri tal-allievi, li ta' kull ġimgħa jattendu l-lezzjonijiet ma' wliedhom u anke jipparteċipaw magħhom fis-sessjonijiet ta' taħriġ. Emmnuni, qisna bnejna komunità. Jien, li nattendi wkoll ma' ibni, inkun qed nistenna l-jum tal-lezzjonijiet biex niltaqa' ma' dawn il-ġenituri, u nħoss il-ħeġġa u l-entużjażmu ġenwin tagħhom. Dan hu dak li jimlieni bil-kuraġġ u jagħtini s-saħħa biex nibqa' naħdem għall-ġid ta' din l-għaqda li tant inħobb.

Però ma waqafniex hawn. Ħdimna biex niġbru l-ħlas tal-menswalità li kien b'lura u ħajjarna membri ġodda jissieħbu fl-għaqda tagħna. Inħeġġiġkom biex jekk intom għadkom mhux membri fl-għaqda tagħna, tikkuntattjaw lil xi membru tal-kumitat biex jiggwidakom u intom ukoll tissieħbu magħna u jkollna sehem dirett fit-tmexxija ta' din is-Soċjetà Mġarrija. Mhux biss, imma nħajjarkom biex tgħinuna kemm tistgħu.

Il-volontarjat jagħtik sodisfazzjon kbir u jgħinek tiżviluppa l-karattru u l-ħiliet tiegħek. Il-mentalità li kollox bil-flus kissret kull dinjità u għalhekk irridu niġġildulha bil-ħidma volontarja. Irridu nkattru din il-kultura tal-volontarjat u flimkien naraw kemm hu ta' sodisfazzjon li tkun qed tagħti u turi dak li taf fil-volontarjat.

F'dawn ix-xhur kellna ħafna impenn biex segwejna l-proċess tat-tender u l-għażla tal-kuntrattur tal-każin. Issa li ġie magħżul il-kuntrattur ninsabu ħerqana biex fil-jiem li ġejjin nibdew ix-xogħlijiet tal-bini u l-kostruzzjoni tas-sede tagħna. Fl-istess waqt inkomplu naħdmu biex nibdew ix-xogħlijiet tal-finishes biex il-każin ikun jista' jibda jintuża għall-ġid tal-komunità Mġarrija.

Il-banda kompliet miexja fit-triq it-tajba. Din is-sena kellna diversi stediniet biex il-banda ddoqq barra mill-Imġarr, però ddeċidejna li nirrifjutaw uħud minnhom minħabba diversi raġunijiet. Madankollu xorta se nżidu s-servizz barra raħalna. Dan se jkun fil-festa tas-Salvatur ta' Hal Lija. Fl-istess waqt żammejna dawk tal-Kalkara u Santa Venera. Dawn minbarra li l-banda f'Diċembru li għadda daqqet waqt il-pussess tal-kappillan il-ġdid tagħna. Il-banda daqqet ukoll fil-festi L-Epifanija fl-Imġarr u fis-serata ta' Ġieħ l-Imġarr. Fil-jiem sbieħ tal-festa l-banda se tieħu sehem billi ddoqq fil-festa tat-tfal, tagħmel il-marċ bl-istatwa tal-Assunta fl-aħħar jum tat-tridu, tagħmel programm vokali u strumentali fuq il-planċier lejlet il-festa u ndoqqu f'jum il-festa fil-purċissjoni tal-vara titulari.

Biex ikun possibbli li nlaħħqu mal-ispejjeż organizzajna diversi attivitajiet matul is-sena. Kellna attendenza sabiħa. Nappellalkom biex issa tattendu għall-ikla tal-festa li se norganizzaw is-Sibt 16 t'Awwissu. Dan biex filwaqt li nieħdu pjaċir flimkien inkunu qed ngħinu fl-ispejjeż tal-banda fil-festa. Naf li tafu, imma ta' min isemmi li aħna ma nieħdu l-ebda ċenteżmu mill-kumitat tal-festa u nagħtu s-servizzi mużikali kollha fil-jiem tal-festa bla ħlas. Dan grazzi għalikom. Hawn nerġa' nfakkar li kull xahar niffaċċjaw diversi sfidi biex inħallsu l-kirjiet tal-premises u l-garaxx, kif ukoll biex inħallsu lill-għalliema li jgħallmu l-banda lil uliedna.

Sħabi tal-kumitat jaħdmu kemm jistgħu tul is-sena. Hawn ma nistax ma nirringrazzjax lis-Sur Christian Vella u lis-Sur Colin Falzon, li servew fil-kumitat għal diversi snin bil-ħidma li wettqu. Issa għalkemm m'għadhomx fil-kumitat naf ċert li dejjem se jkunu ta' kontribut għal din l-għaqda. Fl-istess waqt nifraħ lis-Sur Scott Beerman u 'l Cristian Cassar li ngħaqdu magħna fil-kumitat. Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Surmast Mauro Spiteri, li wkoll temm il-kariga tiegħu ta' assistent surmast. Bla dubju grazzi mill-qalb lis-Surmast Direttur Tancred Grech u lill-għalliema tal-allievi s-Surmast Andrew Calleja u s-Sur Charlie Pace. Grazzi lill-bandisti u lill-allievi tal-impenn tagħhom, lill-Kappillan u l-kleru kif ukoll lis-Sindku u l-kunsilliera tas-sapport kbir li jagħtuna. Nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat u lil kull min jagħtina xi forma ta' għajnuna.

Fl-aħħar nett nirringrazzja lil marti tas-sapport li tagħtini u l-paċenzja li tieħu fil-jiem tal-festa.

Nawguralkom festa mill-isbaħ, festa kif tassew tixraq lilna l-Imġarrin.

Viva Santa Marija!

Viva l-banda tal-Imġarrin!

Dimostrazzjoni bl-Istatwa





Il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu 2025
mit-8.30 pm 'il quddiem

Dimostrazzjoni fit-toroq ewlenin bl-istatwa ta' Santa Marija, bis-sehem tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

Fl-isfond tad-daqq tal-innijiet isegwi t-tlugħ tal-istatwa ta' Santa Marija fuq il-pedestall.

Wara Spettaklu f'Misraħ l-Assunta

Mistieden Speċjali: Neo X
Jieħde sehem: Daniel The Trumpet Man, Justine Sax u DJ Mark



IKLA
TAL-FESTA

B'RISQ L-ISPEJJEŻ TAL-BANDA

OPEN AIR FI TRIQ MAĠENB IL-KNISJA

Kbar: €25

Tfal: €12

IS-SIBT, 16 TA' AWWISSU
MIT-8.00 PM 'IL QUDDIEM

Għall-kbar:
appetizers + timpana + għażla bejn ribeye u chicken breast + kontorni u dežerta

Għat-tfal:
appetizers + beef burger + insalata + chips + dežerta

Bookings u dettalji: 79391306, 99265409

DJ Mark u live band se jkunu qed jallegrawna matul is-serata



Speċjali

Mark Edward Mifsud
Kaxxier

Għeżież Imġarrin,

Speċjali! Din is-sena hija speċjali għal dan il-każin żagħżugħ. Hija sena li fiha rsaqna pass eqreb li xi darba jkollna dar tagħna, dar għall-Imġarrin kollha. Dan ħa jġib miegħu sfidi ġodda għall-kumitat għax irid jara li l-proġett jibqa' sostenibbli għalina u għal ta' warajna. Il-kumitat huwa wieħed ħabrieki u dejjem jara l-interess tal-festa u l-każin qabel kollox.

Kull sena ġġib sfidi ġodda, u din is-sena ma naqsitx. Bħala l-kaxxier tal-każin l-ikbar sfida hija l-finanzi. Matul is-sena dejjem tellajna attivitajiet varji, bħal kunċerti żgħar u ikliet, li fihom l-Imġarri jista' japprezza t-talent li għandhom il-bandisti u l-allievi tagħna. Huwa importanti li nagħtu s-sapport tagħna bħala komunità lil dawn iż-żgħażagħ li għal xi wħud tkun esperjenza ġdida li qegħdin idoqqu quddiem udjenza. Għalkemm din tkun sfida ġdida, fl-aħħar mill-aħħar il-mużika tagħmlek persuna aħjar f'ħafna aspetti.

Matul dawn il-ftit snin li ilni kaxxier mal-kumitat dejjem kellna nuqqas ta' riżorsi. U riżorsa importanti apparti dik finanzjarja hi dik umana. L-esperjenza tiegħi hija waħda sabiħa ma' dan il-grupp magħqud tal-kumitat, u għalhekk inħeġġeġ lil dawk interessati biex jersqu 'l quddiem u jikkuntattjaw lil xi ħadd minn tal-kumitat.

Wara nuqqas ta' ftit snin il-każin reġa' nieda l-iskema tal-membri. Huwa ta' sostenn kbir għalina li ħutna l-Imġarrin jingħaqdu magħna f'din l-iskema. Tajjeb li wieħed ifakkar li l-każin jgħallem lill-bandisti u l-allievi b'xejn. Barra minn hekk, fil-festa l-każin joffri dan is-servizz lill-komunità b'xejn.

Viva Santa Marija!

PAPER SOURCE

Stationery, Toys, Gifts, Binding, Lamination

31, Triq il-Kbira Mġarr, Malta
Tel: 2157 2051, Email: papersource19@gmail.com



Banda Ħajja u Attiva

John Bugeja
Viċi President

Ħuti Mġarrin

Huwa ta' pjaċir li qed nerġa' nindirizzakom b'kelmtejn fl-okkażjoni tal-festa tal-parroċċa tagħna u sodisfatt li din id-darba qed niktbilkom fil-kariga ġdida ta' viċi president. Dan wara li fil-bidu ta' Frar li għadda, waqt il-laqgħa tal-kumitat, is-Segretarju Joseph Caruana ppropona lili biex ninħatar fil-kariga ta' viċi president tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, kariga li ġiet approvata uffiċjalment fil-laqgħa ġenerali annwali li nżammet fl-istess xahar. Din in-nomina ġiet bħal sajjetta fil-bnazzi – mhux għax ma kontx onorat b'dan il-fatt iżda għaliex qatt ma għaddieli l-ħsieb li xi darba seta' jkolli kariga prestiġjuża f'xi kumitat, allavolja ilni attiv fix-xogħol volontarju fl-Imġarr sa minn ċkuniti. Dejjem kont impenjat b'diversi xogħlijiet fil-parroċċa u għaldaqstant inħares 'il quddiem li nkompli nservi permezz ta' din il-kariga u flimkien naċċertaw li l-Imġarr ikompli jitkattar, filwaqt li jżomm it-tradizzjonijiet u l-identità unika tiegħu.

Is-sena li għaddiet il-banda tagħna ma waqfitx bl-impenji tagħha fit-tagħlim tal-mużika u s-servizzi fi ħdan il-komunità Mġarrija u oħrajn. Sintendi l-akbar servizz li nagħtu hu matul il-festa ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema – servizz bla ħlas. Minbarra li daqqejna fi rħula oħra, f'Diċembru li għadda ħadna wkoll sehem fl-okkażjonijiet tal-ħatra tal-Kappillan il-ġdid Fr Sean Abela billi l-banda akkumpanjatu fil-mixja mid-Dar Parrokkjali sal-knisja.

Biex iżżomm banda ħajja u attiva tirrikjedi mhux biss dedikazzjoni iżda wkoll riżorsi, inklużi finanzjarji. Il-flus ma jaqgħux mis-sema u tassew grati li l-Imġarrin dejjem urew is-sapport tagħhom u b'hekk tagħmluha possibbli li tkompli titwettaq il-missjoni tal-banda tagħna. Inkompli nħeġġiġkom li tkomplu tgħinuna billi tattendu għal xi ikla li norganizzaw matul is-sena jew billi tingħaqdu magħna permezz tal-membership. Kull kontribut huwa importanti u apprezzat.

Nirringrazzja lill-membri tal-kumitat tal-fiduċja li wrew fija u nwiegħed li se nkompli nkun viċin tagħkom, l-Imġarrin, permezz ta' ħidmiti fil-volontarjat.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Viva Santa Marija!

Kont taf li tista ssib aktar minn 50 diska u marċ tas-Soċjetà online?

Fittex "Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr" fuq Spotify, Youtube Apple music u oħrajn. Barra minn hekk tistgħu tużaw dawn id-diski u marċi għal stories fuq Social Media bħal Facebook u TikTok

Spotify YouTube Music Music

Prezentazzjonijiet Waqt il-Programm Vokali u Strumentali tal-Festa ta' Santa Marija tal-2024



Is-Sindku s-Sur Paul Vella ppreżenta donazzjoni mill-Fond Kulturali biex tkopri parti mill-ispiża tal-pedestall tal-istatwa tad-dimostrazzjoni.



L-Onor. Rebekah Borg tat donazzjoni lis-Soċjetà



L-Onor. Dr Ian Vassallo ppreżenta donazzjoni b'risq l-ispejjeż tal-banda



L-Onor. Charles Azzopardi ppreżenta donazzjoni lis-Soċjetà biex jinxtara strument mużikali



L-Onor. Dr Alicia Bugeja Said, ippreżentat donazzjoni b'risq l-ispettaklu ta' wara l-marċ tal-aħħar tridu



Is-Segretarju ppreżenta silta mużikali li ġiet regalata lis-Soċjetà mill-Onor. Dr. Adrian Delia



Is-Surmast Tancred Grech ingħata tifkira f'għeluq l-10 sena mill-ħatra tiegħu bħala surmast direttur tal-banda Mġarrija



L-Assistent Surmast Mauro Spiteri ngħata tifkira tal-okkażjoni



L-għalliem tal-allievi s-Sur Charlie Pace ngħata tifkira tal-okkażjoni



L-għalliem tal-allievi s-Surmast Andrew Calleja ngħata tifkira tal-okkażjoni



Il-President ippreżenta tifkira lis-Surmast Onorarju Tanya Attard tas-servizz li tat lill-banda Mġarrija bla ħlas



Il-President ippreżenta tifkira lis-Sur Dean Attard tas-servizz li ta lill-banda Mġarrija bla ħlas



Il-President ippreżenta tifkira lil Savannah Attard tas-servizz li ta lill-banda Mġarrija bla ħlas



Il-compère tas-serata Claudine Muscat ingħatat tifkira tal-okkażjoni

Grazzi tas-sapport tagħkom

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

PROGRAMM

Vokali u Strumentali

Fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Marija,

Is-Sibt, 23 ta' Awwissu 2025, fid-8.45 pm

f'Misraħ l-Assunta

taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Tancred Grech
FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE

Mistiedna Speċjali – Marisa D'Amato

Compère: Claudine Muscat





Tislima mill-Istat ta' California, l-Amerika lill-Imġarrin

Onor. Kav. Louis J Vella MQR
Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika
President Onorarju

Tislima mill-qalb lill-Imġarrin kollha, sew dawk f'Malta kif ukoll dawk li jgħixu barra minn Malta. Insellem ukoll lil dawk kollha li jżuru l-villaġġ pittoresk u għażiż tagħna. Ma ninsewx li l-festa vera hi dik li kull wieħed u waħda minna nħossu fi qlubna u f'moħħna. Dawn is-sentimenti nesprimuhom biċ-ċelebrazzjonijiet, bit-tiżjin, bil-mużika, bil-kuluri fl-art u fis-sema, bil-vara unika u maestuża tagħna u b'dak kollu li jġib ferħ ġenwin u nadif. Dak il-ferħ u sens ta' sodisfazzjon li jitnissel fit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna, biex għada pitgħada jkunu huma li jieħdu r-riedni, iżommu t-tradizzjoni, u l-istorja tissokta f'dan ir-raħal żgħir b'qalb kbira, għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Nixtieq ukoll inwassal l-isbaħ u l-egħżeż awguri għan-nom tal-komunità Maltija ta' California, u b'mod partikolari ta' dawk il-familji Mġarrin li joqogħdu hawn. Il-ħsieb tagħna lkoll jingħaqad ma' dak tagħkom li se tkunu qegħdin tiċċelebraw fir-raħal sabiħ tagħna. Xewqat mill-isbaħ għal festa ferrieħa, devota, sabiħa, qaddisa u 'l bogħod minn kull periklu.





Żmien il-Festa Huwa Żmien Sabiħ

Rev. Kan. Sean Abela
Kappillan

Il-festa tal-Assunzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija fis-sema tfakkarna fit-tama u l-glorja li tistenna lilna wkoll jekk ngħixu b'mod xieraq il-ħajja tal-fidi tagħna. L-istess fidi li għexet Marija, li ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem għall-glorja ta' Alla. Din is-sena hija sena speċjali għaliex flimkien mal-Knisja Universali qegħdin infakkru l-75 anniversarju mill-proklamazzjoni tad-domma tal-Assunta. Nhar l-1 ta' Novembru 1950 il-Papa Piju XII ipproklama, bħala domma tal-fidi, it-twemmin li Ommna Verġni Marija ttellgħet is-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Dan sar wara li dan it-twemmin kien diġà stabbilit fil-Knisja Universali għal diversi sekli.

Żmien il-festa huwa żmien sabiħ, kemm għall-komunità Nisranija fl-Imġarr imma wkoll għal kull min joqgħod hawn u min jiġi minn bnadi oħra. Il-festa hija ċelebrazzjoni tal-fidi tagħna, tal-għaqda fil-Mulej Ġesù u ta' bejnietna. Kull forma ta' ċelebrazzjoni, biex tagħmel sens, trid twassal dan. Dan nesprimuh b'diversi modi, fosthom permezz tal-mużika. Il-preżenza tal-banda tgħin biex nesprimu l-ferħ tagħna f'dawn il-jiem, imma hija wkoll espressjoni tad-devozzjoni u l-fidi tagħna. Permezz tal-mużika, flimkien ma' elementi oħra, tingħata l-ħajja lil dan il-jum tant għażiż.

L-eżempju ta' Marija jistedinna ngħixu b'umiltà, imħabba u fiduċja sħiħa f'Alla. Jalla dawn il-valuri jkunu ispirazzjoni għalina lkoll, kemm fil-ħajja tagħna ta' kuljum kif ukoll fis-servizz tal-voluntiera lejn il-festa u lejn il-komunità. L-akbar riżultat ta' jekk festa kinitx suċċess jew le jitkejjel fuq kemm verament nersqu lejn dak li tressaqna lejh Marija. Lejn Binha Ġesù, permezz tas-sagramenti, b'mod speċjali l-ewkaristija u l-qrar. Ikun kollu għalxejn li niċċelebraw u norganizzaw jekk ma nersqux lejh.

Nieħu l-okkażjoni biex f'isem il-parroċċa u l-Kummissjoni Festa nirringrazzja mill-qalb għall-kollaborazzjoni u s-sehem kontinwu lill-kumitat, il-banda u l-membri tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr fil-jiem tal-festa imma wkoll matul is-sena kollha. Ommna Marija Mtellgħa fis-Sema tħariskom dejjem, u jalla din il-festa tkun waħda mimlija barka u grazzji għall-komunità parrokkjali kollha tagħna u għal kull min iżurna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd u viva Santa Marija!

Il-festa t-tajba
lill-Mġarrin kollha



Viva Santa Marija

Charles Azzopardi
Deputat Parlamentari


ALICIA
BUGEJA SAID
Nawgura
l-Festa t-Tajba
lill-Imġarrin kollha!
info@aliciabugejasaid.com
7977 7113



HORACE ENTERPRISES

TROPHIES, SPORTS GOODS
AND EQUIPMENT

84, Triq Il-Gudja, Għaxaq GXQ 2175

21696302 / 99420346

horaceltd@gmail.com

WE PRINT ON T-SHIRTS

Ray's Garage

TAĊ-ĊATT

Repairs & Servicing on Petrol and Diesel Cars.
Diagnostics and Airconditioning Charging.



Bingemma Road, Imgarr.

Contact: Raymond Muscat 99477571



Il-Mużika fil-Qalba tal-Festa

Tancred Grech
FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE
Surmast Direttur

Kull sena, hekk kif jibdew jitpoġġew l-ewwel bandalori u tiżjin fit-toroq tal-Imġarr, qalbi terġa' timtela b'għożża u emozzjoni li diffiċli tispjegaha. Il-festa tibda tieħu l-forma tagħha – mhux biss bil-kulur u d-dawl imma bil-mużika li tgħaqqadna, li tferraħna u li tfakkarna min aħna.

Għalkemm jien m'iniex mill-Imġarr oriġinarjament, jien u l-familja tiegħi nħossuna parti minnha daqs kull Imġarri. Din ir-rabta ma ġietx b'kumbinazzjoni – kont fost l-ewwel surmastrijiet li bdejt mit-twelid tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema, u minn dakinhar il-mużika u l-komunità Mġarrija saru parti integrali minni.

Il-banda mhix biss għaqda mużikali – hija qalb tħabbat b'ritmu wieħed, magħmula minn ġenerazzjonijiet li taw ħinhom u qalbhom biex jibnu dak li għandna llum. Meta mmexxi lill-banda waqt marċ jew kunċert tal-festa nħossni qiegħed ngħix mument li fih il-passat, il-preżent u l-futur jingħaqdu f'nota waħda.

Din is-sena kellna mument sabiħ u ta' sodisfazzjon kbir: se toħroġ iddoqq mal-banda l-istudenta Maria Mifsud, fuq il-klarinett, li titgħallem mas-Sur Charles Pace. Inħossni kburi ħafna biha u nixtieq nirringrazzja lis-Sur Pace tal-ħidma tiegħu, kif ukoll lil Mro Andrew Calleja għall-għajnuna u s-sapport kontinwu tiegħu lejn iż-żgħażagħ tagħna.

Din is-sena wkoll se jingħaqad mal-banda tagħna ibni Matthias Grech fuq l-ewfonju – mument speċjali għalija wkoll, bħala missier, li nara wkoll l-imħabba ta' ibni lejn din il-banda ferm għal qalbi.

Ma nistax ma nsemmix ukoll il-ħidma bla heda tal-kumitat ċentrali, li kontinwament jaħdem biex din is-Soċjetà timxi 'l quddiem b'dinjità u b'passjoni. Grazzi speċjali lis-Segretarju, is-Sur Joseph Caruana, li dejjem insibu lest biex jgħinni u jisma' s-suġġerimenti tiegħi – b'serjetà, dedikazzjoni u ġenwinità – u li jistħoqqlu kull tifħir.

Il-mużika hi l-qalba tal-festa – mhux biss bħala dekorazzjoni imma bħala esperjenza spiritwali, emozzjonali u komunitarja. Hi l-vuċi tagħna bħala poplu. U l-banda tagħna – tal-Madonna Mtellgħa s-Sema – tibqa' tħabbat b'dik il-vuċi tant sabiħa li tgħaqqad lill-Imġarr kollu f'mużika waħda.

Ma nistax ninsa s-sapport kbir tal-familji tal-bandisti, li dejjem ikunu hemm biex jagħtu l-appoġġ tagħhom. Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li jikkontribwixxu biex il-banda tagħna tkompli tkun suċċess – mill-iżgħar studenti sal-aktar veterani.

U fl-aħħar imma żgur mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja wkoll lill-familja tiegħi – lil marti Katya u 'l uliedi Matthias u Ema – tas-sapport kbir tagħhom kemm lejja u kemm lejn din il-banda, u li dejjem insib għajnuna kbira mingħandhom. Mingħajrkom żgur li ma nkunx fejn jien illum.

J&J GAUCI (Granite) Ltd.
Triq tal-Ħaddedin, Binġemma L/O Mġarr, Malta.
Tel: +356 2157 0540 | Web: www.jjgauci.com
Email: info@jjgauci.com







Specialists in Hand-Selected Stone from Around the World

Malta's leading importer of premium natural and artificial stone slabs.
Our curated portfolio includes Marble, Granite, Travertine
Hardstone, Onyx, Porfido and Quartz.



Minn qalbi nawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd
filwaqt li nixtieq
iktar suċċessi
lis-Soċjeta' Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema

Dr. Sonia Consiglio
Avukat u
Konsulent Legali

Uffiċċini 12, Triq ix-Xagħra tal-Knisja, Mgarr - MGR 1424
92, Triq il-Ferrovija l-Qadima, St. Venera - SVR 9015
Mobile 9940 6207
Email avukat.consiglio@gmail.com

Innijiet u marċi proċessjonali li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2025

Innu tal-banda - **Marija Mtellgħa s-Sema**	Mużika: Mario Testa Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi
Innu popolari - **Infaħħruk Dejjem**	Mużika: Tancred Grech Lirika: Joseph Caruana
Innu popolari - **L-Imġarr Iben Marija**	Mużika: Vincenzo Ciappara Lirika: Ġanni Cilia
Innu marċ - **Sultana tal-Imġarr**	Mużika: Tancred Grech Lirika: Joe Julian Farrugia
Innu marċ - **F'Jum il-Festa**	Mużika: Mary Cauchi Arr. Victor Zammit Lirika: Joe Sammut
Innu popolari - **Xbieha Ħelwa**	Mużika: Chris Sciberras Lirika: Joseph Caruana
Auxilium Christianorum	Neville Pace
Marcia Processionale N. 1	Ray Sciberras
Marcia Processionale N. 2	Ray Sciberras
Marija Omm l-Imġarrin	Ray Sciberras
Regina del Cielo	Ray Sciberras
Sultana tas-Sema	Andrew Calleja
Warda tal-Imġarr	Daniel Vella
L-Assunta	Alex Caruana Arr. Simon Farrugia
In Assumptione Beatae Mariae Virginis	Adrian Sciberras
Sultana tal-Ħolqien Kollu	Tano Monseigneur
Bl-Imħabba Tiegħek, Marija	Tanya Schembri
Assumpta Est Maria	Luke Vella
Lill-Patruna tal-Imġarrin	Chris Sciberras
F'Dik Ħarstek Ħanina	Arr. Ray Sciberras
Fil-Ħlewwa ta' Mejju	Arr. Ray Sciberras
Fis-Santwarju tal-Madonna	Arr. Ronnie Debattista
Innu ta' Fatima	Arr. Ray Sciberras
Ismagħha l-Għanja	Arr. Ronnie Debattista
Lil Marija Reġina	Arr. Ray Sciberras
Madonna Sbejħa Tagħna	Arr. Ray Sciberras
O, Kemm Nixtieq Naraha!	Arr. Ronnie Debattista
Angelus	Arr. Ray Sciberras
Ave Maria	Arr. Ronnie Debattista

Marċi brijużi li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2025

Karl	Tancred Grech
Martina	Mauro Spiteri
Stella Blu	Wayne Bartolo
Suona la Fanfarra	Willie Attard
10 Snin Anniversarju	Chris Sciberras
Mgarrio	Daniel Vella
Un Danse Orientale	Luke Vella
Tal-Lumu	Hertian Gauci
Maria Assunta	Christopher Tanti
Caserta	Shaun Mifsud
Leah u Jake	Joe Miceli
Binġemma	Andrew Calleja
Sharon	Tancred Grech
Taħbit ta' Qalbi	Tanya Schembri
Queen of Queens	Andrew Coleiro
Xibi l-Pa	Ray Sciberras
Valley of Roses	Charles Zammit
Millennium	Andrew Coleiro
Nigel	Mario Testa
Victory	Vincenzo Ciappara
Leona	David Caruana
Il-Bożen	Maġ. Anthony Aquilina
Santos	David Agius
Coronation	Joseph Azzopardi
Sorrento	Orazio Cachia
The King	Archibald Mizzi
Kummissjoni Banda	Ray Sciberras
Moenchengladbach	David Caruana
Fiesta	Maġ. Anthony Aquilina
Giovanni l-President	John David Zammit
Antoine ċ-Ċavett	Elton Lee Abela
Lorenza	Hector Dalli
Golden Jubilee	Emanuel Bugeja
Coronation	Luigi Bongailas
Benjamin	Emanuel Bugeja
Marċi u Bandalori	Anthony Camilleri
Los Reyes	Carmel Borg
100 Sena Fostna	Joseph Galea
Agrigento	Andrew Coleiro

Surmast Direttur
Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE

Maths + Physics



Mr. Kenneth Borg

Year: 7 to year: 11 - O level May 2026

Mellieha - Mgarr - Online

Individual attention

Topics organised in booklets

New groups starting mid - July

Book your place: 79093071

TRAVEL MOTOR

HOME HEALTH

BOAT BUSINESS

DO YOU NEED INSURANCE?
WE'VE GOT YOU COVERED

SUSAN MICALLEF

Tied Insurance Intermediary for

MAPFRE

E: susan.micallef@gmail.com
M: (+356) 79722912

74, Triq Sir Temi Zammit,
Zebbiegh, Mgarr

Susan Micallef is enrolled under the Insurance Distribution Act, Cap. 487 of the Laws of Malta, as a Tied Insurance Intermediary for MAPFRE Middlesea p.l.c. (MMS). MMS (C-5553) is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) to carry on both long-term and general business under the Insurance Business Act, Cap. 403 of the Laws of Malta. Both the TII and MMS are regulated by the MFSA.
These Products are manufactured by MAPFRE Middlesea p.l.c, which provides cover under these policies, and are distributed by Susan Micallef



Mġarr Farmers Cooperative Society Ltd.












Sir Temi Żammit Street, Żebbiegħ
Tel: 2158 2410
Email: mgrfcs@gmail.com

Opening Hours:
Mon-Fri: 8.00-12.00, 14.00-18.00 *(Winter)*
8.00-12.00, 15.00-19.00 *(Summer)*
Saturday: 8.00-12.00
Sundays and Public Holidays closed



X-CAVA

PROJECTS LTD

Onorefiċenza

Joseph Caruana

Ordine Della Stella d'Italia

Fil-5 ta' Mejju 2025, fir-residenza tal-Ambaxxatur Taljan l-Eċċellenza Tiegħu Fabrizio Romano, Mons. Dr Edgar Vella ngħata l-onorifiċenza (il-ġieħ) ta' Kavallier tal-Ordine della Stella d'Italia.



L-Ambaxxatur l-Eċċellenza Tiegħu Fabrizio Romano jagħti l-onorifiċenza lil Mons. Edgar Vella

Dan il-ġieħ ingħata lill-Imġarri Mons. Edgar Vella wara nomina u skrutinju rett dwar il-kontribut tiegħu fil-kamp kulturali u artistiku bejn Malta u l-Italja, bis-sehem tiegħu fid-diversi skambji u proġetti li fihom kien involut, f'wirjiet artistiċi u s-sehem kuratorjali kif ukoll konferenzi dwar il-patrimonju artistiku ekkleżjastiku. Ma' dan ġie rikonoxxut is-sehem vitali fl-introduzzjoni tal-presepju Naplitan f'Malta u l-assistenza tiegħu fil-kamp akkademiku ma' studenti universitarji Taljani.

Iċ-ċertifikat, maħruġ Ruma fit-30 ta' Diċembru 2024, huwa ffirmat mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Koperazzjoni Internazzjonali u l-E.T. il-President tar-Repubblika Taljana Sergio Mattarella.


ORDINE DELLA STELLA D'ITALIA

IN VIRTUTE VIRTUS

IL PRESIDENTE DELLA REPUBBLICA

PRESIDENTE DELL'ORDINE DELLA STELLA D'ITALIA

HA CONFERITO L'ONORIFICENZA DI CAVALIERE

A

Monsignor Edgar Vella

Il-parċmina li tiċċertifika l-onorifiċenza, iffirmata mill-President tal-Italja l-Eċċelenza Tiegħu Sergio Mattarella



L-insinji tal-onorifiċenza



7949 0760

PALMIER
DEMOLITION
&
EXCAVATION

PALMIER DEMOLITION & EXCAVATION

We provide top-quality demolition and excavation services. With a focus on safety and efficiency, we prepare the groundwork for future projects with unmatched precision and care.


CONTACT US

+356 7949 0760









NORD, Triq Burmarrad, Burmarrad

+356 9999 9978

@nordmalta

Bejn Festa u Oħra

Joseph Caruana

Issa saret drawwa li kull sena nwassal il-memorji u nagħti rendikont tal-ħidma li nkunu wettaqna bejn festa u oħra, kif iġib l-isem ta' din il-kitba tant mistennija minnkom. Qabelxejn nirringrazzjakom talli tapprezzaw dan ix-xogħol u tkunu ħerqana li ssibu dawn il-ftit linji li filwaqt li jfakkruna f'dak li għaddejna minnu, dan jibqa' miktub għal dawk ta' warajna.



Il-banda waqt il-festa tat-tfal, organizzata mill-parroċċa

Il-festa tas-sena li għaddiet kienet waħda sabiħa, bħal dik ta' qabilha. Festa li ħalliet bosta memorji fil-qlub tagħna l-Imġarrin. Festa li kompliet twitti t-triq għal dawk li jsegwuna. Il-ħidma kienet biex ikollna festa sabiħa. Il-ħidma kienet varjata. Kien hemm impenn mużikali kif ukoll l-impenn amministrattiv u dak tal-fundraising, ħidma neċessarja biex kollox jitwettaq kif mixtieq.

Fil-fatt il-banda tagħna ħadet sehem bil-kbir fil-festa, u dan kollu kien grazzi għalikom li tajtu s-sapport tagħkom.

Fil-ġimgħa tal-festa ferraħna lit-tfal li jattendu Skolasajf billi daqqejna marċi brijużi waqt l-attività Festa Tfal, organizzata għalihom.





Il-President jippreżenta tifkira lil 3 bandisti li ġew jagħtu s-servizz tagħhom bla ħlas mill-Awstralja. Dawn kienu Glenn, Rebecca u Mariah Xuereb





Il-banda tferraħ lil ðawk preżenti waqt Festa Tfal, organizzata fl-iskola primarja tal-Imġarr waqt Skolasajf

M'għandniex xi ngħidu, l-Erbgħa 7 t'Awwissu l-banda ħadet sehem ukoll waqt il-festa tat-tfal organizzata mill-parroċċa fil-jiem tal-festa. Hawn nixtieq nirringrazzja lill-President is-Sur Giovanni Gatt, li ta' kull sena jiġbor il-finanzi biex il-banda jkun possibbli li tieħu sehem waqt din il-festa tat-tfal.

Imbagħad il-banda ħadet sehem fil-festa billi għamlet dimostrazzjoni bl-istatwa tal-Assunta nhar il-Ġimgħa, 16 t'Awwissu 2024. L-għada s-Sibt il-banda daqqet waqt l-inawgurazzjoni ta' Misraħ l-Assunta u wara esegwiet programm vokali u strumentali fuq il-plančier taħt it-tmexxija tas-Surmast Tancred Grech. F'jum il-festa titulari ta' raħalna l-banda daqqet l-innu popolari *L-Imġarr Iben Marija* u *L-Innu l-Kbir lil Santa Marija* tas-Surmast Scolaro waqt il-ħruġ tal-vara titulari. Wara akkumpanjat il-purċissjoni minn Triq San Pawl, kantuniera ma' Triq Sir Harry Luke, sakemm il-vara waslet fuq iz-zuntier.



L-istatwa tað-ðimostrazzjoni ħekk kif il-marċ waṣal f'Misraħ l-Assunta



Il-banda ðoqq waqt l-inawgurazzjoni ta' Misraħ l-Assunta



Dawk preżenti waqt il-marċ tað-ðimostrazzjoni ħekk kif l-istatwa ttellgħet fuq il-pedestall



Fr Noel Vassallo, amministratur parrokkjali, u Fr Sean Abela flimkien mar-reffiegħa waqt il-marċ tað-ðimostrazzjoni



Il-kantant Mike Spiteri flimkien mal-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr waqt il-programm mużikali ta' lejlet il-festa 2024



Il-banda Mġarrija waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-istatwa titulari ta' Santa Marija

Naturalment il-festa tinvolvi ħafna spejjeż, u dawn kollha rridu naħsbu għalihom. Ta' min isemmi hawn li ħafna minnhom jinġabru matul is-sena permezz tal-attivitajiet li norganizzaw. Barra minn hekk niġbru diversi sponsors u donazzjonijiet mingħandkom l-ammiraturi u l-partitarji. Fil-ġimgħa tal-festa norganizzaw ukoll l-ikla l-kbira. Din l-attività hi ferm importanti biex flimkien mad-donazzjonijiet li niġbru fil-jiem tal-festa, meta nqassmu dan il-ktieb, ikollna mezzi biżżejjed biex niffinanzjaw il-festa.



Membri tal-kumitat flimkien ma' xi partitarji jqassmu bieb bieb il-ktieb tal-festa u jiġbru xi donazzjonijiet b'risq l-ispejjeż tal-banda



Dawk preżenti għall-ikla tal-festa, li saret fit-13 t'Awwissu 2024

Barra l-finanzi importanti wkoll li jkollna l-għajnuna tal-id. Hawn ma nistax ma nsemmix u ma nirringrazzjax lil dawk kollha li fil-jiem tal-festa jagħtu l-għajnuna tagħhom, jew billi jiġu jgħinu jew anke saħansitra jisilfuna l-inġenji tagħhom biex inkunu nistgħu narmaw il-pedestall jew inġorru u nippreparaw għall-attivitajiet tal-festa.

It-tagħlim tal-mużika hu xi ħaġa li lilna tiddistingwina minn għaqdiet oħra, għax hu dik ix-xi ħaġa differenti li nagħmlu. Dan hu s-sabiħ tal-għaqda tagħna. Il-flus li niġbru jiġu investiti fi wliedna u wlied raħalna. Dan għaliex ngħallmu l-mużika u ngħinu fl-iżvilupp tal-istudenti tagħna. Dan kollu nagħmluh bla ħlas. Dan hu investiment ħaj għax kif tgħaddi l-festa ma ngħidux li fadal biss il-memorji imma ngħidu li aħna investejna u għandna l-mużiċisti tagħna. Matul din is-sena komplejna żidna l-enfasi fuq it-tagħlim tal-mużika. Dan jidher biċ-ċar għax żdiedu b'mod konsiderevoli dawk li ngħaqdu magħna biex jitgħallmu l-banda. L-għalliema tagħna jagħtu lezzjoni kull ġimgħa lill-allievi tagħna. Is-Surmast Tancred Grech, filwaqt li hu responsabbli mill-banda, hu inkarigat li jgħallem l-istrumenti tar-ram u l-perkussjoni. Is-Sur Charlie Pace jgħallem l-istrumenti tal-qasba, filwaqt li s-Surmast Andrew Calleja hu inkarigat miż-żgħar. Hemm ukoll





Diversi voluntiera li taw sehemhom waqt il-preparamenti fil-jiem tal-festa





diversi allievi li jattendu kemm lezzjoni għand is-Surmast Calleja kif ukoll għand is-Surmast Tancred Grech jew is-Sur Pace. Dan għaliex għand is-Surmast Calleja jitħarrġu fil-widna u anke fir-ritmu. Ninsabu ferm kuntenti b'dan it-tim ta' għalliema, li qed jagħtu dak kollu li jistgħu biex il-banda tagħna tkompli tikber. Hu ta' sodisfazzjon li din is-sena Maria Mifsud se tiddebutta mal-banda bħala bandista ġdida bil-klarinett. Minn hawn nawguralha biex tibqa' titgħallem u tipperfezzjona, u nħeġġeġ lilkom il-qarrejja biex intom ukoll tiġu jew tħajru lil uliedkom jitgħallmu strument fi ħdan il-banda tagħna.

Minbarra l-lezzjonijiet matul din is-sena organizzajna żewġ home concerts. Dawn kienu wieħed għal żmien il-Milied, li sar fil-kunsill lokali tal-Imġarr nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru 2024, u ieħor f'Mejju, li sar nhar il-Ġimgħa 16 ta' Mejju u għamilnieh fil-maħżen tal-knisja. Kien ta' sodisfazzjon kbir li ppartecipaw il-bandisti u l-allievi tagħna f'dawn iż-żewġ home concerts, li huma ferm importanti biex ikomplu jiżviluppaw it-talenti tagħhom. Ingħatat ukoll opportunità lil dawk li għadhom ma jipprattikawx bl-istrument biex jieħdu sehem permezz tal-qari ta' poeżija.





Il-poster tal-home concert tal-Milied u dak li ġie organizzat f'Mejju 2025



Il-bandista l-ġdida Maria Mifsud flimkien mas-Surmast Direttur Tancred Grech (fuq ix-xellug) u l-għalliem is-Sur Charlie Pace (fuq il-lemin)



Waqt waħda mil-lezzjonijiet tas-Surmast Andrew Calleja





Is-Surmast Tancred Grech waqt li qed jagħti lezzjoni lill-allievi tagħna





Dawk li attendew il-home concert ta' Mejju

Fid-9 ta' Diċembru 2024 jien irrappreżentajt lis-Soċjetà fuq il-programm televiżiv li xxandar fuq Xejk TV. Dan kien immexxi mill-Kav. Stanley Mangion. Waqt dan il-programm, permezz ta' diversi mistoqsijiet u filmati li dehru, tajt spjegazzjoni qasira tal-ħidma li wettqet l-għaqda tagħna tul iż-żmien. La semmejt il-media ma nistax ninsa nsemmi wkoll li ta' kull sena nkunu mistiedna fuq il-programm tal-festi li jixxandar fuq One Radio. U matul is-sena jindaqqu diversi marċi mir-recordings tal-għaqda tagħna fil-programm *Marċi u Bandalori*, immexxi mis-Sur Joe Chetcuti fuq Net FM, u mis-Sur Daniel Vella fuq l-istazzjonijiet tal-PBS waqt il-programm *Marċifest*.

F'Diċembru l-banda kellha impenn ieħor importanti. Dan kien nhar il-Ħadd 15 ta' Diċembru, meta l-banda daqqet fil-jum tal-pussess tal-kappillan il-ġdid Fr Sean Abela. Dan is-servizz tħallas mill-Imġarrin, li taw donazzjoni lill-President tagħna b'risq dan il-marċ brijuż, marċ li ta merħba sabiħa lill-Kappillan fil-bidu tal-ħidma pastorali tiegħu fostna.



Il-banda Marija Mtellgħa s-Sema tibda s-servizz fil-jum tal-pussess tal-kappillan il-ġdid



Membri tal-kumitat iwasslu l-awgurju lill-kappillan il-ġdid waqt riċeviment li saru wara l-pussess



Il-banda ddoqq l-innu pontifiċju mal-wasla tal-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof Joseph Jude Scicluna qabel beda l-quddiesa tal-ħatra tal-kappillan il-ġdid

Il-Ħamis 2 ta' Jannar il-banda kellha l-ewwel impenn tagħha. Dan billi daqqejna waqt l-attività organizzata mill-kunsill lokali tal-Imġarr, L-Epifanija fl-Imġarr, flimkien mal-banda, li tmexxiet mis-Surmast Direttur Tancred Grech. Ħadet sehem il-kantanta Thea Gauci.



Il-poster tal-attività L-Epifanija fl-Imġarr

Matul is-sena organizzajna diversi attivitjaiet ta' fundraising. Dan dejjem biex niġbru l-finanzi ħalli nwettqu l-pjanijiet tagħna u nħallsu lill-għalliema li jgħallmu l-banda fi ħdan l-għaqda tagħna.

Ammont konsiderevoli ta' flus jidħol ukoll minn diversi fondi li nakkwistaw permezz ta' proposti li nippreżentaw biex inwettqu diversi proġetti. Matul din is-sena bbenefikajna minn żewġ skemi, waħda maħruġa mill-Aġenzija Żgħażagħ,



Posters ta' diversi attivitajiet ta' fundraising li organizzajna matul is-sena

li tgħin fil-ħlas tat-tagħlim tal-mużika, u oħra li ħarġet mill-Kunsill Malti għall-Arti, li permezz tagħha se nirħamaw il-pedestall tal-istatwa tad-dimostrazzjoni, kif ukoll xtrajna sett leġiji għall-iPads li ddoqq fuqhom il-banda fuq il-planċier, kif ukoll xtrajna għaxar iPads oħra, biex issa għandna ammont biżżejjed għal kull mużiċist.

Il-Ħadd, 16 ta' Frar 2025 il-banda għamlet il-programm annwali waqt is-serata mtellgħa mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, dik ta' Ġieħ l-Imġarr.

Matul is-sena kellna żewġ riżenji.



Il-President Giovanni Gatt waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-fondi mill-Kunsill Malti għall-Arti



Il-poster marbut mal-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ, li fIh qed nagħmlu sejħa għal membri ġodda fi ħdan l-iskola tal-mużika tagħna



Il-banda waqt is-serata Ġieħ l-Imġarr tal-2025

L-Asst Surmast Mauro Spiteri, minħabba raġunijiet personali, ħalla l-kariga tiegħu. L-istess għamlet Christina Vella, li għal diversi snin kienet parti mill-kumitat eżekuttiv. Magħhom ukoll is-Sur Colin Falzon ma reġax ikkontesta għall-kumitat eżekuttiv. Minn hawn nirringrazzjahom tal-għajnuna li dejjem tawna u jafu li l-bieb tagħna dejjem ikun miftuħ għalihom.

Fis-27 ta' Frar 2025, fis-sala tal-kunsill lokali tal-Imġarr, għamilna l-laqgħa ġenerali. Waqt din il-laqgħa s-Sur Scott Beerman daħal fil-kumitat. Dakinhar ukoll is-Sur John Bugeja nħatar viċi president biex mela l-kariga battala li ħalla s-Sur Colin Falzon. Ma kienx hemm tibdil ieħor fil-kumitat eżekuttiv waqt din is-seduta ġenerali. Ftit wara s-Sur Cristian Cassar ġie co-opted fil-kumitat.

Għall-Ġimgħa Mqaddsa ħadna ħsieb nordnaw il-pavaljuni biex il-parruċċani jżejnu l-gallariji tagħhom. Barra minn hekk konna mistiedna mill-parroċċa biex nibagħtu rappreżentant waqt il-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka għaċ-ċerimonja tal-ħasil tas-saqajn.

Kienet ilha x-xewqa li jkollna l-mużika tagħna fuq Spotify. Din ix-xewqa issa



L-avviż tal-laqgħa ġenerali



Kumitat Eżekuttiv 2025-2026

Fuq wara mix-xellug: Is-Sur Scott Beerman, l-Av. Dr Sonia Consiglio, is-Sinjura Angela Muscat, is-Sinjura Maria Vella, is-Sinjura Sharon Azzopardi, is-Sur Cristian Cassar.
Fuq quddiem mix-xellug: Is-Sur Mark Edward Mifsud (kaxxier), is-Sur Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), is-Sur Giovanni Gatt (President), il-Kan. Rev. Sean Abela (Kappillan), is-Sur John Bugeja (Viċi President).

twettqet u wieħed jista' jisma' l-marċi u s-songs tal-għaqda tagħna meta jrid u xħin irid. Mhux biss, iżda jista' wkoll juża dawn il-marċi u l-innijiet mal-istories li jtella' fuq Facebook jew Instagram. Ħaġa oħra li ta' min isemmiha hi li issa anke nistgħu nirċievu u nagħmlu l-pagamenti permezz tal-BOV Mobile Pay. In-numru tas-Soċjetà tagħna huwa 79442011. Kull min jixtieq jgħaddi xi donazzjoni b'risq il-banda u l-festa jista' jagħmel dan faċilment. Aħna nkunu grati immens għad-donazzjoni tagħkom.

Din is-sena l-banda ġiet mistiedna biex tagħmel tliet servizzi barra r-raħal. Dawn kienu nhar il-Ħadd, 20 ta' Lulju, fil-festa ta' San Ġużepp, il-Kalkara, Ħadd wara fis-27 ta' Lulju għall-festa ta' Santa Venera, u s-Sibt 2 t'Awwissu Ħal Lija fil-festa ta' Ġesù Salvatur.

Issa ninsabu preparati biex nieħdu sehem bil-kbir fil-festa tant għażiża għalina, dik ta' Santa Marija, li se tiġi ċċelebrata f'raħalna bejn il-Ġimgħa 8 u l-Ħadd 24 t'Awwissu 2025. pic

M'iniex se nagħlaq qabel nagħmel referenza għall-proġett tal-każin. Wara tant stennija, issa fil-jiem li ġejjin il-kuntrattur magħżul se jibda x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Veru ilna nistennew, imma issa wasalna. Tul din is-sena sar ħafna xogħol biex ġie ppubblikat it-tender u anke ġie evalwat u ntgħażel il-kuntrattur.

Naħseb taqblu miegħi li kienet sena impenjattiva u li se tibqa' mfakkra. Saret ħidma fejjieda għall-ġid tal-għaqda tagħna u l-lokal tant għażiż għalina. Memorji li setgħu jitwettqu bil-ġenerożità tagħkom, li minn żmien għal żmien għaddejtulna.

Minn qalbi nirringrazzjakom talli dejjem kontu hemm għalina, u nappellalkom tibqgħu tagħtuna s-sapport meħtieġ. Dawn ix-xhur kienu xhur sbieħ mimlija impenn, u bil-għajnuna tagħkom u ta' Santa Marija nistgħu ngħidu li aħna sodisfatti u kuntenti li wasalna s'hawn.

Jekk il-Bambin iħallini fost il-ħajjin is-sena d-dieħla nerġa' nwasslilkom rendikont ta' dak li se nwettqu flimkien fit-12-il xahar li ġejjin.



Il-banda Mġarrija ddoqq waqt l-attività, l-Epifanija fl-Imġarr.



Għallimtni Nħobb lil Marija

Patri Mario Attard OFM Cap

Din is-sena ġarrabt telfa kbira f'ħajti. Ommi Marija, li tant ħabbitni u għadha tħobbni mis-sema, ħalliet dal-wied tad-dmugħ nhar is-Sibt, 22 ta' Marzu 2025. Illum, wara dawn ix-xhur, qiegħed ftit hawn, fil-kwiet ta' kamarti tal-kunvent tad-dinja, napprezza minn qalbi l-wirt Marjan li ħallietli.

L-ewwel nett nixtieq ngħid li lil ommi dfinnieha bil-laptu tal-Madonna tal-Karmelu. Fir-realtà ommi kienet tħobb tilbes il-laptu tal-Madonna. Dal-fatt ifarraġni bil-bosta. Fuq ħafna skapulari tinsab imnaqqxa l-wegħda oriġinali li Ommna Marija għamlet lil San Xmun Stock: *Min imut imlibbes b'dan l-iskapular ma jsofrix in-nar ta' dejjem.* Illum ngħid li ommi, bil-grazzja tal-Mulej, qed tgawdi b'riħet din il-wegħda. Dan l-għaliex is-Sibt ta' wara li mietet, nhar id-29 ta' Marzu 2025, it-tabib kien ordnali biex nagħmel proċedura medika msejħa "venesection". Is-soltu t-tobba kienu jitħabtu fuq li jitħabtu biex isibuli dik l-imbierka vina. Għalhekk, qabel ma t-tabiba niggżitni, niftakarni nitlob lill-għażiża ommi, u kif kont fuq il-couch għedtilha: *Ma, nitolbok biex titlob għalija ħalli t-tabiba ssibli l-vina.* U tassew, tafux, l-għaliex it-tabiba sabitha f'kemm ilni ngħidlek u wara 10 minuti l-borża tad-demm imtliet sax-xfar. Illum ngħid li l-Mulej sema' talbi, bit-talb t'ommi mhux sinjal ċar li qiegħda fis-sema miegħu? Hijiex din prova qawwija tas-salvazzjoni ta' ruħha?

Meta niftakar fil-ħajja t'ommi nara kemm ħajjitha hi għalija ta' evanġelizzazzjoni mill-akbar biex inħobb lil Marija. Fis-sempliċità tagħha ommi għexet fedelment il-kundizzjonijiet li Marija tat lil dawk li jilbsu l-iskapular il-kannella. Ommi mhux biss kienet tilbes dan l-iskapular kontinwament imma kienet fuq kollox tgħix ħajja ta' karità fil-kastità tas-sejħa tagħha kemm bħala miżżewġa u anki meta romlot. Ma' Radju Marija kienet titlob l-*Uffiċċju Divin*, ma tikolx laħam kull nhar ta' Erbgħa u s-Sibt, titlob ir-rużarju mqaddes u twettaq l-opri tal-ħniena mill-kamra tagħha ma' dawk ta' madwarha u lil hinn minnha.

F'dan kollu l-għażiża ommi għallmitni li l-iskapular jagħti l-grazzji u lilna jgħinna nikkoperaw miegħu biex dawn il-grazzji nirċevuhom. Ma ninsewx dak li nsibu miktub fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* numru 1670, meta jitħaddet dwar is-sagramentali, jiġifieri dawk *is-sinjali mqaddsa [li Ommna l-Knisja Mqaddsa waqqfet] li bihom, f'sura ta' xebh mas-sagramenti, jiġu mfissra u jingħataw bit-talb tal-Knisja, xi effetti, l-aktar spiritwali, li bihom il-bnedmin jitħejjew biex jirċievu l-effett ewlieni tas-sagramenti, u l-ħafna ċirkustanzi tal-ħajja jitqaddsu* (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, nru 1667). Il-koperazzjoni li tiġini f'moħħi u f'qalbi rigward l-għażiża ommi hi li minn żmien għal żmien kienet tersaq għas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni kif ukoll għat-tqarbin imqaddes. Hi kienet tbierek il-jum tagħha fir-residenza Casa Maria bit-talb bla ma jaqta' li kienet titlob ma' Radju Marija.

F'dan kollu tajjeb li nżommu f'moħħna wkoll dak li Ommna l-Knisja tgħallimna dwar

dawn iż-żinjali mqaddsa li bihom jingħataw l-effetti spiritwali li nsibuhom fl-aqwa tagħhom fis-sagramenti: *Iż-żagramentali ma jagħtux il-grazzja tal-Ispirtu ż-Santu kif jagħtuha ż-żagramenti, imma permezz tat-talb tal-Knisja jħejju biex wieħed jirċievi l-grazzja u jiddisponuh ħa jikkopera magħha. "Għall-Insara li għandhom dispożizzjonijiet tajba, il-ġrajjiet kollha tal-ħajja, nistgħu ngħidu, huma mqaddsin bil-grazzja ta' Alla li tiġi mill-misteru tal-Għid tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien mill-imwiet ta' Kristu, għaliex minnu jiksbu l-qawwa tagħhom iż-żagramenti kollha u ż-żagramentali; u nistgħu ngħidu li m'hemmx ħaġa materjali li l-użu xieraq tagħha ma jistax jgħin għat-tqaddis tal-bniedem u għat-tifħir ta' Alla* (nru 1670).

Fid-dawl ta' dan kollu l-Verġni Marija wieġħdet ħarsien speċjali kemm fil-ħajja u anki l-perseveranza finali fis-siegħa tal-mewt għal min jilbes il-laptu tagħha. L-għażiża ommi Marija kienet devota mill-kbar nett tal-laptu mqaddes tal-Madonna. F'ħajjitha, minkejja l-ħalel u l-imwieġ kbar li għaddiet minnhom, il-Madonna ħarsitha fuq li ħarsitha. Barra minn hekk, nhar mewtha, li seħħet sewwasew tliet sigħat qabel, kellha l-grazzja kbira li tirċievi l-Ewkaristija u anki d-dilka taż-żejt tal-Madonna li ġibt apposta għaliha u għall-pazjenti tagħna taċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo mis-Santwarju ta' Notre Dame du Laus.

Dawn il-grazzji kollha fakkruni fil-*Privileġġ Sabbatin*, li hu marbut ma' min jilbes il-laptu tal-Madonna tal-Karmnu b'fidi u b'devozzjoni. Dan il-privileġġ, jiġifieri l-*Privileġġ Sabbatin*, ifisser il-ħelsien kmieni mill-purgatorju. Dan il-privileġġ għandu storja tabilħaqq antika. Fil-fatt f'bolla papali tal-1322, li jisimha *Sacratissimo uti culmine*, li kienet attribwita lill-Papa Ġwanni XXII, insibu dehra tal-Madonna lil dan il-Papa b'deskrizzjoni ta' kif u meta l-Verġni Marija kienet se teħles lil dawk kollha li jilbsu l-iskapular kannella tagħha mill-purgatorju. Qaltlu: *Jien, l-Omm tal-Grazzja, ninżel iż-Sibt wara mewthom u lil min insib fil-purgatorju neħilsu ħalli noħodhom sal-muntanja qaddisa tal-ħajja li ma tintemm qatt.* Kif rajna, dan il-ħelsien ta' malajr mill-purgatorju, li hu magħruf bħala l-*Privileġġ Sabbatin*, hu msejjaħ għall-jum tal-ġimgħa li fih jingħad li jseħħ (is-Sibt tal-Lhud).




Il-laptu tal-Madonna

Minkejja d-dibattiti sħaħ li kien hemm jekk il-Papa Ġwanni XXII kienx fil-fatt l-awtur tal-bolla, is-Santu Uffiċċju kien ħareġ digriet fl-1613 li fih kien ikkjarifika x'għandhom jippritkaw il-Karmelitani dwar il-kontenut ta' din id-devozzjoni. Id-digriet jgħid li dawk li jipprattikaw din id-devozzjoni *jistgħu jiksbu wara mewthom – l-aktar fis-Sibtijiet, il-jum ikkonsagrat mill-Knisja lill-Verġni Marija – permezz tat-talb bla ma jaqta' ta' Marija, it-talb qaddis, il-merti u l-ħarsien speċjali tagħha.* Dan kollu jurina kemm l-għajnuna speċjali ta' Marija wara l-mewt hi qawwija, aktar u aktar f'dan il-jum partikolari tal-ġimgħa li hu ddedikat lilha.

It-tieni nett, talba ħelwa li ommi Marija, li issa qiegħda fis-sema, kienet qasmet miegħi, hi din: *Madonna, ħu ħsiebu bħalma kont tieħu ħsieb lil Ibnek Ġesù.* Meta din it-talba kienet qasmitha miegħi kienet ħallietni bla kliem. Qatt ma kont nobsor sa fejn kienet twassal il-fidi t'ommi. Fil-ktieb tiegħu *Il-Vera Devozzjoni lejn Marija*, San Luigi Marija de Montfort jiddeskrivi kemm Ommna Marija tħobb lill-ulied spiritwali tagħha, aktar u aktar lil dawk li jintreħew f'idejha u hekk isiru qaddejja mill-aktar fidili tagħha. Jikteb hekk: *Tħobbhom*

b'għożża, b'aktar għożża mill-ommijiet kollha tad-dinja f'daqqa. Hu l-imħabba materna tal-ommijiet kollha tad-dinja għal uliedhom. Ferra*' dik l-imħabba kollha f'qalb omm għall-iben il-waħdieni tagħha. L-imħabba ta' dik l-omm se tkun ċertament immensa. Madankollu, l-imħabba kollha ta' Marija għal kull wieħed u waħda minn uliedha* għandha aktar ħlewwa milli l-imħabba ta' dik l-omm għal binha.

Fil-ktieb tiegħu San Lwiġi Marija de Montfort ifisser dak li l-Verġni Marija tixtieq twettaq bħala omm mimlija mħabba għalina, l-ulied spiritwali tagħha. Jikteb: *Marija, il-kewkba tal-baħar, tmexxi lill-qaddejja fidili tagħha kollha lejn port sikur. Turihom il-mogħdija lejn il-ħajja eterna filwaqt li tgħinhom jevitaw tentazzjonijiet perikoluż. Tmexxihom billi żżommilhom idejhom matul il-mogħdija tal-qdusija. Issaħħaħhom meta jkunu se jaqgħu* u tgħinhom iqumu *meta jaqgħu. Twiddibhom bħalma omm li tħobb lil uliedha ċċanfarhom meta ma jagħtux kas. U xi minn daqqiet iċċanfarhom bi mħabba. Kif jista' iben li jsegwi omm* bħal din *u gwida daqshekk għaqlija bħal Marija qatt jieħu t-triq il-ħażina għas-sema?*



San Lwiġi Marija de Montfort

Fl-aħħar nett, kull darba li kont inżurha u fuq kollox meta kont inċemplilha, ommi Marija dejjem kienet tħeġġiġni biex nitolbu flimkien it-tliet Ave Marijiet lill-Madonna. Għal dawn it-tliet Ave Marijiet kienet tgħidli: *Dawn it-tliet Ave Marijiet, ibni, se jsalvawna.* Għaliex dawn it-tliet Ave Marijiet huma daqshekk qawwija? X'fihom speċjali?

Wieħed mill-akbar strumenti qawwija ta' salvazzjoni hi d-devozzjoni lejn Ommna Marija. Id-Dutturi tal-Knisja lkoll jaqblu ma' dak li qal San Alfons Marija de Liguori: *Qaddej devot ta' Marija qatt mhu ħa jintilef.* Il-biċċa xogħol qiegħda fil-fatt li wieħed jippersevera f'din id-devozzjoni sal-mewt.

Tixtieq tara l-Verġni Marija qabel ma tħalli dan il-wied tad-dmugħ? Teżisti devozzjoni sempliċi u ħelwa li l-Verġni Marija nnifisha għallmet lil Santa Matilde minn Hackeborn (c. 1240-1298) madwar is-sena 1270. Din id-devozzjoni hi magħrufa bħala *d-devozzjoni tat-tliet Ave Marijiet*. Did-devozzjoni tikkonsisti f'li wieħed jitlob l-Ave Marija għal tliet darbiet kuljum bl-invokazzjoni: *O Ommi, ħarisni f'dan il-jum (il-lejl) mid-dnub il-mejjet.* It-talba wieħed jitlobha tliet darbiet bil-għan li jagħti ġieħ lit-Trinità Qaddisa. Ma ninsewx li hi t-Trinità Qaddisa l-għajn tal-kobor kollu ta' Sidtna Marija. Din it-talba għandha l-għan li tagħti ġieħ lill-qawwa ta' Alla l-Missier, l-għerf t'Alla l-Iben u t-tjubija tal-Ispirtu s-Santu. Dawn it-tliet kwalitajiet huma mgħoddija b'ġenerożità eterna lil Sidtna Marija mit-Trinità Qaddisa. Jista' jkun hemm prattika aktar faċli u f'lokha mit-talba tat-tliet Ave Marijiet, f'ġieħ il-privileġġi mgħoddija mit-Trinità Qaddisa fuq l-Imqaddsa Verġni Marija?



Il-Verġni Marija

Din id-devozzjoni ġiet irrivelata minn Sidtna Marija nnifisha lill-mistika Benedittina Santa Matilde. Fil-ktieb tar-*Rivelazzjonijiet* ta' Santa Matilde naqraw hekk:

Filwaqt li Matilde kienet qed titlob lill-Verġni glorjuża biex tgħinha fis-sigħa ta' mewtha, Sidtna Marija ħebritilha u qaltilha: 'Se ngħinek żgur. Imma jiena wkoll irrid titlobni tliet Ave Marijiet speċjali kuljum.

L-ewwel waħda se tkun għall-ġieħ ta' Alla l-Missier, li l-omnipotenza tiegħu għolliet tant fl-għoli lil ruħi, 'il fuq minn kull ħlejqa oħra li, wara Alla, jien għandi l-akbar setgħa fis-sema u fl-art. Fis-siegħa tal-mewt jien se nimla lil ruħek bid-dawl ta' dak l-għerf. Hekk id-dlamijiet kollha tal-injoranza u tal-iżball se jkunu mkeċċija.



Il-Benedittina Santa Matilde

It-tielet Ave Marija se tintalab f'ġieħ Alla l-Ispirtu s-Santu, li mela lir-ruħ tiegħi bl-imħabba, bil-ħlewwa u bil-ħniena ta' mħabbtu. Fl-aħħar siegħa tiegħek jien se nibdel l-imrar tal-mewt fi ħlewwa u f'ferħ divin.

Is-segretarja li kitbet dawn ir-rivelazzjonijiet mogħtija lil Santa Matilde kienet Santa Gertrude l-Kbira. Fil-fatt Santa Gertrude kienet preżenti meta Santa Matilde mietet u rat lill-Mulej jidhrilha. Aktar tard ħafna rivelazzjonijiet dwar id-devozzjoni tat-tliet Ave Marijet ġew rivelati lilha wkoll.



Santa Gertrude l-Kbira

Fil-festa tat-tħabbira fl-1299, meta l-Ave Marija kienet qed titkanta fil-kappella matul it-Talb ta' Sbieħ il-Jum, Santa Gertrude rat dehra ta' tliet fjammi qawwija li ħarġu mit-tliet persuni divini u li ppenetraw il-Qalb tal-Verġni Mbierka bħal tliet raġġi. Santa Gertrude ngħatalha tifhem li t-tliet nixxigħat brillanti kienu simboli li: *wara l-qawwa tal-Missier, l-għerf tal-Iben u l-ħlewwa mimlija ħniena ta' Marija*.

Imbagħad Santa Gertrude rat nixxigħat oħra li kienu qed jirritornaw lejn l-ewwel għajn. Hi ġiet ispirata li tagħraf li dawn kienu grazzji li Ommna Marija bagħtet fuq dawk li kienu jitolbuha l-*Ave Marija* b'devozzjoni.

F'jum ieħor, waqt li kienet qed titlob, Santa Gertrude rat lill-Verġni Marija fl-għamla ta' ġilju bajdani bi tliet friegħi quddiem it-Trinità Qaddisa. Din ir-rivelazzjoni kkonfermat it-titlu ta' Ġilju *Safi tat-Trinità l-Aktar Qaddisa*, li l-qaddisin kienu taw lil Marija. F'dik l-okkażjoni l-qaddisa tgħallmet li l-bjuda li tgħammex tal-ġilju kienet tfisser is-safa mingħajr ħtija tal-Imqaddsa Omm Alla, li qatt ma ġiet imtebbgħa lanqas bl-iċken dnub venjali. It-tliet friegħi kienu jfissru t-tisħib ta' Sidtna Marija fl-omnipotenza tal-Missier, fl-għerf tal-Iben u fil-karità tal-Ispirtu s-Santu. Imbagħad Ommna l-aktar Imqaddsa kellmet lil Santa Gertrude u qaltilha: *Lil kull ruħ li titlob b'fedeltà t-tliet Ave Marijiet jien se nidher fis-siegħa tal-mewt fi splendur tant straordinarju li se jimla lir-ruħ b'faraġ mis-sema.*



Sant'Antnin ta' Padova

Wieħed mill-ewlenin persuni li kienu jitolbu t-tliet Ave Marijiet u kien ukoll jirrakkomandahom lill-oħrajn kien il-magħruf qaddis Franġiskan Sant'Antnin minn Padova. L-għan speċjali tiegħu f'din id-drawwa kien li jagħti ġieħ lill-verġinità mingħajr tebgħa ta' Marija u li jippreserva s-safa perfett tal-moħħ, tal-qalb u tal-ġisem qalb il-perikli tad-dinja. Ħafna oħrajn bħalu ħassew is-saħħa spiritwali li tiġi mit-talb ta' dawn it-tliet Ave Marijiet. Hekk, ngħidu aħna, San Leonardu ta' Porto Maurizio (1675-1751) kien ta parir lis-semmiegħa kollha tiegħu biex


San Alfons Maria de Liguori

jipprattikaw din id-devozzjoni. Kien jagħtiha bħala penitenza fis-sagrament tal-qrar bil-għan li l-penitent jikseb il-grazzja li jevita d-dnubiet il-mejta matul il-jum u l-lejl, aktar u aktar għal dawk li kienu qed jitqabdu mad-dnubiet tal-impurità. Aktar minn hekk, San Leonardu wiegħed b'mod speċjali s-salvazzjoni eterna lil dawk kollha li kienu fidili għal din id-drawwa. Hu kien dejjem jinsisti li t-tliet Ave Marijiet jintalbu filgħodu u filgħaxija.

Wara l-eżempju ta' dawn iż-żewġ qaddisin Franġiskani kbar anki l-Isqof San Alfons Maria de Liguori ħa din id-drawwa u taha s-sapport l-aktar żelanti u qawwi tiegħu. Kien jagħti l-parir li wieħed għandu jwettaqha u anki kien jagħtiha bħala penitenza lil dawk li ma kellhomx din id-drawwa. San Alfons jitħaddet fuqha fil-ktieb klassiku u mill-isbaħ tiegħu *Il-Glorji ta' Marija*.

*Kull għodwa u kull lejl, meta tqum u meta torqod, itlob it-tliet Ave Marijiet u itlobhom mitluq mal-art jew għall-inqas waqt li qiegħed għarkupptejk. U g*ħal kull Ave *Marija* żid din ix-xewqa *qasira: 'Bit-tnissil bla tebgħa u immakulat tiegħek, o Marija, agħmel lil ġismi safi u lil ruħi qaddisa.' Dun Auriemma jirrakkonta kif il-Verġni Mqaddsa wiegħdet lil Santa Matilde li dawk kollha li jibqgħu fidili għal din id-drawwa jagħmlu mewta qaddisa.*

Dan il-qaddis Duttur tal-Knisja jħeġġeġ, b'mod partikolari, lill-ġenituri u l-konfessuri biex iħarsu b'attenzjoni li l-ulied ikunu fidili fit-talba ta' kuljum ta' dawn it-tliet Ave Marijiet, jiġifieri filgħodu u filgħaxija. Jew inkella, bħal San Leonardu ta' Porto Maurizio, San Alfons kien jirrakkomandahom minn qalbu lil kulħadd, *lid-devoti u lill-midinbin, liż-żgħażagħ u lix-xjuħ*.

Wieħed mill-aktar persuni li xerrdu din id-devozzjoni tat-tliet Ave Marijiet kien ħija l-Kapuċċin Patri Ġwann Battista ta' Blois. Kien minħabba x-xogħol tiegħu li l-Papa Ljun XIII kien ta l-indulġenza lil din id-drawwa devozzjonali. Fi Blois Patri Ġwann Battista waqqaf il-konfraternità bl-isem *Pia Opera għat-Tixrid tat-Tliet Ave Marijiet*. Fi żmien qasir din id-drawwa kienet approvata minn ħafna isqfijiet minħabba t-tixrid tagħha f'ħafna pajjiżi. Aktar tard, nhar it-30 ta' Lulju tal-1921, il-Papa Benedittu XV, f'ittra appostolika, għolla din il-konfraternità għall-istat ta' arċikonfraternità u żejjinha b'indulġenzi prezzjużi.


Il-Papa Ljun XIII

L-istess Patri Kapuċċin Ġwann Battista minn Blois waqqaf ir-rivista ta' kull xahar *Le Propagateur des Trois Ave Maria* (il-Promutur tat-Tliet Ave Marijiet) li fiha jinsabu ppubblikati xi ftit mill-grazzji spiritwali u temporali bla għadd u li ġew maqlugħa permezz ta' din id-devozzjoni lejn Sidtna Marija.

Teżisti wkoll arċikonfraternità uffiċjali. Il-karatteristika tal-istampa ta' din il-konfraternità turi li mill-Qalb Immakulata li tidher ta' Marija joħorġu tliet raġġi ta' dawl, kull waħda minnhom għal kull waħda mit-tliet persuni divini ta' Alla. Fuq ir-raġġ li jissimbolizza 'l Alla l-Missier hemm imnaqqxa l-kelma **Omnipotenza**, fuq ir-raġġ ta' Alla l-Iben hemm imnaqqxa l-kelma **Għerf** filwaqt li fuq dak ta' Alla l-Ispirtu s-Santu hemm imnaqqxa l-kelma Ħniena.

Għall-mistoqsija l-għaliex din id-devozzjoni faċli u qasira hi daqshekk qawwija issa nistgħu ngħidu liberament li t-tweġiba tinsab fil-qawwa tal-Ave Marija. Kemm Insara Kattoliċi għexu, matul iż-żminijiet differenti tal-istorja, u mietu mingħajr ma kellhom il-grazzja li japprezzaw tassew il-valur imprezzabbli tal-Ave Marija. Huma ħafna li ma japprezzawx il-qawwa tat-talb tal-Verġni Marija quddiem Alla, inkluż fi żminijietna. Santa Tereża t'Avila kitbet: *Il-glorja li hemm f'Ave Marija mitluba b'fidi hi ta' valur daqs ħajja twila ta' tbatija.*

Il-qaddisin apprezzaw l-Ave Marija ħafna aktar minn għadd ta' nies. Madankollu l-apprezzament tagħhom ma kienx biżżejjed. San Lwiġi Maria de Montfort jikteb hekk:

Ftit Insara, anki jekk imdawla, jafu l-valur tassew, il-mertu, il-kobor u l-bżonn tal-Ave Marija. Kien neċessarju għall-Verġni mbierka li tidher bosta drabi lill-qaddisin kbar u għorrief biex turihom il-merti tagħha. Kitbu xogħlijiet sħaħ dwar l-għeġubijiet u l-effiċenza ta' dik it-talba biex tikkonverti l-erwieħ. Xandru b'ħanġra daqsiex u ppritkaw bil-miftuħ li s-salvazzjoni, ġaladarba bdiet minn Ave Marija, is-salvazzjoni ta' kull wieħed minna b'mod partikolari hi marbuta ma' din it-talba. Jgħidulna li hi dik it-talba li ġabet il-frott tal-ħajja lil din l-art niexfa u xagħrija. U hi din it-talba, mitluba tajba, li tippermetti lill-kelma ta' Alla li tagħmel il-frott u li twelled lil Ġesù Kristu, il-frott tal-ħajja. Jgħidulna li l-Ave Marija hi nida mis-sema li ssaqqi l-art, li hi r-ruħ, biex tgħinha tagħmel il-frott fl-istaġun tiegħu. U li ruħ li mhijiex imsoqqija minn din it-talba ma tagħmilx frott u tagħmel biss xewk u għollieq, u li hi mħejjija biex tiġi miżħuta.

Din id-devozzjoni hi wkoll att ta' adorazzjoni lit-Trinità Qaddisa. Permezz tas-sejħa għal tliet darbiet aħna naduraw lil Alla l-Missier, u f'din l-omnipotenza Marija qed tieħu sehem. Alla l-Iben għaddielha l-għerf kollu tiegħu filwaqt li Alla l-Ispirtu s-Santu jgħaddi l-ħniena u t-tjubija tiegħu lilna permezz ta' Marija. Teżisti raġuni oħra biex nistagħġbu l-għaliex din id-devozzjoni hi daqshekk qawwija. Ix-xettiċi ta' kull żmien il-ħin kollu juru l-qabża li hemm bejn it-tliet Ave Marijiet u s-salvazzjoni eterna. Patri Ġwann Battista minn Blois għandu din it-tweġiba għalihom:

Jekk għalik, bħalma tagħmel lil ċerti intellettwali, din id-devozzjoni tidher mhux proporzjonata għall-għan aħħari, għolli *din il-kwistjoni lill-Verġni mbierka. Hi bdietha u berkitha bi grazzji enormi. Jew aħjar, għolliha lil Alla nnifsu, li ta din is-setgħa lil Marija.*

Għażiża ommi Marija, niżżik ħajr minn qalbi li għallimtni nħobb lil Marija bil-laptu tal-Madonna tal-Karmelu li kont tilbes b'tant fidi, bit-talba ħelwa li int kont terħini f'idejn Marija Ommna u anki bit-tliet Ave Marijiet li, kif kont dejjem tgħidli, *huma għalina s-salvazzjoni tagħna*. Itlob għalija, ma. Inħobbok għal dejjem!

Stitch by Stitch

Fr. Edgar Street, Mġarr
Mob: 9989 1105
Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,
Household Goods & Home Furnishings.



Origin and Development of Mġarr A Brief Outline

Lina Deguara

Ancient Mġarr

UNESCO[1] classifies the Ta' Ħaġrat and Skorba prehistoric temples, two prominent sites in Mġarr, as "amongst the earliest free-standing stone buildings in the world",[2] dating back to circa 4,000 years BC. Both of them are typical man-made monuments of Neolithic Malta. This attests to the statement that Mġarr is one of the oldest settlements of the Maltese islands.



Ta' Haġrat and Skorba Temples



Further evidence, moreover, also suggests that human presence continued to occur, intermittently in and around Mġarr, throughout the ages. Exemplars of this evidence are: the man-made cart ruts[3] which Trump attributes to the late Bronze Age, circa 1,000 years BC;[4] the large amount of Punic tombs found around Mġarr; the Roman Baths at Għajn Tuffieħa of the first and early second centuries AD;[5] the Jewish catacombs at Upper Binġemma; the coat-of-arms of various grand masters carved on the frontpiece of various farmsteads at Is-Santi, Binġemma and Għajn Tuffieħa. Deguara states that the first time the name of Mġarr (Migiarro) appeared was in 1401 in a notarial deed.[6]

The main pull-factors of human life to these areas are believed to have been the availability of spring water, fertile soils, shelter and nearness to the sea. Vassallo[7] contends that originally Mġarr consisted of scattered hamlets founded on natural

---

1 *United Nations Educational, Scientific and Cultural Organisation.*

2 https://whc.unesco.org/en/list/132

3 *These are archeological features that are found in various parts of Mġarr, amongst others at Ta' Mrejnu, Ta' Ras il-Ġebel and at Ta' Ferruġin. These consist of pairs of parallel grooves, worn into the rock. What is debatable is when these were formed and for what purpose, though most interpretations contend that these served as some kind of transport system.*

4 *Trump, D., "The cart ruts of Malta", Treasures of Malta, iv, No. 2 (1998): 33-7.*

5 http://heritagemalta.mt/explore/roman-baths-mgarr/

6 *Ibid.*

7 *Vassallo, M.: Taħditiet b'Laqta Mġarrija, 2025, "In-Nixxigħat tal-Ilma fl-Imġarr", Kunsill Lokali 09/03/2025.*

springs, of which there were 70 around our village. It is also strongly believed that the name itself, Mġarr, is derived from the word "moġra", which is the plural of "miġra", a spring.

The various chapels in and around the village are also evidence of the worship activity of the first settlers. Cilia names some of these, now defunct, chapels dedicated to: St Peter at Binġemma, St Michael Archangel at Is-Santi and St Mary at Iż-Żebbieġħ. Some of these chapels are mentioned in the Bishops' Visits Act of the 16th century.[8] He also mentions a chapel dedicated to the Assumption of Our Lady, at *l-Imġarr ta' Barra* (Outer Mġarr),[9] which was first noted in 1487 by Angelo Vaccaro, who left a beneficiary for a priest to serve here. This was the precursor of the present parish church of Mġarr. In 1918 it was, unfortunately, demolished to make way for the new church. A chapel that still exists is the chapel of Our Lady of Itria, found right at the top of Binġemma valley, which was built in 1680 by the noble Baron Stanislaw Xara.

Mġarr, a New Parish



Mġarr Parish Church of The Assumption of St Mary

It was only in the 19th century that peasants from nearby Mosta and Rabat felt that, due to the new fortifications that had been built on the littoral of Mġarr,[10] it was safe enough for them to desist from travelling to and from their original villages. They therefore began to conglomerate on a permanent basis around the old chapel dedicated to the Assumption of Our Lady, at *Mġarr ta' Barra* as mentioned above. However, they were still dependent on their "mother" village for their daily needs such as the provision of bread and to assist to other special duties such as childbirth and the administration of the Holy Sacraments. To this purpose many peasants kept a house or a room for such eventualities, predominantly at Mosta. Gradually the new settlers of Mġarr began to increase and the plea to have an autonomous parish gathered momentum. They earned the status of a parish in 1898, when the population was circa 581 inhabitants but increasing steadily.[11]

Early Village Life

Thus a community of villagers who laboriously earned its living by tilling the surrounding land began to evolve. Mġarr was a remote and an isolated village, bereft of the basic essentials. The parish priests that were successively assigned to the parish found themselves dealing with matters that went beyond their religious role. The first parish priest, Fr Ġlormu Chetcuti, worked hard to provide his flock with a bakery, a

---

8 Cilia, Ġ.A. L-Imġarr Matul iż-Żminijiet – X'Naf u x'Niftakar, Colour Image, Mġarr, 1998.

9 This name was used to distinguish it from another hamlet with the name of Mġarr ta' Ġewwa (Inner Mġarr), found just before one reaches Fomm ir-Riħ.

10 The Towers of Għajn Tuffieħa and il-Lippija, limits of Mġarr, were the new fortifications built by the Knights of Malta.

11 Deguara, A. L-Imġarr – Il-Ħajja u l-Ħidma ta' Nies u mill-Qedem sa Llum, 1999.

police station, a midwife, two public water pumps and a dispensary, opening once a week.[12] His successor, Fr Edgar Salomone, the son of a medical doctor, distinguished himself for the zeal he showed in addressing the needs, physical or temporal, of Mġarr and its people. His first endeavour was the catalysis of education. He himself conducted evening lessons in a barber's shop. He made all efforts, and succeeded, to have a primary school operating at the heart of the village. This was in 1923, when he was not yet a parish priest. He also started four Catholic Action Ċirkoli, where children and adults, male and female, could learn catechism and socialise themselves.

The humble villagers held Fr Salomone in high esteem and turned to him when in difficulty. A statement in the Malta Legislative Assembly of 1933 confirms his unwavering dedication. The priest of Mġarr "kept a medicine chest of his own and people used to call on him at all hours of the day and night. He used to pack up his medical kit and go to anyone's bedside, whenever he was called for."[13] Medical care passed on to specialised persons when in 1933 the first medical officer for Mġarr began his duties in the village. The building of the first Municipio in Malta, today the seat of the Local Council, incorporating a police station linked to the telephone network, a government dispensary and the residence of the DMO (District Medical Officer), is credit to the foresight of Fr Salomone. Gradually Mġarr began to cut off its dependency on Mosta.



Fr Edgar Salomone

Further developments took place in post-war years: the completion of the parish church, opening of new and asphalted streets, bus routes operating every few hours, a rapidly-expanding built-up area, supply of electricity and water in households, installation of the Rediffusion network and the opening of a modern and well-equipped oratory, housing a cinema hall where various social activities were held. It was also at these premises that the first football teams were formed. Food and general shops began to appear while the presence of hawkers further provided a range of goods. This indicates that Mġarr began to emancipate itself and to catch up with the older settlements of much longer standing. According to Beeley, however, band clubs and football clubs, both major lay social centres in other villages, were still lacking.[14] These were established at a later stage as Mġarr developed in size and diversity.

For many decades since becoming a parish, life in Mġarr remained primarily traditional. Employment opportunities remained low and poverty widespread, prompting many families to emigrate in far away countries. Homogeneity was the rule. The church was the focus of energy, and resources with the priests playing a

---

12 Cilia, Ġ.A. L-Imġarr Matul iż-Żminijiet – X'Naf u x'Niftakar, Colour Image, Mġarr, 1998.

13 Beeley, B. W. (2960) The individual and changing rural society in Malta: a study of some aspects of the social and economic geography of the Maltese Islands. Durham theses, University of Durham, UK.

14 Ibid.

pivotal role. All the people identified themselves with the same religious values, were church goers attended the same services at the same premises. It was predominantly a church-driven society.

New Mġarr



The village of Mġarr, Malta

The new millennium ushered in a much-changed Mġarr. The younger generations had higher aspirations, studied in higher educational institutions, had better employment opportunities and better transport facilitated their mobility, within Malta and abroad. Sports facilities and opportunities increased. The development of social media, moreover, has had immeasurable influence on them to adopt a more liberal outlook. Mġarr has earned an added value by the popularity it has nurtured as a socialising venue. A variety of eateries/ snack bars/wine bars/tea rooms etc. have thus mushroomed, primarily around the parish square.

As the millennium progresses Mġarr is experiencing yet another phenomenon: the influx of people, both Maltese and foreign, who are choosing to take up their residence at our village. To satisfy the housing demands, with nostalgia, we Mġarrin are witnessing landmark houses being pulled down to be replaced by high-rise apartments. This inflow of newcomers is swelling the village population to over 5,000 persons. Although the church is still playing a decisive role, yet society has, inevitably, become heterogenous in nature and more "urbane" in character.

Mġarr has become a village of cultures, languages, attitudes, orientations and mindsets. A case in hand of real integration is being provided to us by the group of foreign Novitiate Sisters of the Franciscan Order who has been relocated to the local monastery. They speak our language, they share their culture with us and they participate in our ceremonies and events. Their gentleness and their respectful demeanour are moreover elevating and enriching our community.

Population Growth in Mġarr 1901-2023

1901	*745*
1911	*1,067*
1921	*1,271*
1931	*1,629*
1948	*2,218*
1957	*2,167*
1967	*2,117*

1974	*1,910*
1981	*2,091*
1995	*2,672*
2005	*3,014*
2011	*3,511*
2021	*4,840*
2023	*5,110**

Source: Malta Population Census

* NSO Estimate based on population census




Delivering solutions for you

24HR EMERGENCY SERVICES

MV
Electrical & Plumbing Installations Ltd.


1 Ta' Zeppu Flats,
Triq Santa Marija, Mgarr MGR 1529
CALL 99475356 / 99450972
EMAIL info@mvmalta.com

FIND US ON FACEBOOK
MV Electrical & Plumbing Installations



The Store for all your needs

Electrical, Plumbing, Building Materials, DIY, Lighting, Sanitary, Paints ... & more.



Hardware

176, Triq Sir Harry Luke,
L-Imġarr.

CALL 2157 5397
7977 0282

FIND US ON FACEBOOK
MV Hardware



Mill-Qedem sal-Lum:
Il-Kurżità Umana Dwar il-Bidu tal-Univers

Claudine Muscat B.Ed. (Hons), MBA

Sa mill-bidu taż-żmien l-umanità ħarset ’il fuq lejn il-kwiekeb u staqsiet: “Minn fejn beda kollox?” Ħafna qabel it-teleskopji jew il-laboratorji, nies ta’ kull kultura u twemmin kienu jixtarru l-istess misteru: “Kif ġiet id-dinja? U x’inhu postna fi ħdanha?”



Il-Galassja tal-Milky Way, li fiha tinsab is-sistema solari tagħna, viżibbli mid-Dwejra, Għawdex (Ritratt: J. Caruana)

Dawn il-mistoqsijiet sawru ħrejjef antiki, kitbiet reliġjużi u dibattiti filosofiċi. Il-kliem tal-bidu tal-Ġenesi — “Fil-bidu Alla ħalaq is-smewwiet u l-art” — stabbilixxa t-ton għal fehma sagra tal-ħolqien. Iċ-ċiviltajiet tal-qedem iddeskrivew il-kożmos li kien ħiereġ mill-kaos, l-ilma jew in-nifs divin. Il-filosfu Grieg Anaximander tkellem dwar oriġini mingħajr fruntieri, l-apeiron, filwaqt li oħrajn fittxew forom fil-kwiekeb u emmnu li s-smewwiet kellhom veritajiet aktar profondi dwar l-oriġini tal-univers.

Dak li jgħaqqad dawn l-ilħna kollha tul iż-żminijiet huwa l-faxxinu tal-eżistenza.

Illum ix-xjenzati qed ikomplu l-istess vjaġġ billi jużaw għodod differenti. Skont il-mudell xjentifiku l-aktar aċċettat, it-teorija tal-Big Bang, l-univers beda madwar 13.8 biljun sena ilu. F’mument ta’ enerġija u espansjoni intensa l-ispazju nnifsu nfetaħ





Il-firxa tas-sit esperimentali CERN u d-debra tiegħu minn barra (Ritratt: CERN)

hekk kif seħħet l-isplużjoni magħrufa bħala "l-Big Bang". Minn dak l-ewwel mument il-materja ħadet il-forma, l-istilel inxtegħlu u l-galassji niżlu f'posthom bil-mod il-mod. Eventwalment feġġet is-sistema solari tagħna, inkluża l-pjaneta blu ċkejkna tagħna.

Ftit tas-snin ilu kelli x-xorti nesperjenza mill-viċin is-sit esperimentali CERN, l-Organizzazzjoni Ewropea għar-Riċerka Nukleari f'Ġinevra (l-Iżvizzera) fi żjara u programm edukattiv organizzat għal grupp ta' għalliema Maltin tax-Xjenza.



Il-mina tal-Large Hadron Collider fis-CERN (Riratt: Anna Pantelia/CERN)

Is-CERN huwa dar għal apparat kumpless, bħal-Large Hadron Collider, li jinsab fil-fond, madwar 175 metru taħt l-art, u huwa l-aktar aċċelleratur tal-partiċelli qawwi fid-dinja. Fih isiru diversi esperimenti dwar l-oriġini tal-univers, fejn il-partiċelli jingħataw veloċità għolja u b'hekk nimitaw l-istess kundizzjonijiet eżatt wara li seħħet l-isplużjoni tal-Big Bang. Fid-dinja m'hawn xejn li jgħaġġel aktar mid-dawl, u dawn il-partiċelli jkunu qed jingħataw veloċità li tqarreb lejn dan. Dan l-esperiment jgħin lix-xjenzati jistudjaw il-materja li ssawwar id-dinja, u possibilment jiskopru kif l-univers bikri ġab ruħu fl-ewwel frazzjoni żgħira ta' sekonda tiegħu.

L-istess kurżità li mliet l-imħuħ tal-astronomi u l-profeti bikrin issa tmexxi timijiet internazzjonali ta' xjentisti, inġiniera u ħassieba. Huma wkoll qed ifittxu l-oriġini. U huma wkoll huma umli b'dak li jsibu.

Din l-armonija bejn ix-xjenza u l-fidi tispikka ħafna f'dibattiti dwar is-suġġett tal-oriġini tagħna. Il-fidi tgħidilna għala l-univers għandu mnejn jeżisti. Ix-xjenza tesplora kif l-univers żvolġa. It-tnejn huma mezz ta' tfittxija. U t-tnejn jibdew minn faxxinu, stagħġib u kurżità naturali għaliex aħna l-bnedmin ngħixu fi spazju tassew meraviljuż u misterjuż: id-dinja tagħna u dak mhux magħruf lil hinn minnha.



"Tlugħ id-Dinja", ritratt meħud mill-astronawti tal-missjoni Apollo 8 fl-1968 (Ritratt: NASA)

Huwa d-dmir tiegħi, bħala ex għalliema u komunikatriċi tax-xjenza, li naqsam l-għeġubijiet ta' dan l-għarfien. Imma bħala bnedmin għandna missjoni akbar. L-ewwel irridu nipproteġu d-dinja tagħna stess. Dan huwa l-uniku mod kif nistgħu nonoraw l-imħuħ kbar u l-Ħallieq tagħna. Billi nieħdu ħsieb id-dinja tagħna, nieħdu ħsieb l-oriġini, dak kollu li jinsab madwarna u l-eżistenza tagħna stess bħala bnedmin.

St. Mary's Bakery Tal-Pewx

Mob: 7723 7702

Suppliers of
Traditional Maltese & Fancy Bread
for Grocers, Confectioneries,
Restaurants and Snack Bars



QUALITY STONE

Specializing in Marble, Quartz & Travertine





John Michael Testa
Handaq, Qormi, Malta
Tel: 7737 8069 • EMail: kbugeja@qualitystonemalta.com







Il-Festa tal-Assunta fil-Mosta

Joe Chetcuti – preżentatur tal-programm *Marċi u Bandalori* fuq Net FM

Fiċ-Ċentru ta' Malta nsibu l-lokalità tal-Mosta. Sa mill-1526 il-Mostin kienu għonja wisq, sakemm f'din id-data t-Torok niżlu billejl lejn l-inħawi ta' Benwarrat u baqgħu sejrin sa ma waslu l-Mosta. Dak iż-żmien kien ġa ffurmat raħal, u wara li ħarbtu u serqu li sabu karkru lejn Barbarija madwar 400 ruħ, fosthom għarusa li għadha kemm tejġet u li sal-lum għadna nsibu l-ġrajja tagħha bħala "L-Għarusa tal-Mosta". Nies dawk l-imsejkna fittxew li jifduhom billi ħallsu kulma kellhom. Għalhekk jingħad li minħabba f'hekk waqa' l-għaks u n-nuqqas. Dan ir-raħal, li qiegħed qrib tarf li darba kien il-mitjar Ta' Qali, ġie minħabba f'hekk imfarrak bosta drabi bil-bombi fl-aħħar gwerra. Dan l-ajruport, li kien hekk attiv fl-aħħar gwerra, ingħalaq nhar l-4 ta' Jannar tal-1963 u l-aħħar żewġ ajruplani, tnejn *Valetta*ꟻ u wieħed *Devon*, ittieħdu Ħal Luqa. In-nies tiegħu kellhom jerġgħu juru li huma qalbiena u li jafu jilqgħu lill-għadu b'dik l-istess qlubija li wrew dawk ta' qabilhom.

Insibu li l-ġrajja tal-Mosta ilha tintiseġ bil-ftit sa minn żmien il-Feniċi u b'hekk tixhed il-qedem tagħha. Kull żmien ħalla fih ix-xhieda tiegħu, bħalma nsibu fl-għadd ta' torrijiet, djar fortifikati, trunċieri u fortizzi moderni. Il-Mosta għenet wisq sabiex tiġi stabbilita t-teorija li Malta kienet magħquda ma' xi art oħra wisq akbar minnha. Dan juri li Wied il-Għasel qatt ma kien jitħaffer hekk fil-fond li ma kienx ġie l-ilma ta' xi wied minn art wisq akbar u aktar għolja. Wied il-Għasel, li l-Mosta hekk kburija bih, jibda minn taħt l-Imtarfa, jgħaddi maġenb il-Mosta, jiġbed għal taħt it-trunċieri tan-Naxxar, jgħaddi minn taħt ġenb Ħal Għargħur u jinxteħet f'Baħar iċ-Ċagħaq. Fin-naħa magħrufa bħala Tal-Wej hemm kanali tar-roti sbieħ tassew u dnub li xi wħud ma jibżgħux għalihom.

Jingħad li fuq mappa mitbugħa fis-sena 1689 tidher il-Mosta mniżżla bħala "La Mossa". Dan seta' kien xi żball ta' min għamilha jew ta' min ippubblikaha, iżda fil-fatt hekk hi. L-Inġinier Grognet jgħid li l-isem tal-Mosta ġej mill-kelma "mistur" billi r-raħal huwa mibni fil-fond u mistur bl-artijiet ta' madwarha. Iżda oħrajn jgħidu li dan l-isem hu ġej minn kelma Għarbija – "Musta" – li tfisser "ċentrali", "fin-nofs" jew "intern". Skont il-fehma tagħna din l-aħħar verżjoni hija wisq aħjar minn dik ta' Grognet de Vassé, għaliex taqbel sewwa mal-qagħda ġeografika ta' dan ir-raħal f'nofs Malta.



Santa Marija tal-Mosta

Insibu dokumentat li l-ewwel knisja parrokkjali li kien hemm il-Mosta kienet

tiddependi mill- knisja matriċi tan-Naxxar. Għalhekk id-dħul (flus) minnha kien jiġborhom il-kappillan, li kien fid-dmir li jagħmel quddiesa solenni f'din il-knisja f'jum il-festa titulari. Meta l-Monsinjur Dusina żarha fl-1575 sejħilha bħala l-knisja parrokkjali tal-Mosta. L-Isqof Gargallo, fil-vista pastorali tiegħu, meta ra l-bogħod kbir li kellu l-poplu għall-matriċi u t-toroq ħżiena li kien hemm, fired il-knisja tal-Mosta mill-matriċi tagħha, proprju nhar is-16 ta' Settembru tal-1608, wara li kienu ilhom flimkien sa mill-1436. Għalkemm din kienet id-data meta saret parroċċa, l-ewwel kappillan, Dun Ġwann Bezzina, baqa' ma ħax il-pussess bħala l-ewwel kappillan tal-Mosta qabel il-mewt tal-kappillan tan-Naxxar Dun Ġiljan Borg, jiġifieri fis-16 ta' Lulju tal-1610. Infatti l-pussess kien ħadu proprju fl-10 ta' Novembru tal-1610. Wara li saret parroċċa l-Arkitett Masu Dingli ħażżeż u mexxa d-direzzjoni ta' knisja oħra, li kienet mitmuma fl-1614, sewwasew erba' snin wara. Din il-knisja kellha koppla u żewġ kampnari, flimkien ma' kor, żewġ kappelluni, korsija u żewġ sagristiji, u kellha wkoll għaxar artali. Fl-1682 ġiet skolpita u indurata u nhar is-7 ta' April tal-1774 l-Isqof Pellerano kkonsagraha solennement.

Qamu bosta kontroversji dwar fejn kellha tinbena l-knisja l-ġdida: min ried li jinstab lok ġdid u oħrajn qalu li tinbena minflok il-qadima li kien hemm f'nofs il-misraħ. Sar bħal konkors fost l-aħjar periti li kien hawn, iżda billi lkoll tista' tgħid saru fuq linji li jsiru f'Malta, intgħażlet dik tal-Perit Ġorġ Grognet de Vassé. Grognet kien tal-fehma li ssir minflok dik li kien hemm u meta tkun lesta titwaqqa' l-qadima minn ġewwa. Qam inkwiet kbir dwar il-pjanta tal-knisja, li kellha tinbena u tiġi tixbah lil dik tal-Pantheon li hemm Ruma. Inqalgħu diffikultajiet fuq xi punti tekniċi dwar il-ħxuna tal-ħajt sabiex iżomm koppla ta' dak il-kobor, iżda kellha tinħatar kummissjoni ta' periti ċivili u anke militari sabiex jaqtgħu dan l-għawġ. Din il-kummissjoni qatgħetha li l-pjanta ta' Grognet kienet tajba u setgħet tittella'. Għalhekk il-Kappillan Żurrieqi Dun Felic Calleja ħareġ minn butu 16,000 skud biex beda bihom. Wara ħafna taħwid li qam fir-raħal mal-partit oppost tqiegħdet u tbierket l-ewwel ġebla nhar it-30 ta' Mejju tal-1833, mill-Vigarju Ġenerali l-Kanonku Arċidjaknu Dr Dun Salv Lanzon, Delegat ta' Mons. Caruana, b'festa kbira li għaliha nġabru nies magħrufin Maltin u Ingliżi. Twaqqaf ark trijunfali sabiex taħtu jilqgħu lill-Gvernatur Ponsonby u l-kbarat ta' madwaru. Saret ukoll purċissjoni u fost is-solennità l-aktar kbira tqiegħdet l-ewwel ġebla, li tpoġġew taħtha xi flus. Il-bidu kien ħarir u l-perit għamel l-istima u kkalkula mod, iżda meta reġa' għamel kalkoli ġodda sab li kien għadu lura wisq għan-nefqa. Il-Mostin ħassew il-ħtieġa li mhux talli kellhom jgħinu bil-flus sabiex titla' l-knisja, iżda li saħansitra kellhom imiddu jdejhom sabiex jarawha wieqfa. Saħansitra anke nisa u tfal kienu jgħinu fil-Ħdud u l-btajjel biex jaraw il-ħolma tagħhom tirnexxi.

Il-vara ta' Santa Marija hija tal-injam u saret mill-iskultur Mosti Mastru Salv Dimech fl-1868.

Il-Mosta nsibu żewġ baned: is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard u s-Soċjetà Mużikali Santa Marija. Insibu wkoll żewġ għaqdiet tan-nar: is-Soċjetà Piroteknika 15 ta' Awwissu u l-għaqda tan-nar fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Mosta.

Il-Mosta hija magħrufa sewwa għall-purċissjoni li toħroġ nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Minbarra l-kunsill lokali fil-Mosta hemm diversi organizzazzjonijiet kemm ċivili kif ukoll reliġjuži li jagħmlu minn dan il-lokal ċentru ta' attività kontinwa.

Sammut Marine

Leading Marine & Civil Engineering Experts

Sammut Marine Ltd is a dynamic company operating across two core sectors: Marine and Construction. With years of experience and a dedicated team, we take pride in delivering reliable, efficient, and professional solutions both on land and at sea.

Our Services Include:

🔹 ***Marine Services***

Hiring of Barges and other sea vessels
Land reclamation
Salvage of sunken vessels
Mooring installation & repairs
Slipway construction
Quay re-construction
Dredging works
Pontoon installation
Underwater construction
Commercial diving works

🔹 ***Construction Services***

Excavation & Demolition
Concrete works & formwork
Construction of Apartments and Commercial Buildings
Infrastructure works
Structural alterations
Custom fabrication & steelworks








📞 For enquiries: info@sammutmarine.com

📍 Based in Malta – operating nationwide

MAKE IT A DAY TO REMEMBER WITH BOAT CHARTERING MALTA!

LOOKING TO CELEBRATE IN STYLE?









BOAT CHARTERING MALTA

We offer Private Full Day and Evening charters for groups of up to 60 people – ideal for birthdays, boat parties, sunset cruises, or any special occasion!

Food & drink packages available
Top-quality sound system onboard
Spacious and comfortable setup
Experienced crew to take care of it all

LET THE SEA SET THE SCENE FOR YOUR NEXT UNFORGETTABLE EVENT.

Website: www.boatcharteringmalta.com
Email: laura@boatcharteringmalta.com
WhatsApp / Mob: 99039624

Xandru Camilleri, l-Ixjeħ Persuna Mġarrija



Fir-ritratt jidher is-Sur Xandru Camilleri flimkien mal-President tal-banda s-Sur Giovanni Gatt madwar sena ilu

Xandru Camilleri llum jgħodd mija u wieħed. Twieled u trabba f'Ta' Mrejnu minn ommu Konċetta u missieru Ġużepp Ta' Geddex. Tifel wieħed fost erbat ibniet. Missieru kien miet b'sajjetta fl-età ta' 54 sena filwaqt li ommu Kunċett kellha 86 sena meta ġiet nieqsa.

Xandru żżewweġ lil Giovanna Attard miż-Żebbiegħ fl-1950. Flimkien rabbew familja ta' 11. L-ewwel xogħol tiegħu kien li jaqta' l-ġebel fil-barrieri ma' missieru. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija kien ħaffer xi xelters fl-Imġarr. Għamel żmien jaħdem bħala għassies mal-Hitson huts ta' Saliba, imbagħad kien daħal mas-Servizzi Ingliżi bħala labourer/fitter. Dan ix-xogħol ħadu bosta bnadi madwar Malta, fosthom il-Forti Sant'Anġlu u l-aħħar post fejn kien xogħol: l-isptar tal-Imtarfa – David Bruce Royal Naval Hospital.

Barra minn hekk dejjem ħadem il-ftit raba' li kellu mat-tfal tiegħu. Stinka u ħadem kemm felaħ biex jipprovdi dak li kien meħtieġ għall-familja. Min-naħa tagħha Ġanna kienet tieħu ħsieb li tqassam sew id-dħul, biex minkejja l-limiti finanzjarji jrabbu lil uliedhom mill-aħjar li setgħu.

Lura fl-1975 Mons. Kalċidon Vassallo, dak iż-żmien kappillan tal-Imġarr, kien għamel l-ewwel quddiesa fiż-żona Ta' Mrejnu. Din kienet saret fid-dar żgħira u sempliċi tal-familja Camilleri.

Illum il-ġurnata Xandru m'għadux jagħmel xogħol fir-raba', imma nirringrazzjaw lill-Mulej li għadu jista' jmur il-knisja u jipparteċipa fil-quddiesa.

Nawgurawlu saħħa u paċi tal-qalb, sakemm il-Mulej iħallina ngawduh.

Ingħaqdet mal-Banda
Maria Mifsud - Klarinett

L-esperjenza tagħha fil-vjaġġ mużikali




Jisimni Maria Mifsud, għandi 12-il sena u noqgħod l-Imġarr. Inħobb il-mużika u minn meta kont iżgħar dejjem immorru l-marċi fil-festa tagħna. Madwar sentejn ilu l-ġenituri ħajruni biex nitgħallem indoqq strument mal-banda u ddeċidejt li nipprova.

Bdejt immur darba fil-ġimgħa fil-Kunsill Lokali, nitgħallem għand l-għalliem tal-istrumenti tal-qasba s-Sur Charles Pace. L-ewwel bdejt is-solviġġ, li jikkonsisti fit-tagħlim tan-noti u d-direzzjoni. Wara diversi lezzjonijiet l-għalliem ħass li kont wasalt biex inkun nista' nibda nitgħallem l-istrument. Ingħatajt suġġeriment li nibda nitgħallem il-klarinett. Jiena din l-idea lqajtha b'entużjażmu u pjaċir kbir. Il-banda pprovdietli l-istrument biex nibda nipprattika fuqu. Fil-Milied tas-sena 2024 u f'Jum l-Omm ta' din is-sena ġew organizzati attivitajiet mill-banda u jiena pparteċipajt bil-klarinett flimkien ma' sħabi li qegħdin jitgħallmu strumenti oħra. Kien vera ta' sodisfazzjon għalija li tgħallimt, u issa qed insarrfu f'mużika sabiħa li tferraħ lin-nies.

Nixtieq nirringrazzja lill-għalliem is-Sur Charles Pace, li bl-esperjenza li għandu dejjem kelli lezzjoni interessanti u bbilanċjata mal-istudju tal-iskola u l-impenji l-oħra.

Inħajjar lil min jixtieq jitgħallem strument biex jieħu l-opportunità mal-banda tagħna biex ma jaqtax qalbu.

Viva Santa Marija! Viva l-banda tagħna!



Issa tista' tagħtina donazzjoni, tħallas il-menswalità u dak kollu li tixtieq billi tibagħtilna fuq in-numru tal-BOV Mobile Pay tagħna **79442011.**

Grazzi mill-qalb!!



Coby


kafè · bar

Freshly Baked Pies - Pasta

Maltese Delight Food

Coffee - Artisan Tea - Drinks

contact: 99834632 - fb.com/cobykafebar



Authentic Maltese & Mediterranean Cuisine

Opening Hours:

Tue - Sat: 18.00 - 23.00

Sun: 12.00 - 23.00

Contact Info:

(+356) 2718 1211
conrad@damanuele.mt
www.damanuele.mt
PM us on Facebook @Trattoria Da Manuele

Trattoria
Da Manuele



Ivan Castillo

Deputat fuq it-12-il Distrett

Shadow Minister għas-settur Marittimu,
Djalogu Soċjali u l-ġlieda kontra l-għoli tal-Ħajja

Il-Festa t-Tajba

flimkien mal-familja tiegħi
nawgura festa mill-aqwa
lill-poplu **tal-Imġarr kollu.**

98897500
kellimni@ivancastillo.net



Il-Kult Marjan Mifrux mal-Gżejjer Maltin

Max Farrugia

Id-devozzjoni u l-kult Marjan f'Malta jinsab mifrux f'kull belt u raħal. Il-kultura u d-devozzjoni lejn Marija Santissima huma tant kbar li anki fuq il-gżira ċkejkna ta' Filfla, li tinsab fil-baħar fin-Nofsinhar ta' Malta, kienet inbniet kappella f'wieħed mill-għerien matul is-seklu erbatax, u kienet dedikata lill-Madonna. Sfortunatament din ma għadhiex teżisti. Fuq il-gżira żgħira ta' Kemmuna għad hemm kappella antika dedikata lill-Madonna. Oriġinarjament kienet dedikata lil Santa Marija, imma meta ġiet rinovata kienet ingħatat it-titlu tar-Ritorn tas-Sagra Familja mill-Eġittu għal Nazaret. F'din il-kappella kull sena fil-15 ta' Awwissu għadha tiġi ċċelebrata l-festa dedikata lil Marija Assunta.

Meta titkellem man-nies fi rħula differenti u tistaqsi dwar xi knejjes u kappelli, ħafna jgħidulek li dawn huma dedikati lil Santa Marija, u jkomplu billi jżidu t-titlu ta' kif ikunu magħrufa fir-raħal tagħhom, jew inkella bl-isem tal-post fejn qegħdin. Ftit huma dawk li jagħtuk it-titlu ta' kif tkun dedikata l-knisja. Ħafna minn dawn il-kappelli u knejjes żgħar fl-oriġini tagħhom huma dedikati lil Marija Assunta. Maż-żmien ingħataw titlu ieħor biex jiddistingwuhom minn oħrajn, peress li ħafna kellhom l-istess dedika, u meta tirriċerka ssib informazzjoni interessanti dwar kif ikun oriġina l-isem mogħti lilhom. Biex nagħti xi eżempji ta' dan insemmi fost l-oħrajn il-kappelli ta' Santa Marija tal-Ftajjar f'Ħal Luqa, Santa Marija ta' Ħal Xluq fis-Siġġiewi, il-Madonna tal-Ħlas f'Ħal Qormi u titli oħrajn. Xi wħud oħra huma magħrufa bl-isem tal-fundatur jew ta' min kien jieħu ħsiebhom, bħal pereżempju Tal-Baruni minflok il-Madonna tal-Erwieħ Abbandunati, li tinsab f'Ħaż-Żebbuġ, Ta' Dun Nard fis-Siġġiewi minflok Marija Assunta, u Tan-Nuzzu l-Ħamrun minflok il-Madonna ta' Port Salvo.

L-aktar parti importanti li Marija Santissima lagħbet fil-ħajja u x-xogħol ta' Binha Ġesù Kristu fuq din l-art bla dubju ta' xejn rebbħitha l-venerazzjoni u l-imħabba tal-popli. Dawn żviluppaw matul iż-żminijiet. Għalkemm ma nsibu ebda dokumentazzjoni miktuba dwar meta dawn bdew hawn Malta, kemm dam Malta San Pawl żgur tkellem mhux biss dwar Ġesù Kristu imma anki dwar Ommu Marija. Kien proprju minn hawn li l-antenati Maltin kienu qed isegwu u kabbru l-kult Marjan f'pajjiżna matul il-Medjuevu, li ħa spinta qawwija. Storikament fis-seklu tlettax insibu li kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex diġà kien hawn imwaqqfa żewġ knejjes prinċipali, fil-Gran Castello ta' Għawdex u fil-belt kapitali l-Imdina, dedikati lill-Assunta. Aktar 'il quddiem fl-istess perjodu l-kult Marjan kompla jiżviluppa u d-devozzjoni kibret. Inbnew diversi knejjes f'ġieħ il-Madonna li kienu jkunu mżejna bi kwadri titulari, affreski u f'xi każi anki

statwi. Fost l-ewwel postijiet ta' talb li huma Marjani nsibu kappelli semitrogloditi fil-Mellieħa u Sant'Anġlu, jew aħjar, kif kien magħruf, Castello al Mare.



Il-fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Gudja

Maż-żmien il-popolazzjoni dejjem kompliet tikber, u minħabba f'hekk bdew jinħolqu dawk l-hekk imsejħa viċi parroċċi tal-parroċċa ewlenija, li kienet il-Katidral tal-Imdina, li wkoll oriġinarjament kien dedikat lill-Madonna. Kmieni fis-seklu ħmistax in-numru ta' viċi parroċċi diġà kien ta' 46, bi 22 minnhom dedikati lill-Madonna.[1] Dak iż-żmien il-popolazzjoni kienet madwar 24,000 f'Malta u 8,000 f'Għawdex.[2] Kien għalhekk li fl-1436 l-Isqof Senatore de Mello waqqaf uffiċjalment 10 parroċċi, fl-aktar partijiet tal-gżira li kienu popolati. Minn dawn, nofshom kienu dedikati lill-Madonna. F'dawk iż-żminijiet il-kult u d-devozzjoni Marjani ħadu spinta 'l quddiem, u d-dediki prinċipali kienu l-Assunzjoni tal-Madonna, in-Natività, l-Immakulata Kunċizzjoni u t-Tħabbira tal-Anġlu Gabrijel li kellha ssir Omm Alla. Fis-seklu sittax id-devozzjoni u l-kult Marjan komplew jikbru.

Meta Monsinjur Pietro Dusina ntbagħat Malta mill-Vatikan fl-1575 biex jagħmel żjara appostolika, minn fost l-428 knisja u kappella li żar fi 43 villaġġ u rħajjel li kienu jagħmlu parti minn parroċċi li kienu diġà mwaqqfa f'dawk iż-żminijiet, sab li 160 minnhom kienu dedikati lill-Madonna taħt diversi titli.[3] Minn informazzjoni miġbura miż-żjara appostolika ta' Monsinjur Dusina jirriżulta li 86 minnhom kienu dedikati lill-Assunzjoni tal-Madonna fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, u 22 lit-Tħabbira tal-Anġlu Gabrijel lil Marija li kellha ssir Omm Alla, 19 lit-Twelid ta' Marija, 11 lill-Viżitazzjoni ta' Marija lill-qariba tagħha Eliżabetta, 1 lill-Immakulata Kunċizzjoni, 1 lill-Purifikazzjoni tal-Madonna, 1 lill-Madonna tal-Karmnu u 27 oħra taħt titli differenti. F'Għawdex żar 45 knisja u kappella, li minnhom 15 kienu dedikati lill-Madonna. Minn dawn, 9 kienu dedikati lil Marija Assunta, 2 lit-Tħabbira tal-Anġlu Gabrijel lil Marija li kellha ssir Omm Alla, 2 oħra lit-twelid ta' Marija, 1 lill-Immakulata Kunċizzjoni u s-7 l-oħra lil titli differenti.[4] Minkejja dawn it-titli kollha Marija, omm Ġesù Kristu u l-omm tal-bnedmin tad-dinja kollha, tibqa' l-istess waħda.

L-Eqdem Xbieha Marjana fil-Gżejjer Maltin

Minn dak li għadu jeżisti f'pajjiżna jew hu dokumentat jirriżulta li fil-bidu tad-devozzjoni u l-kult Marjan f'Malta, fost l-eqdem u l-aktar popolari, insibu pittura li hemm fl-Għar tal-Madonna fil-Mellieħa. Imma din mhix l-eqdem, għax fl-Abbatija tad-

---

1 *Bonnici, Arthur. Marija u Malta. Malta, 1967.*
2 *Ferris, Achille. Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo. 1866*
3 *AAM. VA. Dusina, 1575.*
4 *AAM. VA. Dusina, 1575.*

Dejr, f'katakombi fir-Rabat f'Malta, fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Bir ir-Riebu, f'waħda mill-kmamar li kienet tintuża bħala kappella hemm niċċa ġo speċi ta' apside b'niċċa ġo fiha b'affresk li juri lill-Madonna. L-affresk huwa tal-kruċifissjoni ta' Binha Ġesù. Fil-ġnub ta' Kristu msallab hemm il-Madonna bil-kelma Mater taħtha u San Ġwann bil-kelma Joannes. Fl-istess apside hemm affresk ieħor li juri t-tħabbira tal-Anġlu Gabrijel li Marija kellha ssir Omm Alla, bit-titlu Mater Domini. Dawn iż-żewġ affreski huma fost l-eqdem fdalijiet ta' tifkiriet Marjani li għadhom jeżistu sal-lum. Illum il-ġurnata din il-pittura tinsab kważi mħassra minħabba li dan il-post huwa umdu u rari jinfetaħ. Partijiet minn dawn l-affreski jinsabu l-Mużew tal-Arti u oħrajn fil-katakombi stess.

Dan il-post ta' katakombi/abbatija kien ġie skavat fis-snin 1926-1927 minn Louis Upton Way. Imur lura għas-seklu erbgħa WK imma l-abbatija hija ta' madwar is-seklu tnax. Bla dubju ta' xejn il-kappella semitroglodita tal-Madonna tal-Għar fil-Mellieħa diġà kienet ta' importanza kbira u kienet tgawdi devozzjoni kbira. Insibu dokumentat li r-Re Federiku II ta' Sqallija ġie Malta fl-1373 u mar jitlob f'din il-kripta, u l-istess għamlu r-Re Martin fl-1408 u r-Re Alfonso fl-1432. Dawn kienu ftit mir-renjanti u nies prominenti li talbu f'dan il-post. Mill-1468 din il-knisja kienet post tal-pellegrinaġġi. Aktar reċenti anki l-Papa Ġwanni Pawlu II, illum il-ġurnata qaddis, matul iż-żjara tiegħu f'Malta mar jitlob f'din il-kappella.

Fost l-aktar knejjes antiki f'Malta dedikati lil Santa Marija kien hemm l-ewwel waħda fl-Imdina, li kienet il-belt kapitali qabel ma twaqqfet dik tal-Belt Valletta. Il-katidral ta' din il-belt huwa omm l-ewwel parroċċi li twaqqfu uffiċjalment fis-seklu ħmistax u li minnhom komplew joħorġu l-parroċċi kollha ta' Malta. L-ewwel knisja tmur lura għaż-żmien meta San Pawl ġie Malta fis-sena 58 WK. Din kienet inbniet fejn kien hemm il-palazz fejn Publju, il-mexxej tal-gżira, kien żamm miegħu lil San Pawl għal tlett ijiem.[5] Din il-knisja kienet spiċċat fi stat ta' abbandun fi żmien is-Saraċini, u mal-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta fl-1091 inbniet mill-ġdid.[6] Dan il-katidral kien ġarrab ħsarat kbar fl-1693, meta Malta ntlaqtet b'terremot li għamel ħafna ħsara. Minfloku reġa' nbena dak li hemm illum fl-1702 mill-Kapitlu tal-Katidral bl-għajnuna finanzjarja tal-poplu Malti, fiż-żmien meta Monsinjur Cocco Palmieri kien l-isqof tal-gżejjer Maltin. Is-saqaf ta' dan il-katidral kien tpitter minn artist bl-isem ta' Manna, u minħabba f'hekk f'xi dokumenti antiki jirreferu għal din il-knisja bħala Tal-Madonna Manna fl-Imdina.[7]

Fuq barra tal-belt tal-Imdina, magħruf bħala "r-Rabat", diġà kien hemm jabitaw diversi familji, u allura nsibu li nbnew diversi kappelli wkoll. Fejn illum hemm iċ-ċimiterju tar-Rabat kien hemm kappella magħrufa bħala Santa Marija della Rocca, l-Imdina. Kappelli Marjani oħra f'dawn l-inħawi barra l-belt l-antika ta' Malta li għadhom jeżistu huma l-grotta taħt il-knisja tal-patrijiet Dumnikani, magħrufa bħala "Tal-Madonna tal-Għar", u oħra li hemm fl-inħawi Tal-Virtù, li dik oriġinali ma għadhiex tintuża. Dawn huma kappelli troglodi ti Marjani. Matul iż-żminijiet kappelli antiki ħafna bdew jinħattu peress

---

5 Ricordo della Cattedrale di Malta – Riproduzione intercetta da fotografie R. Ellis. Malta.

6 Ricordo della Cattedrale di Malta – Riproduzione intercetta da fotografie R. Ellis. Malta.

7 Ricordo della Cattedrale di Malta – Riproduzione intercetta da fotografie R. Ellis. Malta.

li xi wħud minnhom kienu fi stat ta' abbandun jew perikoluż. Minflokhom fuq l-istess art inbnew oħrajn li ħafna minnhom għadhom jeżistu sal-lum. Għawdex insibu wkoll numru ta' kappelli, li xi wħud minnhom għadhom jeżistu u oħrajn le, bħalma ġara fil-każ ta' Malta, li juru li d-devozzjoni u l-kult Marjan anki f'din il-gżira huma antiki ħafna. Fost dawn hemm Santa Marija ta' Calleja fl-Għarb, Santa Marija ta' Gaudiorum, illum margħufa bħala Santa Marija tax-Xagħra, Santa Marija tal-Qala, Santa Marija tal-Virtù fl-Għarb, Santa Marija ta' Bebuna jew Ta' Sabbetta, u oħrajn. Il-knisja żgħira li minflokha llum il-ġurnata hemm is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fl-Għarb ukoll tmur lura ħafna snin.



Il-kwadru tal-Assunzjoni li kien jintuża fuq Filfla

It-Titli Marjani Jieħdu Xejra Differenti

Mis-seklu ħdax 'il quddiem it-titli u d-dediki Marjani bdew jieħdu xejra differenti. Ma baqgħux jingħataw id-dedika ta' Santa Marija biss u l-isem tal-post, jew kif kienet magħrufa, imma bdew deħlin titli u dediki oħra. Ir-raġuni prinċipali hija li l-kappelli bdew jiżdiedu bil-bosta. Dan il-fenonemu mhux hawn Malta biss seħħ imma anki f'pajjiżi Kattoliċi oħra madwarna. Minn hawnhekk bdew jingħataw titli Marjani differenti. Ħafna minn dawn it-titli Marjani jissemmew fil-visti pastorali antiki u xi wħud minnhom fir-rapport li kiteb l-Isqof Senatore De Mello fl-1436, li ħafna jirreferu għalih bħala Rollo De Mello imma t-titlu proprju tiegħu huwa Anno Domini MCCCCXXXVI: Ordinus fuit, et est preasens quinterniolus pro concordia taxarum, praecipiente et mandante Reverendissimo Domino Episcopo.

Fil-perjodu Medjevali nsibu li fil-gżejjer Maltin il-festi Marjani fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu jiġu ċċelebrati fil-15 ta' Awwissu, u proprju għalhekk kien hawn rabta kbira ma' Marija Assunta. F'xi knejjes Medjevali kienu jirreferu għall-Madonna bħala Sancta dei Genetricis Virgo. Eżempju ta' dan huwa l-kappella troglodita li hemm Bormla, viċin il-Bieb ta' Santa Liena, li hija dedikata lill-Madonna tas-Sokkors. Dan il-kliem insibuh imħaffer mal-ħajt tad-daħla prinċipali tal-kappella. Meta l-kult Marjan f'Malta fis-seklu sittax ħa spinta qawwija 'l quddiem mill-ewwel tferrxet id-devozzjoni taħt diversi titli. Din id-devozzjoni tikkompara tajjeb ħafna mal-Italja, minn fejn twassal primarjament dan il-kult. Li nafu fiċ-ċert, minħabba kitbiet li jeżistu, huwa li fis-sena 1436 l-Isqof Senatore De Mello kien sab li f'Malta kellna żewġ parroċċi mwaqqfa uffiċjalment, dik tal-Katidral tal-Imdina u l-oħra fil-Birgu.[8] Dawn kienu diġà jeżistu qabel din id-data għax mal-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta r-reliġjon reġgħet bdiet tieħu r-ruħ.

---

8 De Mello Isqof Senatore, Anno Domini MCCCCXXXI: Ordinus fuit, et est preasens quinterniolus pro concordia taxarum, praecipiente et mandante Reverdissimo Domino Episcopo.

L-Isqof ta' Malta Monsinjur Senatore De Mello fl-1436 mill-Katidral tal-Imdina waqqaf uffiċjalment 10 parroċċi ġodda, li diġà kienu fost dawk li kienu qed iservu bħala viċi parroċċi.[9] Dawn kienu fl-aktar partijiet popolati ta' Malta dak iż-żmien. Minn dawn il-parroċċi, dawk tan-Naxxar u tal-Mellieħa ġew dedikati lit-twelid ta' Marija Verġni u dik ta' Bir Miftuħ lill-Assunzjoni. Mit-43 villaġġ jew irħajjel li kien hawn dak iż-żmien kien hemm fihom 46 knisja jew kappella, li 22 minnhom kienu dedikati lill-Madonna, 11 minnhom dedikati lill-Assunzjoni, 5 lit-Twelid ta' Marija, 4 lit-Tħabbira tal-Anġlu Gabrijel lil Marija li kellha ssir Omm Alla, u 2 lill-Viżitazzjoni ta' Marija lill-qariba tagħha Eliżabetta.[10] Kważi 140 sena mit-twaqqif uffiċjali tal-ewwel 10 parroċċi, fl-1575, saret il-vista appostolika ta' Monsinjur Pietro Dusina, li hija minjiera ta' informazzjoni u li fiha nsibu l-qabża kbira li saret lejn il-kult u d-devozzjoni Marjana f'Malta. Illum il-ġurnata nsibu li f'Malta hawn imwaqqfa 63 parroċċa. Minn dawn, 31 huma dedikati lill-Madonna taħt titli differenti. Minbarra dawn f'Malta hawn 328 kappella, li minnhom 138 huma dediki Marjani taħt 35 titlu differenti.



Il-kappella dedikata lill-Madonna fuq Kemmuna

Minħabba l-attakk kbir li kienu wettqu t-Torok fuq il-gżira ta' Għawdex fl-1551, meta nqerdu l-knisja ewlenija ta' din il-gżira u anki d-dokumenti tagħha, ftit li xejn nafu dwar il-knejjes u l-kappelli li kien hemm. L-istoriku Ciantar isemmi li kien hemm 68 knisja li kienu dedikati lill-Madonna.[11] F'Għawdex fl-istess perjodu, fil-lokalità magħrufa bħala Tas-Saqqajja, kien hemm diġà kappella għall-ħabta tal-1340. Insibu wkoll li fl-1419 il-familja Vagnolo ġabet permess biex tibni kappella dedikata lil Marija Assunta fil-katidral l-antik ta' Għawdex,[12] filwaqt li Monsinjur Dusina jsemmi li żar 35 kappella u knisja. L-ewwel referenza dokumentata għall-katidral preżenti tad-djoċesi ta' Għawdex tmur lura għall-1435, meta din il-knisja kienet diġà dedikata lil Santa Marija. L-istoriku De Soldanis fl-1746 jikteb li wara l-miġja ta' San Pawl fil-gżejjer Maltin il-knisja prinċipali ta' Għawdex kienet dedikata lill-Madonna, imma ma jagħti ebda data ta' meta nbniet. Monsinjur Joseph Bezzina jgħid li mill-fdalijiet li nstabu meta kien qed jinbena l-Katidral ta' Għawdex jirriżulta li fis-sena 27 QK kien hemm tempju dedikat lil Juno, u anki nstabu fdalijiet ta' knisja Marjana dedikata lil Santa Marija. Żgur li din il-knisja fl-1435 kienet il-matriċi jew il-knisja prinċipali ta' Għawdex.[13] Xi wħud minn dawn il-kappelli diġà kienu fi stat xejn tajjeb ta' konservazzjoni, u kien proprju għalhekk li l-Isqof Balaguer fl-1657, matul il-vista

---

9 De Mello Isqof Senatore, Anno Domini MCCCCXXXI: Ordinus fuit, et est preasens quinterniolus pro concordia taxarum, praecipiente et mandante Reverdissimo Domino Episcopo.

10 AAM. VA. Dusina, 1575.

11 AAM. VA. Dusina, 1575.

12 Ciantar, Giovanni Antonio e Abela. Malta Illustrata ovvero descrizione dell'Isola del mare Siciliano. Vol.2, 1780.

13 Bezzina, Joseph. Marian Devotion in the Island of Saint Paul 1600-1800. Malta, 1853.

pastorali, ipprofana xejn inqas minn 16-il waħda.[14] Minkejja dan, il-kult Marjan xorta waħda kompla jikber għax minflokhom inbnew xi oħrajn. Illum il-ġurnata hemm 50 knisja u kappella, li minnhom 24 huma dedikati lil Santa Marija. Dediki oħra huma: Tal-Grazzja, Tal-Immakulata Kunċizzjoni, Ta' Pompej, Tal-Vittorja, Tal-Viżitazzjoni, Tal-Lunzjata, Tal-Patronaġġ, Ta' Loreto, Tas-Sokkors, Ta' Lourdes, Tal-Manresa, Tal-Ħniena, Tal-Karmnu, Stella Maris u l-Ħarba tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu. Din tal-aħħar tinsab fuq Kemmuna. F'Għawdex illum il-ġurnata hemm 15-il parroċċa, b'6 minnhom dedikati lill-Madonna taħt titli differenti. Minbarra dawn hemm ukoll 49 kappella dedikati lill-Madonna taħt 16-il titlu differenti.

Minbarra l-festi titulari f'diversi rħula jiġu ċċelebrati festi sekondarji dedikati lil Marija Santissima taħt titli differenti, kemm fil-knejjes parrokkjali kif ukoll fil-kappelli filjali. Matul is-seklu sittax f'Malta twaqqfu 11-il parroċċa oħra ma' dawk li diġà kien hawn, b'7 minnhom ikunu dedikati lill-Madonna taħt titli differenti. Mis-sekli ta' wara sal-lum twaqqfu 47 parroċċa oħra. Fost dawn 18-il waħda huma dedikati lill-Madonna. B'hekk ftit inqas minn nofs il-parroċċi ta' Malta huma dedikati lill-Madonna.

Il-kult lejn il-Madonna matul is-sekli kompla jinfirex permezz ta' numru kbir ta' statwi u niċeċ li nsibu fit-toroq u l-pjazez tal-irħula u l-bliet Maltin. L-istess nistgħu ngħidu għall-purċissjonijiet li jsiru f'ġieħ Marija Santissima fil-bliet u l-irħula tal-gżejjer Maltin matul il-festi. Imma l-aktar waħda li tiġbed nies lejha hija dik magħrufa bħala l-purċissjoni tad-Duluri, li tinżamm kważi f'kull belt u raħal matul l-aħħar ġimgħa tar-Randan, ġimgħa biss qabel il-Ġimgħa l-Kbira.

Xhieda tal-kult u d-devozzjoni Marjana fil-gżejjer Maltin huma l-għaqdiet u l-gruppi li xi wħud minnhom ilhom jeżistu mis-snin tletin tas-seklu l-ieħor. Minbarra dawn l-għaqdiet mis-seklu sbatax diġà kien hawn diversi fratellanzi dedikati lill-Madonna. Dawn l-għaqdiet u gruppi Marjani f'dawn l-aħħar snin komplew jiżdiedu ma' dawk li diġà kien hawn. Dan l-aħħar nibtu gruppi ta' individwi fil-parroċċi li mill-inqas jiltaqgħu darba fil-ġimgħa, b'mod speċjali l-Erbgħat, biex flimkien jitolbu u jfaħħru lil Ommna tas-sema. Il-kult Marjan fostna l-Maltin ikompli juri s-saħħa tiegħu permezz ta' numru kbir ta' statwi u niċeċ li nsibu fit-toroq u ma' binjiet varji u artali dedikati lill-Madonna li nsibu fil-knejjes u l-kappelli tagħna, kwadri tal-wegħda magħrufa bħala tal-ex-voto, statwi u niċeċ ma' bini privat li nsibu fit-toroq tal-bliet u l-irħula tagħna, poeżiji, innijiet u kotba li nkitbu kemm bil-Malti kif ukoll b'ilsna oħra u ġew stampati lokalment.

Il-Wgħiedi u l-Interċessjoni ta' Marija

It-turija ta' devozzjoni u kult lejn Marija Santissima permezz ta' knejjes, kappelli u affarijiet oħra ma kinitx issir b'kapriċċ, imma hija persważjoni u xhieda qawwija li Marija dejjem kienet ta' għajnuna kbira u bla qies għal Malta. Ħalli nsemmi xi avvenimenti storiċi li ġraw. Bejn is-sena 1467 u l-1470 f'Malta ftit li xejn għamlet xita. Dan in-nuqqas ta' ilma kkaġuna nixfa kbira li għamlet ħsarat kbar, b'mod speċjali fis-settur

---

14 AAM VP. Balaguer, 1657.

agrikolu, li minnu kien jiddependi l-poplu Malti, kemm għall-ħidma ta' kuljum kif ukoll għall-għajxien tiegħu u l-annimali li jrabbi. Il-Maltin talbu l-interċessjoni tal-Madonna meqjuma fl-Għar tal-Mellieħa, u dik is-sena x-xita niżlet bl-abbundanza. L-istess kien ġara fl-1640, meta Malta esperjenzat nixfa kbira oħra. Fiż-żewġ okkażjonijiet kienu ġew organizzati velji ta' talb, pellegrinaġġi lejn dan is-santwarju u anki purċissjonijiet f'xi rħula. L-istess ġara matul l-assedju kontra l-Mislem u matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Madonna interveniet għat-talb tal-Maltin u l-għadu ġie megħlub. Fi żmien il-Gran Mastru Wignacourt Malta esperjenzat ġuħ kbir minħabba nuqqas kbir ta' qamħ. Il-Gran Mastru kien fost dawk li personalment talbu quddiem ix-xbieha tal-Madonna ta' Filermo, flimkien ma' xi kavallieri u Maltin. Ġranet wara, ix-xwieni tal-Ordni marru jattakkaw il-port ta' Patras, li kien qed iżomm it-tagħbija tal-qamħ milli titlaq lejn pajjiżna. Ix-xwieni tal-Ordni kellhom suċċess fl-operazzjoni tagħhom u rnexxielhom iġibu l-qamħ li tant kien bżonjuż f'Malta. L-ikona mirakoluża tal-Madonna ta' Filermo, li kienet fil-Katidral ta' San Ġwann, inġiebet minn Rodi mill-Kavallieri wara li kienu salvawha wara li tilfu Ġerusalemm. Illum il-ġurnata tinsab fil-Montenegro. Żewġ Presidenti ta' Malta, Dr Guido de Marco u Dr George Abela, it-tnejn ippruvaw iġibu din ix-xbieha lura lejn pajjiżna, li kienet ingħatat lill-Kżar tar-Russja mill-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch kontra r-rieda tal-poplu fl-1798, matul l-okkupazzjoni Franċiża, imma ma rnexxilhomx. Kulma ngħatajna kien kopja tagħha.

Il-ħafna kwadri tal-wegħda magħrufa bħala ex-voto li jinsabu fil-knejjes tal-Madonna tal-Ħerba f'Birkirkara, Tal-Ħlas f'Ħal Qormi, is-santwarju ta' Ħaż-Żabbar, is-santwarju tal-Madonna tal-Ħniena fil-Qrendi, il-knisja Tal-Minsija f'San Ġwann u diversi kappelli huma xhieda kbira ta' grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna f'Malta. Għawdex hemm kwadri simili fis-Santwarju ta' Pinu fl-Għarb, il-knisja ta' Lourdes fl-Imġarr u l-knisja ta' Santa Marija tal-Qala, fost postijiet oħra. Insemmu wkoll li l-Madonna wriet ukoll li hija l-fejqan tal-morda meta għal diversi drabi Malta ntlaqtet mill-pesta, l-aqħar fosthom fl-1675 u fl-1813. Bħala ringrazzjament għall-wgħiedi maqlugħa matul dawn il-pesti nbnew kappelli minn gran mastru, kavallieri u anki individwi oħra bħala ringrazzjament lil Marija Santissima li kienet is-sejf u tarka waqt gwerer u mard. Fost dawn il-knejjes hemm dik magħrufa bħala Ta' Sarria fil-Furjana, tal-Immakulata Kunċizzjoni u s-santwarju tal-Madonna tal-Ħniena f'Ħaż-Żebbuġ, Malta.

Huwa dokumentat li fil-gżejjer Maltin hawn imwaqqfa qrib it-80 fratellanza taħt titli differenti mogħtija lill-Madonna. L-aktar popolari huma dawk bit-titlu Madonna tar-Rużarju, 36, u warajhom b'14 tal-Madonna tal-Konsolazzjoni. Kważi ndaqs hemm tad-Duluri, tal-Kunċizzjoni u tal-Karmnu. Anki f 'Għawdex il-fratellanzi minn dejjem kienu popolari u nsibu li hemm imwaqqfa 12-il waħda. Għalkemm il-fratellanzi ma għadhomx attivi daqskemm kienu fl-antik għad hawn numru mhux ħażin minnhom li għadhom jipparteċipaw f'okkażjonijiet Marjani diversi. L-ewwel fratellanza twaqqfet fil-Birgu fl-1445, filwaqt li f'Għawdex fl-1492. F'dan is-seklu kien hemm oħra dedikata lill-Assunta f'Ħ'Attard, li twaqqfet fl-1499. Minbarra l-fratellanzi nsibu wkoll kongregazzjonijiet li huma popolari ħafna f'dawn iż-żminijiet fiż-żewġ gżejjer. Minn dawn għad hawn 22 waħda, ukoll b'titli differenti. Ħafna minnhom għandhom fergħat fl-irħula u l-bliet.

Il-kult Marjan f'pajjiżna kompla jissaħħaħ f'Malta meta l-Isqof Publju Sant talab

lill-Vatikan biex Marija Santissima tiġi dikjarata l-patruna speċjali ta' Malta. Din it-talba ġiet milqugħa b'dak li jissejjaħ Brevi Apostolico li biha l-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX għoġbu jaħtar u jiddikjara lil Marija Santissima patruna speċjali ta' Malta u Għawdex, peress li dak iż-żmien iż-żewġ gżejjer kienu djoċesi waħda. Dan il-brevi apostolico kien inqara fil-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fil-jum tal-ingress solenni tal-Isqof fit-18 ta' Mejju 1848. Dan il-brevi apostolico jinsab arkivjat mad-dokumenti tal-Isqof Sant. Huwa ffirmat mill-Kardinal Lambruschini u jġib id-data tat-12 ta' Frar 1848.



Kwadru antik fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa

Purċissjonijiet u Pellegrinaġġi

Matul is-sena, b'mod speċjali fil-festi Marjani jew inkella f'xi anniversarji partikolari fil-bliet u l-irħula tagħna, jinżammu diversi purċissjonijiet u pellegrinaġġi. Dawn f'diversi każi huma t-twettiq ta' wgħiedi li kienu jsiru ma' Marija Santissima, mhux fuq bażi individwali imma komunitarja. Fl-antik dawn il-pellegrinaġġi kienu ferm akbar fin-numru mil-lum. Dan il-kult mill-Maltin kompla jiżviluppa anki barra minn xtutna. Numru kbir ta' pellegrini ta' kull sena jmorru lejn santwarji sagri li nsibu fl-Ewropa. L-aktar pellegrinaġġ antik sar lejn Lourdes fi Franza. Dan kien ġie organizzat bejn id-19 u d-29 ta' Awwissu 1895.[15] Dan kien sar meta l-mezzi tat-trasport bejn pajjiż u ieħor kienu ferm diffiċli u jieħdu fit-tul. Pellegrinaġġi oħra lejn postijiet Marjani li huma popolari mal-Maltin huma dawk lejn Fatima fil-Portugall, Loreto, Pompei u Pietrelcina fl-Italja, post marbut ma' Padre Pio u hemm knisja dedikata lill-Madonna tal-Grazzja. Isiru wkoll pellegrinaġġi għal Aylesford, Kent fir-Renju Unit u Medjugorje fil-Bożnija.



Kwadri tal-ex-voto fil-knisja tal-Madonna tal-Ħlas f'Ħal Qormi

Mawriet bħal dawn mhumiex xi divertita lejn xi wħud mill-isbaħ pajjiżi fl-Ewropa, imma pellegrinaġġi spiritwali bħala xhieda qawwija ta' fidi u qima lejn Ommna Marija. Dan il-kult diffiċli ħafna li jmut fil-gżejjer tagħna, minħabba l-għeruq fondi li għandu, u dan huwa apprezzat ħafna anki mill-Vatikan. Il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1983 kien għażel lil Malta biex hawnhekk jinżammu d-disa' Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u s-sittax-il Kungress Marjan, f'għeluq il-mitt anniversarju mid-dehra tal-Madonna ta' Pinu f'Għawdex. It-tema tas-sittax-il Kungress Marjan kienet Marija Omm il-Ħniena u r-Rikonċiljazzjoni.

---

15 Farrugia, Max. L-Istorja tal-Għaqda Maltija għat-Trasport tal-Morda f'Lourdes. Malta, 2009.



In-Niċeċ Madwar l-Imġarr

Mario Vassallo

It-twemmin u d-devozzjoni tal-poplu Malti lejn ir-reliġjon Kattolika u dak kollu li jsawwarha ħallew impatt saħansitra anke fid-diversi statwi u niċeċ li nsibu mwaqqfin fit-toroq tal-ibliet u l-irħula tal-gżejjer Maltin. Dan nistgħu narawh anke fir-raħal tagħna, l-Imġarr, fejn imxerrdin fil-kampanja jew imwaqqfin mal-faċċata ta' xi dar insibu numru żgħir ta' niċeċ. Dawn juru t-twemmin sod li kellhom missirijietna, li minħabba xi avvenimenti li seħħew fi żmienhom jew madwarhom riedu li dawn jibqgħu mfakkra matul is-snin bit-twaqqif ta' niċeċ maħdumin fil-ġebel. Uħud minn dawn saru bħala wegħda u t-tagħrif dwarhom wasal għandna permezz tat-tagħrif li għadda bil-fomm minn ġenerazzjoni għal oħra. Tagħrif ieħor importanti nsibuh fi skrizzjoni mnaqqxa taħt xi wħud min-niċeċ li turi min kien l-isqof u f'liema data kien qiegħed jorbot l-indulġenza għal min jgħid xi talba quddiem dik in-niċċa partikolari.



Il-kappella l-antika tal-Imġarr, iddedikata lil Santa Marija

Għalkemm l-Imġarr mhux xi raħal antik bħala parroċċa, però nafu li sa mis-seklu 16 kienet diġà teżisti kappella ddedikata lil Marija Assunta. Din id-devozzjoni lejn il-Madonna jidher ċar li rabbiet għeruq sodi fil-qalb tal-poplu Mġarri. Fil-fatt id-disa' niċeċ li jinsabu f'din ix-xaqliba tal-gżira huma kollha ddedikati lill-Madonna taħt titli differenti. Dawn huma:

Santa Marija fil-ġenb tal-knisja, Triq Sir Temi Zammit (iż-Żebbiegħ), Triq l-Imġarr (bejn l-Imġarr u l-Mosta) u Triq Sir Harry Luke;

L-Immakulata Kunċizzjoni fi Triq iż-Żebbiegħ u Binġemma;

Il-Madonna tal-Karmnu f'Fomm ir-Riħ u fi Triq il-Kurat Chetcuti;

Il-Madonna tar-Rużarju fi Triq il-Kbira.

Kif diġà nkiteb, numru minn dawn in-niċeċ għandhom id-dati tal-għoti tal-indulġenza u allura nistgħu naħsbu li twaqqfu qrib dawk id-dati. Hemm minnhom li nbnew fis-seklu 19 u oħrajn fis-seklu 20. Ħalli naraw issa kif twaqqfu, u se nibda mill-aktar antika, bejn wieħed u ieħor, għax m'hemmx data fuq kollha, filwaqt li nsemmu xi stejjer li hemm marbutin magħhom.

L-Immakulata Kunċizzjoni fi Triq iż-Żebbiegħ



L-Immakulata Kunċizzjoni fi Triq iż-Żebbiegħ

Din in-niċċa ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni tinsab fuq il-faċċata ta' razzett antik, x'aktarx ta' żmien il-Kavallieri, iżda ma jidhirx li hemm data ta' meta twaqqfet in-niċċa. Maddaqqa t'għajn tidher li hija antika mhux ħażin, u fuqha jidher li fl-imgħoddi kienet miżbugħa, għax baqa' xi rqajja' żgħar taż-żebgħa. Bħal niċeċ oħra, quddiemha kien hemm fanal ċkejken u post fejn jitqiegħdu xi fjuri. Il-forma ta' gwarniċ fil-ġebel fuq barra tan-niċċa propju jagħtik x'tifħem li xi darba din kienet tingħalaq b'xi ħġieġa mwaħħla ma' frame tal-injam biex tagħlaq l-istatwa fuq ġewwa u tħarisha mill-elementi ta' riħ u xita.



In-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu, Fomm ir-Riħ

Il-Madonna tal-Karmnu f'Fomm ir-Riħ

Mibnija fuq kamra ċkejkna, fuq xifer l-irdum tal-Bajja ta' Fomm ir-Riħ, insibu n-niċċa ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Rakkont ħelu miġbur mill-ktieb dwar l-Imġarr ta' Mons. Deguara jgħidilna kif il-bidwi Pawlu Dimech, Tal-Ġgant, li kellu nixxiegħa tal-ilma fl-inħawi ta' Fomm ir-Riħ, kien beża' li l-ilma ġieri seta' jieqaf meta sema' lil Peppi ta' Pizzuto, bidwi ġar tiegħu, iħaffer għall-ilma. Il-biża' wasslu biex għamel wegħda li jekk l-ilma jibqa' ġej jibni niċċa lill-Madonna tal-Karmnu. Fil-fatt ġara li għalkemm Peppi sab l-ilma ġieri wkoll, dik ta' Tal-Ġgant ma waqfitx, u allura żamm mal-wegħda li kien għamel u bena din in-niċċa b'ringrazzjament. Fit-13 ta' Jannar 1867 l-Isqof Gaetano Pace Forno kien ta indulġenza ta' 40 jum lil min jgħid it-talba tas-*Salve Regina* quddiem din l-istatwa.[1]

L-Immakulata Kunċizzjoni f'Binġemma

Niċċa oħra tal-Madonna mwaqqfa f'nofs il-kampanja Mġarrija hija dik li nsibu fl-inħawi ta' Binġemma. Għalkemm illum wieħed jista' jaħseb li l-pożizzjoni tagħha tidher li tinsab barra mir-raħal jew f'post imwarrab, fil-fatt din twaqqfet f'post prominenti ħafna għal dak iż-żmien. Dan minħabba l-fatt li tinsab f'kantuniera bejn it-triq li mill-Imdina kienet twassal għall-Imġarr u tibqa' tielgħa lejn it-Tramuntana ta' Malta u t-triq l-oħra li mill-Mosta jew iċ-ċentru ta' Malta kienet twassal lejn is-Santi u Fomm ir-Riħ, fejn ukoll kien hemm triq bejn l-Imdina u n-naħa ta' fuq tal-gżira.

Din it-tip ta' niċċa hija unika fil-kampanja Mġarrija u tikkonsisti f'niċċa għolja madwar ħames filati mdawra b'bordura li ddur nofs tond, u ingastata fiha għandha riliev ta' mezzobust tal-Kunċizzjoni. Dan hu artistiku ħafna għax fih xogħol tajjeb



In-niċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni, Binġemma

ta' skultura, bħalma huma l-idejn magħqudin flimkien fuq sider il-Madonna u l-paneġġi tal-libsa u tal-mant. Dawn huma wesgħin, mibruma u folti u jingħaqdu flimkien fuq ix-xellug. Kitba taħt tfakkar l-għoti tal-indulġenza iżda ż-żmien mermer il-kitba u ma tantx tista' tingħaraf.[2]

Anke din in-niċċa nsibu storja jew leġġenda marbuta magħha, li waslet għandna rrakkontata min-nies tal-inħawi. Kollox beda meta tfajla kienet qiegħda tirgħa n-nagħaġ f'dawn l-inħawi meta ħin bla waqt tilmaħ żewġ suldati resqin lejha li ħassbuha ħażin. Hi bdiet miexja bin-nagħaġ lejn Tal-Iskorvit, lejn ir-razzett tagħha, u huma bdew isegwuha. Għal din il-mossa qabdet tiġri 'l isfel mat-triq, bin-nagħaġ jiġru magħha, u wara xi kilometru ġiri mal-mogħdija lemħet bir magħruf bħala "l-Bir tar-Ramel" u qabżet ġo fih. B'xorti tajba ma kienx fih ilma u ma kienx fond u għalhekk ma weġġgħetx. In-nagħaġ baqgħu neżlin mal-mogħdija sa ma waslu r-razzett. Iż-żewġ suldati wkoll baqgħu neżlin wara n-nagħaġ għax ma ndunawx li t-tfajla kienet qabżet fil-bir. Iżda xħin indunaw li n-nagħaġ waqfu wara razzett u t-tfajla ma setgħu jsibuha mkien, bir-rabja li kellhom qabdu waħda min-nagħġiet u qattgħuha bċejjeċ u telqu lura minn fejn ġew.

Ftit qabel inżul ix-xemx il-ġenituri tat-tfajla reġgħu lura mir-raba' u ndunaw li n-nagħaġ kienu hemm imma 'l binthom ma sabuhiex. Għalhekk ħarġu jfittxuha u fl-istess ħin għamlu wegħda li jibnu niċċa lill-Madonna jekk isibu 'l binthom qawwija u sħiħa. Wara ħafna tiftix u taqtigħ il-qalb sabuha fil-Bir tar-Ramel. Il-missier żamm il-wegħda u bena din in-niċċa lill-Madonna tal-Kunċizzjoni. Fil-bażi tagħha tinsab minquxa d-data 1869.

Matul is-snin id-devozzjoni lejn din in-niċċa jidher li baqgħet dejjem tiżdied, tant li madwar 90 sena ilu missier ta' familja minn dawn l-inħawi kien beda jaħkmu l-biża' minħabba li kien sema' li għal xi raġuni jew oħra kienu ser jittiħdulu r-razzett u r-raba'. F'dan l-inkwiet għamel wegħda mal-Madonna li jekk ir-razzett u r-raba' jibqgħu għandu jixgħel tazza żejt kuljum quddiem ix-xbieha tal-Kunċizzjoni li kien hemm fin-niċċa ta' Binġemma. Ġara li r-razzett u r-raba' baqgħu għandu u l-wegħda żammha. Ta' kull filgħaxija hu stess kien jixgħel tazza żejt, anke jekk kien ikun għadu ġej mill-Furjana bir-rota wara ġurnata xogħol. Din id-drawwa baqgħet ġejja sal-lum, għax baqa' min jieħu ħsieb jixgħel xemgħa kuljum filgħaxija u jqiegħed xi fjuri friski meta jkun possibbli. Dari iktar mil-lum, qabel twassal id-dawl elettriku fl-inħawi, jiġifieri madwar 70 sena ilu, id-dawl tax-xemgħa kien jagħti ċertu wens u direzzjoni lil min ikun għaddej minn hemm.

Sirna nafu wkoll li n-nies tal-inħawi jqisu bħala għajniuna mis-sema l-fatt li ma

ntilfux ħajjiet f'inċidenti li seħħew f'dan il-post matul is-snin. L-ewwel inċident kien ġara l-għada tal-festa ta' Corpus Christi meta xi Rabtin iddeċidew li jikru xarabank biex imorru għax-xalata. Ix-xufier iddeċieda li jgħaddi minn Binġemma u malli qabad dik in-niżla dejqa u kerha jilmaħ karettun bil-bettija tal-bexxiexa tielgħa mat-telgħa. Filwaqt li tal-karettun daħal f'mogħdija tar-raba' x-xufier żamm il-brejk b'ħasda u minnufih inqalgħet ir-rota ta' quddiem tax-xarabank u qabdet tiġri man-niżla. Fix-xarabank inqala' storbju sħiħ u x-xufier instema' jgħajjat biex ħadd ma jaqbeż. Il-vettura baqgħet nieżla n-niżla kollha, fost ħafna ħsejjes ta' ħadid iħokk mal-art u xrar tan-nar itir, sa ma waqfet eżatt quddiem din in-niċċa. Ħadd ma weġġa' f'dan l-inċident, li seta' kellu konsegwenzi koroh meta tikkunsidra l-pożizzjoni ta' dik it-trejqa fuq dak il-wied fond.

Inċident ieħor jissemma li ġara lejn l-aħħar tas-snin ħamsin meta żewġ trakkijiet tal-Militar, mgħobbijin bil-ġebel għall-pumping station li kienet qiegħda tinbena, dehru neżlin in-niżla ta' Binġemma. Ħin bla waqt it-trakk ta' wara marrulu l-brejkijiet, u fost ħafna għajjat ix-xufiera ddeċidew li t-trakk ta' wara jżomm ma' ta' quddiemu. Wieħed jista' jifhem kemm kien diffiċli li t-trakk ta' quddiem iżomm il-brejkijiet għal żewġ trakkijiet mgħobbijin bil-ġebel f'dik in-niżla. Jingħad li t-trakk ta' quddiem beda jħokk mal-faċċati tad-djar biex inaqqas il-veloċità. B'xorti tajba dak il-ħin inzerta ma kien hemm ħadd f'xi bieb jew tieqa għax kieku kien jintlaqat żgur. Jingħad ukoll li t-trakkijiet waqfu quddiem in-niċċa u anke hawn ħadd ma weġġa'.

Id-devozzjoni lejn in-niċċa ta' Binġemma kompliet tikber matul is-snin billi kienet iddaħħlet id-drawwa li fix-xahar ta' Mejju, ma' nżul ix-xemx, jinġabru n-nies tal-inħawi biex jgħidu r-rużarju quddiem din ix-xbieha tal-Madonna. Iżda ġara li kemm minħabba li bdew jiżdiedu l-karozzi li jgħaddu minn hemm u bejn għax in-nies bdew jiġu ttantati minn xi persuni oħra, din id-drawwa twaqqfet xi snin ilu.

Santa Marija fi Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ

Din in-niċċa ma tinsabx fuq il-faċċata imma tinsab mibnija f'ħajt li jħares għal fuq il-bitħa jew is-setaħ ta' razzett antik fi Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ. Sfortunatament, kif qaluli xi persuni li joqogħdu fl-inħawi, l-istatwa ilha nieqsa madwar 40 sena, però hemm min jiftakar li kienet statwa ta' Santa Marija tixbah lit-titular tal-Mosta.[3] Però skrizzjoni li hemm taħt din in-niċċa, bid-data tas-17 ta' Jannar 1879, turi kif l-Isqof Carmelo Scicluna kien qiegħed jagħti indulġenza ta' 40 jum lil min jgħid *Salve Regina* quddiemha.



In-niċċa fi Triq Sir Temi Zammit, iż-Żebbiegħ

Santa Marija mal-ġenb tal-knisja parrokkjali

Din l-istatwa ta' Santa Marija minquxa fil-ġebel ukoll għandha l-istorja partikolari tagħha. Il-post oriġinali tagħha kien fil-faċċata tal-knisja l-antika, li kellha tinħatt fl-1919 biex tagħmel il-wisa' għall-knisja l-ġdida. Dan il-fatt



Santa Marija mnaqqxa fil-ġebel li tinsab fil-ġemb tal-Knisja

jurina li din l-istatwa ilha aktar minn mitt sena li ntgħamlet. Kienet tħallset minn wieħed bidwi li personalment offra ħidmitu u l-għaraq ta' ġbinu bħala ringrazzjament lill-Madonna għal ċirkustanza mwiegħra li sab ruħu fiha.

Ġakbu Muscat kien bidwi Mġarri u kien jaqla' l-għejxien tiegħu mill-ħidma fir-raba'. Għal numru ta' snin kellu debba bajdanija biex tgħinu fit-trasport bil-karettun, biex jaħrat l-għelieqi u biex tidres fuq il-qiegħa. Kultant kien jeħodha sal-Bajja tal-Ġnejna biex jgħawwimha ħalli tinħasel bl-ilma mielaħ tal-baħar, li jagħmel ħafna ġid għas-saħħa. Kellu d-drawwa li filwaqt li jżommha b'ħabel qasir jinżel jgħum magħha u joħroġha ftit 'il barra fejn ma jilħqilhiex u allura tibda tgħum.

Kienet okkażjoni minn dawn, li minħabba li kien ftit ħafif mix-xogħol tar-raba' ddeċieda li jieħu d-debba sal-baħar. Kien ftit qabel inżul ix-xemx u dakinhar inzerta li l-baħar kien imċaqlaq mhux ħażin. Mingħajr ma qata' qalbu mis-sitwazzjoni niżżel id-debba biex tgħum. F'ħin minnhom din tat skoss qawwi, il-ħabel żġiċċa minn idejh, dawret rasha 'l barra u bdiet tgħum 'il barra mix-xatt. Bejn bil-ħasda u bejn bil-kundizzjoni tal-baħar id-debba ma laħaqhiex u kellu jdur u jitla' mill-baħar.

Għal dak il-ħin kien ta' xejn li beda jsejħilha "Bajda, ejja 'l hawn!" u kliem ieħor ta' żegħil li normalment kienet tisma' minnu u tobdih. Tgħum 'il barra kienet u tgħum 'il barra baqgħet. Ix-xemx kienet nieżla wara x-xefaq, u minħabba l-mewġ li kien hemm beda daqqa jara rasha u daqqa le. Ġakbu ħarab jiġri lejn fejn is-soltu jkunu s-sajjieda, bit-tama li jsib lil xi ħadd u joħorġu bid-dgħajsa għaliha, imma ma sab lil ħadd. Minħabba li dakinhar il-baħar kien ftit qawwi s-sajjieda kienu nġabru fi djarhom. Sadanittant baqa' jgħajtilha "Bajda! Bajda!" imma kien kollu ta' xejn.

Reġa' lura lejn ix-xtajta u tela' fuq blata mdaqqsa milli kien hemm. Issa d-debba kienet tbiegħdet ħafna u kienet waslet maġenb il-Qarraba, iktar ma jarahiex milli jaraha. F'dik is-sitwazzjoni hekk diffiċli dawwar ħsibijietu lejn is-sema u b'fidi soda fil-Madonna mxettla ġewwa fih sa minn ċkunitu beda jitlob u jwiegħed li jekk id-debba terġa' lura qawwija u sħiħa jħallas għal statwa tal-Madonna.

Kien beda jroxx id-dlam ġmielu meta ħin bla waqt induna li d-debba daret lejn ix-xatt. Minn fuq il-blata baqa' jgħajtilha u jistennieha sakemm tasal. Meta qorbot mhux ħażin ħareġ jgħum biex jilqagħha, ħataf il-ħabel u bid-dmugħ f'għajnejh tellagħha x-xatt. Id-debba, li kienet għoddha ntilfet, reġgħet lura qawwija u sħiħa. Issa kien dalam, u bejn għajjien u bejn ferħan li ma tilifx id-debba, il-bidwi qabad triqtu lejn ir-raħal.

Ġakbu żamm il-wegħda li kien għamel u ħallas għal statwa tal-Madonna maħduma fil-ġebel. Qatt ma lissen kemm swietlu.[4] Din l-istatwa sabet postha f'niċċa vojta fuq

il-bieb ewlieni fil-faċċata tal-knisja l-qadima tar-raħal. Meta l-knisja l-antika kellha tinħatt fl-1919 l-istatwa nqalgħet bil-galbu u tqiegħdet f'post kenni biex ma ssirilhiex ħsara. Meta mbagħad il-knisja l-ġdida ssaqqfet bil-koppla tagħha lejn l-aħħar tas-snin tletin, l-istatwa ta' Santa Marija sabet postha f'dak li kien il-bieb tad-dħul fil-knisja, u li wara li ġie rranġat serva bħala n-niċċa l-ġdida għal din l-istatwa. Fuq in-niċċa twaħħlet kitba bil-Malti antik "IX-XIUH TGHANA LILEC FAHHRU", li hu vers mill-innu li s-Surmast Ġanni Cilia kien għadu kif kiteb biex jitkanta fil-festa ta' Santa Marija, bl-isem "L-Imġarr Iben Marija".



In-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju fi Triq il-Kbira

Il-Madonna tar-Rużarju fi Triq il-Kbira u l-Madonna tal-Karmnu fi Triq il-Kurat Chetcuti

Dawn iż-żewġ niċeċ iddedikati lill-Madonna tar-Rużarju u l-Madonna tal-Karmnu saru mill-aħwa Pawlu u Karmnu Vassallo rispettivament. Milli jidher id-devozzjoni lejn il-Madonna u l-entużjażmu li kien hawn fir-raħal meta ġriet l-aħbar li l-Imġarr kien ser isir parroċċa wasslu biex twaqqfu dawn iż-żewġ niċeċ.

Jingħad li Pawlu Vassallo ġietu l-idea u ħallas biex titwaqqaf in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju fil-faċċata ta' daru. Iżda meta nbniet in-niċċa u waslet l-istatwa ħadd ma ried itellagħha f'postha għax beżgħu li setgħu jolqtuha jew ikissruha. Meta ra hekk Pawlu qabad l-istatwa b'attenzjoni kbira u b'ċerta devozzjoni tellagħha u qegħedha f'postha. Fil-bażi tal-istatwa hemm minquxa d-data 1898, jiġifieri s-sena li l-Imġarr sar parroċċa. Taħt in-niċċa nsibu kitba minquxa fuq irħama li twaħħlet mal-ħajt li turi kif l-Arċisqof Pietru Pace, nhar l-14 ta' Settembru 1898, kien qiegħed jagħti 40 ġurnata indulġenza lil min jgħid *Ave Maria* quddiem din l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.



Niċċa tal-Madonna tal-Karmnu

Matul is-snin din in-niċċa baqgħet tiġi kkurata u miżmuma tajjeb ħafna. Kull tant snin kienet tingħata ż-żebgħa u fi żmien il-festa ta' Santa Marija, billi l-purċissjoni tgħaddi minn quddiemha, kienet tiżżejjen b'sett bozoz u bil-fjuri. Għall-istess okkażjoni kienet ukoll titqiegħed kuruna tar-rużarju fl-idejn tal-Madonna, u wara l-festa din kienet titneħħa biex iċ-ċaqliq tal-kuruna fil-maltemp ma jagħmilx ħsara lill-istatwa.[5]

Jingħad li meta tlestiet din in-niċċa Karmnu, ħu Pawlu, iddeċieda li hu wkoll kellu jagħmel niċċa oħra, din id-darba

ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Din twaqqfet ma' ħajt ta' razzett li jinsab f'tarf Triq il-Kurat Chetcuti, wara l-knisja parrokkjali. In-naħa ta' fuq tispikka stilla mnaqqxa fil-ġebel b'sitt ponot, però meta wieħed josserva sewwa din in-niċċa u dik tar-rużarju jara kemm huma simili. Ma jidhirx li hemm data fuq din in-niċċa, però l-kitba li hemm taħtha turi biss li hemm 40 jum indulġenza lil min jgħid *Salve Regina* quddiemha.



Santa Marija fuq ir-razzett bejn l-Imġarr u l-Mosta

Santa Marija fi Triq l-Imġarr, bejn l-Imġarr u l-Mosta

Din in-niċċa ddedikata lil Santa Marija tinsab fil-faċċata ta' razzett fit-triq ewlenija bejn l-Imġarr u l-Mosta, fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Mrajza. Ftit hemm informazzjoni dwarha, però milli jidher ir-razzett ilu mibni ħafna snin filwaqt li n-niċċa twaqqfet lejn l-ewwel kwart tas-seklu 20. Il-kitba minquxa fuq l-irħama li hemm taħtha turi kif l-Arċisqof Mons. Mauro Caruana, b'digriet mogħti nhar l-10 ta' Diċembru 1930, kien qiegħed jorbot 100 jum indulġenza għal min jgħid *Salve Regina* quddiem din in-niċċa.



Santa Marija fi Triq Sir Harry Luke

Santa Marija fi Triq Sir Harry Luke

Din ix-xbieha ta' Santa Marija, li tinsab fi Triq Sir Harry Luke, mhijiex imqiegħda ġo niċċa tradizzjonali iżda tikkonsisti minn bassoriliev imnaqqax mill-ġebla tal-franka. Ix-xbieha ta' Santa Marija ġiet imdawra b'disinn ovali u tħalliet bordura f'xifer il-ġebla rettangolari biex isservi ta' gwarnič. Il-ġebla bix-xbieha tal-Madonna m'ogħla żewġ filati u nofs tqiegħdet flaxx mal-faċċata tad-dar. Taħt in-niċċa fadal parti minn dak li kien fanal. Fil-festa tar-raħal din in-niċċa kienet tintrama b'sett bozoz madwarha.



Fondi Miksuba mill-Proġetti...

Joseph Caruana
Segretarju Ġenerali

Minn żmien għal żmien ikun hemm diversi opportunitajiet biex inwettqu diversi proġetti. Dan ikun possibbli billi nissottometu proposta u din, wara li tiġi evalwata, tingħażel biex tiġi mwettqa.

Hawn ta' min jgħid mill-bidu nett li dawn il-proġetti jridu jkunu konformi ma' diversi linji gwida u anke jkunu relatati mar-rekwiżiti mitluba. Dan ifisser li mhux kull idea tkun tista' tiġi żviluppata fi proġett, għax kif ġa għedt ħafna drabi, dawn il-fondi jkunu marbuta ma' skemi jew biex inkun iktar qed nuża kliem sempliċi jew il-kliem tat-triq, il-fondi jingħataw biss biex twettaq dak mitlub. Nieħdu eżempju, jekk l-iskop tal-fond ikun biex tagħmel restawr ta' oġġetti antiki ma tistax tużahom biex tixtri opri ġodda. Qed ngħid dan għax ġieli jkun hemm min isaqsini, eżempju, "Kif għamiltu dak il-proġett u ma għamiltux ieħor?" Dan ikun sar għax il-proposti sottomessi għandhom ikun konformi mat-talbiet u l-linji gwida maħruġa b'rabta mal-proġett imsemmi.

Din is-sena ssottomettejna żewġ proposti u rnexxielna nieħdu l-fondi biex inwettqu ż-żewġ proġetti. L-ewwel proposta kienet dik tal-Aġenzija Żgħażagħ bi sħab mal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Dan hu fond li jgħin fl-ispejjeż tat-tagħlim tal-mużika. Fil-fatt hu msejjaħ Taħriġ Mużikali għaż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda. Permezz ta' dan il-fond din is-sena se ningħataw is-somma ta' €2,500. Dawn se jintużaw biex inkopru parti mill-ħlasijiet lill-għalliema li jgħallmu l-mużika bla ħlas fi ħdan l-għaqda tagħna.

Ftit snin ilu bdejna l-proġett tal-istatwa ta' Santa Marija tad-dimostrazzjoni u l-pedestall monumentali. Holma li ftit qed issir realtà. Biex beda jitwettaq dan il-proġett ħadna diversi fondi minn entitajiet differenti u anke l-Imġarrin tawna diversi donazzjonijiet. Però dan il-proġett fadallu bosta xogħol xi jsir. Bil-fondi li se ningħataw mill-Kunsill Malti għall-Arti se nirħamaw il-pedestall. B'hekk il-pedestall ikompli jsebbaħ il-pjazza maestuża tagħna. Dan ix-xogħol se jsir mill-artist Għawdxi George James Cutajar Zahra, l-istess persuna li ddisinjat il-pedestall. Ix-xogħol se jibda wara l-festa u għandu jitlesta sa Mejju tas-sena d-dieħla. Għal dan il-għan ingħatajna s-somma ta' ħamest elef ewro. Fl-istess proposta tlabna u ngħatajna s-somma ta' tmint elef ewro għall-banda. Dawn il-fondi ntużaw biex nixtru 10 iPads oħra biex il-banda tkun tista' tużahom waqt il-programm fuq il-planċier u meta ddoqq bilqiegħda. Ma' dawn se nixtru wkoll sett ta' ħamsin leġiju għall-iPads. B'hekk issa l-għaqda tagħna se jkollha devices biżżejjed għall-banda kollha, u biex nissalvagwardjawhom se nkunu mgħammra bi stands apposta biex filwaqt li l-mużiċisti jkunu iktar komdi, fl-istess waqt dawn id-devices ikunu iktar protetti.

Li kieku ma jkunux fondi bħal dawn żgur ma jkunx possibbli li nwettqu ċerti inizjattivi u wisq anqas ikun possibbli li nibqgħu ngħallmu l-banda bla ħlas. Għal dawn il-fondi jkun meħtieġ ħafna xogħol ta' dokumentazzjoni u riċerka u anke sorveljanza waqt l-implimentazzjoni, kollu xogħol li jitlob dedikazzjoni u impenn… Xogħol li nagħmlu mill-qalb volontarjament għall-ġid tal-għaqda tagħna u l-komunità Mġarrija.

Servizzi Mużikali mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr A.D. 2011

Data	Attività	Lokalità
15 ta' Diċembru '24	Il-Pussess tal-Kappillan	L-Imġarr
2 ta' Jannar '25	Programm tal-Epifanija	L-Imġarr
16 ta' Frar '25	Programm Mużikali Ġieħ l-Imġarr	L-Imġarr
20 ta' Lulju '25	Festa ta' San Ġużepp	Il-Kalkara
27 ta' Lulju '25	Festa ta' Santa Venera	Santa Venera
2 t'Awwissu'25	Festa tas-Salvatur	Ħal Lija
13 t'Awwissu '25	Festa tat-tfal Festa ta' Santa Marija	L-Imġarr
22 t'Awwissu '25	Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Santa Marija Assunta	
	Festa ta' Santa Marija	L-Imġarr
23 t'Awwissu '25	Programm vokali u strumentali	
	Festa ta' Santa Marija	L-Imġarr
24 t'Awwissu '25	Purċissjoni – Festa ta' Santa Marija	L-Imġarr

It-tagħlim tal-mużika jkattar il-kultura.

Għalhekk ħajjar lil uliedek jitgħallmu strument mal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr.

Għal aktar dettalji kkuntattjana fl-indirizz elettroniku info@bandamgarr.com jew ibgħat messaġġ bil-WhatsApp lin-numru 79674678.

Sejħa għar-Reffiegħa



Jekk tixtieq terfa' fl-istatwa ta' Santa Marija waqt il-marċ tal-Ġimgħa 22/8/2025 uri l-interess tiegħek billi tikkuntattjana fuq Whatsapp bin-numru 79674678 jew billi tibgħat email lil mgarrband2011@gmail.com.

Flokk Tal-Festa Santa Marija 2025



Grazzi lill-isponsors

Donazzjoni: €5

Sizes: Sena sa 3XL Ċempel: 79674678, 79391306

VZ lines ltd.

Gear Up for the Road with Our Comprehensive Driving Lessons!

www.vzlines.com.mt



velltech

vehicles - air conditioning - repair & services

Garage : +356 2299 6699 | Phone : +356 9905 4996 | Email: info@velltech.mt


www: velltech.mt | facebook.com/velltechmalta

Velltech offers services and repairs to commercial vehicles, minibuses and coaches and on vehicles Air conditioning systems.



Velltech is Gasan Zammit Motors Ltd's official authorised repairer for Ford Transit & Ford Custom ranges.


BOMMER
CONTRACTORS
TRENCHING
ROAD CONSTRUCTION
PLANT HIRE
CONCRETE SUPPLIES
ROCK CUTTING
RAMEL U ŻRAR
9943 4977
stephenbommer@gmail.com


Bongailas
Construction Ltd.
• Quality
• Efficiency
• Reliability
We build architects' dreams!
Mob: 79692500



JonathanAttard

Il-Festa t-Tajba lill-Imgarrin

Santa Marija 2025

MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U
R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

2152 5202 7980 7887
21807887 - 79648001
jonathan@jonathanattard.mt
Majestic Court, Triq il-Kbira, Mellieħa
The Gillieru Harbour Hotel, Church St, St Paul's Bay
facebook

PJAZZA REĠINA

VALLETTA

My Place, My Wine





I.G.T.
MALTESE
ISLANDS

EMMANUEL DELICATA WINEMAKER

enjoy responsibly; never drink and drive

/DELICATA WINERY

WWW.DELICATA.COM

Agius Agricultural Trading LTD

Ghall bzonnijiet agrikoli tieghek

Impurtaturi u distribituri ta makkinarju agrikolu, fertillizanti, xitel, frawli, bexx

tel: +35621573402
e-mail: info@agiusagricultural.eu
web: www.agiusagricultural.eu











Andrew Vassallo woodworks

Workshop 1, Triq il-Parsot,
Mosta Industrial Estate, Mosta

T: 9988 9599

E: vassalloworks@gmail.com

For all types of custom made and bespoke kitchens, doors, bedrooms, bathroom vanities and loose furniture. Carefully built to last





Aquarius Rent a Car Ltd.

117, St.Paul's Street, St. Paul's Bay SPB 3413, Malta

Tel:+356 2157 1186 / 2157 5736 Fax: +356 2158 1503
Email: info@aquariusrentacar.com
Web:www.aquariusrentacar.com

Vat Reg. No: MT 1065-9713 Com. Reg. No. C37927





Andrew Schembri

Floor Tile Polisher

M: 99875104






BJORN'S GARAGE
School Transport / airport / point to point transfers
: 356 9903 4447
: bjorncamilleri90@gmail.com

Anthony Galea

Wood-Worker









Warda Mistika,
Sdieri Street, Għarb, Gozo
T: 2156 5645 M: 9942 6865
E: galeaanthony73@gmail.com

CENTRAL CEMENT LIMITED


Incorporating **Jumbo Bags Ltd.**

Importers & Suppliers of:

- Bulk Cement (portland, high-sulphate resistant, pozzolanic)
- Packed Cement in bags of 1500kg, 50kg & 25kg
- Different Types of Cement (grey & white)
- Sand & gravel in bulk (dolomite, limestone, basalt, silica etc)
- Gypsum in bags & other building materials



FOR BEST QUALITY & SERVICE



'CemHouse', National Road,
Blata l-Bajda HMR 9011
admin@centralcementltd.com
www.centralcementltd.com

Office: 21 232 920 / 21 667 050 Silo Mobile: 99 064 033
Office: 99 497 023 / 99 992 920 Silo Mobile: 99 431 787
Office: 21 221 659

BALLUT BLOCKS

Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738
Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com


FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY


Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.


Precast Windows


Demolition Works


Trenching Works


Concrete Bricks


Excavation


Piles



Tunnelling


Precast Slab Roofing


Ready Mix Concrete


Piling Machine


Tunnelling Machine


Precast Walls

GPC Concrete Solutions

General Precast Concrete Ltd Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653802, (356) 21653005 Fax: (356) 21659536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

www.ballutblocks.com

Joe Muscat

Il-Bzikor

Għall-aqwa prodotti lokali

Mob 79908811











Ciapella garage
www.ciapella.com



At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following: Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.

We represent the following brands:

ALLMAKES 4X4 • ASHCROFT TRANSMISSIONS • ARB AIR LOCKER • BEARMACH PLC • BF GOODRICH TYRES • BRITPART • DETROIT LOCKER • EQUIPE • EXMOOR TRIM • GENERAL TYRES • GOODRIDGE • HI-LIFT • K&N PERFORMANCE FILTERS • MACH 5 WHEELS • MANTEC • MUD STUFF • PRO COMP • RING AUTOMOTIVE • SAFARI • SILVERSTONE TYRES • T-MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • TERRAFIRMA • TIBUS OFFROAD ENGINEERING • WARN

Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: **2157 4615 / 2157 2504** Email: **adrian@ciapella.com**
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: **2141 4441** Fax: **2141 6837** Email: **info@ciapella.com**

We've got you covered on all fronts

Check out our range of insurance products



Melanie Bezzina

Tied Insurance Intermediary for Citadel Insurance p.l.c.

Ciapella Enterprises, Triq Fisher, Mġarr, MĠR 9050

99834083

mbezzina3@gmail.com

Mon-Fri: 9am-12pm; 4pm-6pm



Motor • Home • Travel
Marine • Health • Business

Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised under the Insurance Business Act Cap 403 to carry on general and long term business of insurance and Melanie Bezzina is enrolled under the Insurance Distribution Act, Cap 487, to carry out tied insurance intermediary activities for Citadel Insurance p.l.c. Both are regulated by the Malta Financial Services Authority.

Citadel insurance


Marlene's
Daily Fresh Fish
Monday, Tuesday,
Wednesday, Friday and Saturday
7.00 - 12.00
Near Mgarr Church
Mob: 77994377
Free Deliveries


Martin Grima Ltd
Import, Export & Distributors
Ghajn Astas, St. Paul's Bay, SPB 6930 Malta,
Tel : +356 21574474
Email: martin.g@martingrimaltd.com
Kubota

Luke's


CRANE HIRE &
TRANSPORT SERVICE

79521558





MALTA PILING & DRILLING



7982 7074
7747 6190



Karmenu Mifsud Funeral Service
(daughter Dorita Mifsud)

Funeral Directors

Coffin makers and importers

2 new Jaguar Hearses
(White & Grey)

2 Mercedes Hearses
(Black & Grey)





460, Victory Street, Qormi
Tel: 21494316, 99492458
info@karmenumifsud.com
www.karmenumifsud.com

KnK AUTO REPAIRS

99309 7447, 7964 2538























Il-Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta
f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika

L-Onor. Kav. Louis J. Vella MQR

jawgura l-isbaħ xewqat għall-festa ta'
Santa Marija lill-Imġarrin kollha...

huma min huma... huma fejn huma.

Il-Festa t-Tajba!

Manuel Bezzina Co Ltd

IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ

INVICTUS

Patata bikrija, reżistenti għall-mard u għammiela ħafna
li ser tiġi impurtata f'Ottubru u esportata f'April

ALPHA
Safra

OSCAR
Bikrija

BUFFALO
Bajda

SLANEY
Bajda

DRUID
Ħamra

CARA
Ta' Għajna Ħamra

Aktar tagħrif **Manuel Bezzina Co Ltd**, 'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur
Tel: (Res) 2141 0204, (Ta' Qali) 2141 8192 • Mob: 9949 7346
Fax: 2141 2587 • Email: info@manuelbezzinacoltd.com

MĠARR United Bar & Restaurant

Since 1995

MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT

Triq il-Magħkuba, Mġarr

(close to Football Ground)

T: 2157 4630 **M: 7905 0283**





Avukat Muscat

L-Avukat u Konsulent Legali

DR. BRANDON KIRK MUSCAT LL.D.

jawgura l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha!

46, Triq Ġużepp Xuereb,
Swatar, Birkirkara

2144 8658
7944 8658

www.avukatmuscat.com
dr.muscat@avukatmuscat.com



Opening Hours

Monday to Friday 08:30 - 19:00

Saturday 08:30 - 17:00

Sunday (Winter) 08:00 - 17:00

Sundy (Summer) 08:00 - 14:00

** WEDNESDAY CLOSED ALL DAY **

+356 79273719

Triq il-Hanxana Zebbieh

PARADISE BAY
RESORT
★★★★

EVENTS

SERVICE FOR EVERY OCCASION










Weddings | Conferences | Birthdays | Graduations | Baptism | Holy Communion | Confirmation

Get in touch with us today to discuss your event and get a tailor-made quotation based on your unique requirements.

+(356) 2289 5000

events@paradise-bay.com

Porto Lounge, Cirkewwa

By the Sea - Worth the Drive









Fresh, Flavorful, Feast Worthy

+(356) 2289 5601 | +(356) 2289 5000 | info@portolounge.com.mt

Għall-irħas xirja...

PAVI
SHOPPING COMPLEX
QORMI

PAMA
SHOPPING VILLAGE
MOSTA

SUPER PRICES EVERYDAY

Kulħadd jaf!

PAVIPAMA.COM.MT

RPJ



New Tyres:

- Car
- 4x4
- Light Truck and Van
- Heavy Truck
- Agriculture
- Off the Road
- Earth Moving

- Alloy Wheels
- All Tyre Repairs
- Wheel Balancing
- Car Care Products





Sole Agents for:

LASSA Radar petlas

Alloy Wheels:

MAK Arcasting

Also Available Brands:

Firestone GOODYEAR HANKOOK

MICHELIN BRIDGESTONE BFGoodrich

PIRELLI DUNLOP TOYOTIRES



Mob: 9904 2285 / 9944 8417 / 9988 7033
Email: rpjtyresandwheels@gmail.com
Webiste: www.rpjtyres.com

236, Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr, MGR9030
C8, Midland Industrial Park, Naxxar

Opening Hours:

Monday - Friday: 7:00 - 18:00
Saturday: 7:00 - 13:30


s&s
BATHROOMS
RAGNO
a: New Street, Vjal il-Labour,
Naxxar. NXR9027. Malta
w: www.ssbathrooms.com
e: info@ssbathrooms.com
t: +356 2141 2222
SsBathroomsLtd

Simon & Edmund's Damiel Funeral Services

9944957878 - 7904201917 - 9985448432

TRY OUR
BBQ RANGE

We have a wide and extensive range of delicious hand pre-prepared BBQ products for every size of BBQ.

Our selection includes sausages, burgers, kebabs, ribs and much more.
All are homemade and of course great tasting.






KEBABS
Chicken, Beef, Lamb Kofta, Chicken Satay

STEAKS
Rib-eye, Cuberoll, Pork collar

POULTRY
Buffalo Wings & Drumsticks, Chicken Breast in various flavours

RIBS
Pork & Beef

SAUSAGES
Fantastic homemade range including Rabbit, Veal, Chicken, Pork and Beef

BURGERS
Extensive homemade range including Beef, Pork, Lamb, Chicken

MEAT & POULTRY MARKET
Snow White

Zebbiegh Road, Mgarr, MGR 9036, MALTA
t: +356 21575346 e: info@snowwhite.com.mt
www.snowwhite.com.mt

WHY STRAIN? GET A CRANE

CRANE FLEET RANGING FROM 25 TO 200 TONNES



- Self Erecting / Static Tower Crane
- Sales, Rentals, Erection & Dismantling
- Specialising in Crane Parts for European & Japanese Cranes
- All Type of Crane Repairs, Structural & Hydraulics
- Safe Load Indicator Crane Computer Sales & Repairs
- Industrial Remote Controllers as Fitted to Tower Cranes, High Up Cranes & Tow Trucks

SWAEY BROS. LTD.

Crane Services

Vella Garage, Triq il-Kuncizzjoni, Mosta MST 4892

Tel: 21 433 380 Mob: 99 492 362

Email: swaey@swaey.com

GPS Codes
35. 902961
14.415860



www.swaey.com

SWAEY BROS. LTD.

Crane Services

- Hydraulic Sales, Repairs and Installations
- Hydraulic Hoses and Fittings • All Types of Control Valves
- Lifting Slings, Endless & Conventional Chains, Lifting Tackles, Wire Ropes and Special Hooks
- Rental of Electronic Weighing, Remote Control Load Cells up to 25 Tonnes
- PTOs, Pumps and Fittings
- Crane Repair - Hydraulic Hammer Sales and Repair
- Pneumatic Jack Hammers & Jiggers
- Supply of Chisels for any type of Hammer

difast s.r.l. sollevamento oleodinamica

DIFLEX

PAT

BPE Electronics

demac

Atlas Copco

Rock Tools

PENTA HYDRAULIC POWER

Chicago Pneumatic

FABERCOM

Electronics and hydraulics for mobile machines

PZB

YOKE

Safety is our first priority

Vella Garage, Triq il-Kuncizzjoni, Mosta MST 4892
Tel: 21 433 380 Mob: 99 492 362
Email: swaey@swaey.com Web: www.swaey.com

GPS Codes
35. 902961
14.415860



L-Imġarr tas-Seklu 18

Danica Abela

Matul is-seklu 18 il-ħajja rurali Maltija kienet ikkaratterizzata mit-tradizzjoni, l-agrikoltura kif ukoll l-awtorità tal-Knisja u l-preżenza tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Għalkemm 'il bogħod mill-Port, fir-raħal pittoresk tal-Imġarr nibdew naraw gradwalment l-ewwel sinjali ta' attività soċjali. F'dan l-artiklu se nanalizzaw diversi aspetti soċjali, ekkleżjastiċi kif ukoll politiċi fil-ħajja tas-seklu 18 u kif dawn affettwaw lil raħalna.

L-Ordni ta' San Ġwann, id-difiża u l-Imġarr

Mill-aktar dokumentazzjoni antika li tiddeskrivi l-gżejjer Maltin, l-Imġarr minn dejjem kien ikkunsidrat fil-*Parte Disabitata*[1] peress illi kien 'il bogħod mill-Belt Valletta. Sabiex jippopolaw dawn in-naħat l-Ordni beda jinvesti fid-difiża fil-kosta tal-Punent imma wkoll permezz tal-fondazzjonijiet tiegħu biex iħajjar aktar nies jagħżlu illi jgħixu f'din iż-żona. Però l-pożizzjoni ġeografika poġġiet l-Imġarr fi żvantaġġ hekk kif l-istruttura tal-widien u l-portijiet tal-madwar kienu xi kultant perfetti għall-għadu sabiex jistaħba, filwaqt illi l-abitanti kienu xorta waħda 'l bogħod mill-eqreb parroċċa.

Taħt l-Ordni ta' San Ġwann l-Imġarr saħħaħ id-difiża tiegħu, speċjalment bit-torrijiet tal-milizja ta' Lascaris, li nbnew matul l-1636 u l-1637 fil-kosta tal-Lippija u Għajn Tuffieħa. Dawn ġew infurzati fl-1732 meta l-Inġinier militari tal-Ordni Charles François Mondion saħħaħ l-fortifikazzjoni Medjevali ta' Torre Falca, li kien iservi għad-difiża u l-kontroll tat-triq mill-Imdina għall-Mellieħa, jew kif kienet magħrufa, "*la Strada della Valletta alla Madonna della Mellieħa*".[2] Barra li kien torri tal-għassa, fir-regolazzjonijiet tal-1761 Torri Falka ġie maħżen għall-armamenti u l-porvli – "*magazzini di Deposito per la distribuzione della polvere ed armi*".[3] Dan kellu fih madwar mitt



It-Torri Falka, imniżżel ċarament f'mappa tas-Seklu 16

1 *Abela. (1647). Descrittione di Malta del Commendatore Abela: Isola nel mare Siciliano : con le sue antichita, ed altre notitie: libri quattro*

2 *Borg, D. (2012). The Mġarr area : studies of early modern landscape. University of Malta.*


3 *Spiteri, S. C. (2008). The Art of Fortress Building in Hospitaller Malta: 1530-1798: a Study of Building Methods,*

azzarin kif ukoll skratać. Però l-armamenti u l-fortifikazzjonijiet rurali kienu ftit jew wisq ta' wġigħ ta' ras għall-Kavallieri peress illi ma kellhomx gwardja b'saħħitha u l-armamenti ma kinux jitnaddfu u jiġu ċċekkjati. Però investimenti bħal dawn juru l-importanza tal-Imġarr bħala kuritur li jgħaqqad iċ-ċentru mat-Tramuntana.

L-Imġarrin tas-Seklu 18

L-ewwel ċensiment uffiċjali tal-irħula u l-bliet Maltin sar fil-bidu tat-tmexxija Ingliża fis-seklu 19. Però wieħed mis-sorsi tant importanti sabiex nikkalkulaw il-popolazzjoni ta' Malta huwa l-*iStatus Animarum*. Kull sena kull kappillan ta' parroċċa, waqt li jbierek id-djar fi żmien l-Għid, kien iniżżel l-isem u l-kunjom ta' kull persuna fir-raħal. Barra minn hekk kien iniżżel ukoll l-età tal-parruċċani tiegħu. Għalhekk dawn il-listi jagħtuna stampa tad-daqs tal-familji, l-etajiet kif ukoll it-toroq u l-ispazji tal-parroċċi Maltin. U l-Imġarr? Ħafna mill-Imġarrin kien ikollhom kamra jew tnejn il-Mosta jew ir-Rabat. Għalhekk dawn kienu jinkitbu mal-parroċċi tal-Mosta jew l-Imdina. Però ma jfissirx illi l-Imġarr, u ż-żoni li llum il-ġurnata jappartjenu lilu, ma kinux jissemmew.

F'dawn id-dokumenti nsibu l-familja ta' Pietro u Grazia Portelli illi fl-1770 kienet toqgħod Binġemma,[4] kif ukoll l-aħwa Vassallo illi kienu joqogħdu l-Gneina (il-Ġnejna), jew Migiarro Piccolo, fl-1776.[5] Però jidher illi ż-żgħir fosthom, Bartolomeo, telaq mid-dar hekk kif nibdew naraw biss lil ħuh, Ġan Patist (Gio Baptista) fil-listi tas-snin ta' wara. Fl-1784[6] insibu wkoll il-familja Ebejer minn Homirin, illum Fomm ir-Riħ. Dil-familja, komposta mill-koppja Giuseppe u Rosa Ebejer u tlett itfal – Michele, Francesco u Maria, jidher illi kellhom xi kamra r-Rabat ukoll, hekk kif insibuhom irreġistrati fi Strada Doni (ħdejn il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù – Ta' Ġieżu) fl-1787 imbagħad fi Strada di Hariescem (Għeriexem) fl-1789 u l-1790. Peress illi l-Imġarr jidher li ma kienx hemm qassis residenti, Rosa Ebejer għammdet lit-tifla tagħha Maria r-Rabat ukoll fl-1781.[7] Din il-prattika kienet komuni fost l-Imġarrin ta' dan il-perjodu sakemm l-Imġarr sar parroċċa. Fl-aħħar insibu wkoll il-familja Muscat, illi kienet toqgħod ta' Hain Toffiħħa (Għajn Tuffieħa), komposta minn Bartolomeo u Natalizia u żewġt itfal – Giuseppe u Maria – fl-1789.[8]



Il-Familja Ebejer illi kienet toqgħod Fomm ir-Riħ Ħajr: Arkivju tal-Katidral, Imdina

Materials and Techniques. BDL.

4 *Arkivji Parrokkjali tar-Rabat, Status Animarum, 1770.*

5 *MCM CEM SA. Vol. 29, No. 5 f. 30*


6 *MCM CEM SA. Vol. 18, No. 5*

7 *Arkivji Parrokkjali tal-Imdina, Reġistru tal-Magħmudija Vol. VI f. 253. L-isem komplut tat-tarbija huwa Marija Anna Antonia Catarina Ebejer, u tgħammdet fit-13 t'April 1781.*

8 *MCM CEM SA. Vol. 22, No. 5*

L-Imġarr u l-*Grand Tour*

Fis-seklu tmintax, meta t-transport bejn post u ieħor, aħseb u ara minn pajjiż għal ieħor, kien diffiċli, it-turisti f'Malta kienu ftit. Bosta drabi dawn kienu jkunu sinjuri u kienu jżuru dawk il-pajjiżi li jagħmlu mal-*Grand Tour*. Dan kien vjaġġ li jżur pajjiżi Ewropej u Malta kienet inkluża speċifikament ħabba l-Grotta ta' San Pawl. Però skont it-*travelogues* (rakkonti mill-viżitaturi dwar il-vjaġġi tagħhom), ma kinux iżuru biss din l-attrazzjoni. It-turist Ġermaniż A.C. Kayser, li żar Malta fl-1799, jinnota li l-aħjar post fejn wieħed seta' jikkaċċja għall-fniek slavaġ kien propju mill-għolja ta' Binġemma.[9] Forsi minn hemmhekk l-Imġarr spiċċa rinomat għall-fenkati?



L-oqbra ta' Binġemma, meħuda minn Houel (1776)

L-istorja ta' Malta minn dejjem kienet attrazzjoni u dan ma kienx eċċezzjoni fis-seklu 18. Fl-1776 Houel, fid-djarju tiegħu, żar il-kampanja Maltija, fejn ħa nota tal-fdalijiet Puniċi li hemm Binġemma.[10] Binġemma wkoll bdiet tissemma fil-gwidi ta' Malta, li jirreferu għall-oqbra Kartaġiniżi li jinsabu f'dan il-post u għal skavi oħra fl-għerien tal-qrib.[11]

Il-Kappelli tal-Imġarr fis-Seklu 18

Il-knejjes huma karatteristiċi importanti għad-dehra tar-raħal illi mhux biss jaqdu l-bżonnijiet ekkleżjastiċi tal-parruċċani imma jagħtu idea tad-daqs u t-tip ta' popolazzjoni illi toqgħod fil-viċinanzi. Il-visti pastorali huma żjarat mill-isqof jew l-assistenti tiegħu (il-koviżitaturi) f'kull kappella u knisja madwar Malta u Għawdex. Dawn jagħtu stampa ċara tad-daqs u l-arti ta' kull kappella, anke dawk illi m'għadniex insibu jew ingħalqu.

Tajjeb illi nagħtu stampa ħafifa tal-kappella u t-twaqqif tagħha fis-sekli ta' qabel sabiex nifhmu l-kuntest. L-Imġarr jidher illi kien hemm erba' kappelli ewlenin. Fl-1580 Giulio Cumbo waqqaf ġuspatronat, fond ta' flus, fuq għalqa jgħidulha Ta' Ciantar tad-Daħla, fejn il-qligħ (mil-qbiela) ta' din l-art imur għall-quddiesa fis-seba' festi tal-Madonna li kienet tiġi ċċelebrata fil-kappella tal-Imġarr.[12] Dan il-ġuspatronat kien jingħata lil diversi qassisin sabiex jieħdu ħsieb it-termini ta' dan l-att. Però flimkien ma' dan il-beneficċju kien twaqqaf ieħor minn Paolo Cumbo, ħu Giulio fl-1575. Dan il-beneficċju ġie msejjaħ Ta' Burqax. Illum estinta, kien hemm kappella n-naħat tas-Santi li kienet mibnija mis-Sinjur Lazzaro Agius. Xi koviżitaturi osservaw ukoll

---

9 Kayser, A.C. Neuestes Gemälde von dem Johanniter oder Maltheser-Ritterorden und sienen Besitzungen Maltha, Gozo und Comino; Freller T. (2009). Malta and the Grand Tour. Midsea Books: 488.

10 Freller, T. (2009). Malta and the Grand Tour. Midsea Books: 674-675.

11 Houel, J.P. (1776). Voyage pittoresque des Isles de Sicile, de Malte et de Lipari; Freller, T. (2009). Malta and the Grand Tour. Midsea Books: 682.

12 Deguara, a. (1999). L-imġarr: il-ħajja u l-ħidma ta' niesu mill-qedem sa llum.

il-kappella ta' Santa Marija fil-limiti tas-Sabbech (iż-Żebbiegħ) li kienet iffondata minn Giovanni Maria Cassia. Il-kappella ta' Binġemma, iddedikata lill-Madonna tal-Itria, mibnija mill-familja Xara, kienet ordnata tingħalaq fl-1658. Però l-Baruni Stanislav Xara bena oħra u tbierket f'Ġunju tal-1695. Għalhekk fis-seklu 18 insibu illi l-Imġarrin kellhom żewġ kappelli – tal-Imġarr ta' Ġewwa, iddedikata lil Marija Assunta, u ta' Binġemma, iddedikata lill-Madonna tal-Itria (jew Hodegitria).



L-arma tal-Familja Xara fuq il-bieb tal-kappella ta' Binġemma. Ħajr: DOI

Fl-1699 l-Isqof Cocco Palmieri (1684–1711)[13] kien l-ewwel isqof li żar il-kappella l-ġdida ta' Binġemma, mibnija madwar ħamsin pass 'il bogħod mill-artijiet tal-Baruni Stanislav Xara. Jiddeskrivi kif fil-faċċata hemm imdendla qanpiena taħt loġġa żgħira. Ġewwa nstab artal bil-kwadru titulari bi gwarniċ tal-injam, li juri l-Assunta b'Ġesù Tarbija fuq irkoppejtha b'żewġ anġli. Insibu wkoll fl-inkwatru lil San Pawl Appostlu, San Duminku, San Franġisk t'Assisi, Santu Rokku, Sant'Antnin ta' Padova u Santa Roża. Cocco Palmieri jikteb ukoll li hemm lampier fin-nofs li jinxtegħel kull nhar ta' Sibt, bil-qassis responsabbli jkun Dun Simone Bartolo. Il-kalċi tal-fidda, kif ukoll il-paramenti saċerdotali, kienu jitqiegħdu ġo armarju tal-injam.

Interessanti illi Cocco Palmieri żar ukoll il-post fejn kienet il-kappella l-antika ta' Binġemma. L-art għandha ċint għoli mad-dawra tagħha, b'salib fin-nofs. Hawnhekk iltaqgħu mal-Arċipriet tal-Katidral, Don Joannes Baptista Desayn, li spjega l-festa tal-Madonna ta' Hodegria, b'quddiesa mingħajr vespri.

Fl-1714 l-Isqof Cannaves (1713-1722) żar il-kappella tal-Imġarr, li sabha f'kundizzjoni diċenti, tixbah lil ta' Binġemma, b'bieb iħares lejn il-Punent, b'saqaf u artal tal-ġebel.[14] Dan kien armat b'kalċi u patena u paramenti saċerdotali oħra. Naraw ukoll illi din il-kappella kellha pittura tal-Assunta, b'Santa Lucia verġni u martri u l-martri Cosmo u Damian. Kellha wkoll lampier tal-landa,[15] b'sett lampi iżgħar mad-dawra tiegħu li kienu jinxtegħlu l-Ħdud u fil-festi ta' devozzjoni. Il-festa kienet tiġi ċċelebrata f'nharha, fil-15 t'Awwissu, bl-ewwel vespri u quddiesa ċċelebrata minn Don Eduardo Gatt, illi kien ukoll ir-rettur tal-beneficċju responsabbli għall-bżonnijiet ta' dil-kappella. Jissemma wkoll Don Hercules Testaferrata, ir-rettur tal-beneficċju ta' Burqax, obbligat jiċċelebra quddiesa fis-sitt festi prinċipali Marjani.

Skont l-Isqof Gori Mancini (1722-1727) insibu li post Gatt ħadu Dun Petrum

---

13 AAM VP, 26. Cocco Palmieri. 1699. f.26.

14 "ecclesia ipsa est decentis structurae cum tecto lapideo unum est ui an altare lapideum cum sua ara plenum"; AAM VP29. Cannaves 1714-1717.

15 "sublampadarium stanneum"; Ibid.

Platamone (1694-1776).[166] Hawnhekk il-viżitatur żied illi l-oġġetti sagri u l-paramenti saċerdotali kienu jitqiegħdu ġo armarju.[17] Però ordna lil Dun Ferdinand Fiott u Dun Agostino Ebejer (Hebeier), patruni tal-beneficċji, sabiex jerfgħu l-mejda tal-artal 'il fuq u jsir ħabel għall-qniepen u titbajjad il-kappella.[18] Jissemma wkoll is-sagristan, Fabritius Borg.



L-Isqof Alpheran de Bussan

L-Isqof Alpheran de Bussan (1728-1757) kien isqof influwenti fil-Knisja f'Malta. De Bussan żar l-Imġarr erba' darbiet[19] – fl-1728, fl-1736, fl-1744 u fl-1751. Fl-1728 De Bussan innota li l-kuluri tal-ikona sbieħu, u għalhekk jidher illi kien sar xi trattament fuqha.[20] L-Isqof ordna l-indurazzjoni tal-kalċi filwaqt li l-beneficċjarji jixtru żewġ gandlieri tal-injam.[21] Interessanti li l-qassis responsabbli mill-kappella ġie ordnat jgħallem id-duttrina lill-Imġarrin.[22] F'din il-vista De Bussan ordna lill-beneficċjarju tal-kappella ta' Binġemma sabiex inaddaf il-kalċi u l-lampier tan-nofs, kif ukoll jixtri l-pjaneti bojod neċessarji kif ukoll iż-żejt tal-lampa.[23]

Fit-tieni vista ta' de Bussan fl-Imġarr fl-1736 l-Isqof ipprofana xi vestmenti liturġiċi li ma kinux f'kundizzjoni tajba.[24] F'din il-vista wkoll żar il-knisja rurali ta' Binġemma, fejn il-quddiesa kienet tiġi ċċelebrata kull nhar ta' Ħadd u fil-festi tal-obbligu taħt ir-responsabiltà ta' Dun Andreas Schembri (1684-1754)[25] mill-Mosta.[26]

Fit-tielet vista fl-1744 de Bussan isib il-kappella tal-Imġarr miżmuma tajjeb u nadifa, bil-lampier baqa' jinxtegħel kull nhar ta' Ħadd, ir-retturi taż-żewġ beneficċji jaqdu dmirhom u l-festa ssir annwalment.[27] F' Binġemma ordna illi l-artal għandu jiġi rranġat mal-ħajt fi żmien tmint ijiem. Dun Schembri kien baqa' responsabbli minn din il-kappella u wera ktieb fejn kien jinnota l-quddisiet li jiġu ċċelebrati hemmhekk.[28] Fir-raba' vista nsibu illi fid-19 ta' Novembru 1751 żar l-Imġarr u ma jidhirx illi kien hemm xi addizzjonijiet jew nuqqasijiet fil-kappella.

---

16 *Borg, V. (2022). The Maltese diocese during the eighteenth century. Part Two: 687.*
17 *AAM VP31. Gori Mancini 1722-1723. f.30r.*
18 *Ibid.*
19 *Dun Alwiġ Deguara, fil-ktieb tiegħu, iżemmi tlieta, però nstabet oħra kif irreferenzata.*
20 *AAM VP32. De Bussan 1728-1729. f.27r.*
21 *"duobus candelabris ligneis"; Ibid.*
22 *"celerans doceat rudimenta fidei colonos"; Ibid.*
23 *Ibid. f.26v-r.*
24 *MCM ACM Misc. 192 f. 63r.*
25 *Borg, V. (2022). The Maltese diocese during the eighteenth century. Part Two: 762.*
26 *MCM ACM. Misc. 192 f.63r-64v.*
27 *Ibid. ff.238-239.*
28 *"exhibit librum ubi ad notantur missae". Ibid. f. 56v.*



Il-kappella tal-Imġarr iddedikata lil Assunta

Il-vista pastorali tal-Isqof Bartolomeo Rull (1758-1769) hija waħda partikolari għaliex fiha ma jiddeskrivix biss il-kappelli preżenti (tal-Imġarr u Binġemma) imma wkoll dawk profanati (tas-Sabbech [iż-Żebbiegħ] u tas-Santi) u jagħmel referenzi għal diversi visti pastorali passati. Dad-dokument[29] jiddeskrivi l-kappella ta' Binġemma u ta' Santa Marija f'ta' Sabbech (iż-Żebbiegħ). Wara jsemmi l-kappella tal-Imġarr u jiddeskrivi ċ-ċimiterju, imdawwar b'ċint quddiem il-kappella, li kienet twila, wiesgħa u mdawla. Rull jikkummenta illi għalkemm l-Imġarrin m'għandhomx obbligu jħallsu għall-quddies u l-festa, xorta waħda baqgħu jagħtuh il-flus sabiex din ma tispiċċax. Jidher illi l-kappillan ta' Ħ'Attard kien iqaddes regolarment f'dil-kappella. Mill-banda l-oħra Don Fabrizio Testaferrata kien jieħu ħsieb il-benefiċċju ta' Burqax u kien innomina lil Dun Ludovico Vassallo, il-Kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ, biex jieħu ħsieb il-festi Marjani ta' din il-kappella. Però l-quddisiet ta' dawn il-festi kien jieħu ħsiebhom Don Fabrizio Testaferrata f'isem Vassallo. Fl-aħħar Rull jiddeskrivi fid-dettall il-kappella ta' San Mikiel Arkanġlu, li kienet fiż-żona tas-Santi. Jidher imma illi kienu jiġu ċċelebrati wkoll il-festi tan-Natività ta' Sidna Ġesù Kristu kif ukoll San Lawrenz. Iżda dawn it-tliet festi jidhru illi ma baqgħux isiru.

L-aħħar vista tas-seklu 18 saret mill-Isqof Giovanni Carmine Pellerano (1770-1780). Jidher illi ma sab xejn differenti kemm fil-kappella tal-Imġarr kif ukoll ta' Binġemma, u b'hekk jidher illi l-Isqof kien kuntent bil-kundizzjoni taż-żewġ kappelli.

Konklużjoni

Is-seklu tmintax f'Malta ġab rivoluzzjoni kulturali, artistika kif ukoll reliġjuża. Kien perjodu interessanti immens, ħafna knejjes ġew iddekorati bl-ifjen biċċiet tal-arti magħmulin minn artisti Maltin u barranin. Matul das-seklu nbena l-Katidral tal-Imdina mill-ġdid, wara li dak ta' qablu waqa' bit-terremot tal-1693, u dan ġab spazju ġdid għall-artisti f'Malta sabiex juru l-kapaċitajiet tagħhom. Matul das-seklu wkoll l-Ordni ta' San Ġwann kien jinvesti fl-arti, speċjalment taħt it-tmexxija tal-Gran Mastru Pinto.

Għalkemm 'il bogħod mill-attività tal-Belt Valletta u t-Tlett Ibliet, l-Imġarr beda jingħata l-importanza li jixraqlu b'mod gradwali. L-Ordni kompla bl-investiment militari fin-naħat tal-Imġarr, li flimkien mal-ġeografija naturali ta' raħalna kienu jipproteġu l-parti rurali ta' Malta u l-Imdina. Naraw illi minn vista pastorali għal oħra l-kundizzjoni tal-kappelli tjiebet, illi turi interess reliġjuż kif ukoll popolazzjoni akbar li riedet servizzi reliġjużi. Ftit ftit l-Imġarr kiber, u mitt sena wara nqtajna bħala parroċċa u fforma r-raħal pittoresk illi għadna naraw sal-lum!

---

29 AAM VP36. f.495-496.

Referenzi:

Materjal Arkivistiku u Manuskritti

AAM Visitationes Pastorales

Arkivji Parrokkjali tal-Imdina, Reġistru tal-Magħmudija

Arkivji Parrokkjali tar-Rabat, Status Animarum, 1770

MCM CEM Status Animarum

MCM ACM Misc. 192

Abela. (1647). Descrittione di Malta del Commendatore Abela: Isola nel mare Siciliano : con le sue antichita, ed altre notitie : libri quattro

Borg, D. (2012). The Mġarr area : studies of early modern landscape. University of Malta.

Houel, J.P. (1776). Voyage pittoresque des Isles de Sicile, de Malte et de Lipari.

Kayser, A.C., Neuestes Gemälde von dem Johanniter oder Maltheser-Ritterorden und sienen Besitzungen Maltha, Gozo und Comino.

Sorsi Sekondarji:

Borg, V. (2022). The Maltese diocese during the eighteenth century. Part One and Part Two.

Deguara, A. (1999). L-Imġarr: Il-Ħajja u l-Ħidma ta' Nieśu mill-Qedem sa llum.

Freller, T. (2009). Malta and the Grand Tour. Midsea Books.

Spiteri, S. C. (2008). The Art of Fortress Building in Hospitaller Malta: 1530-1798: a Study of Building Methods, Materials and Techniques. BDL

L-ewwel post fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa

Nifirħu lil Luke Galea, li kiseb l-ewwel post fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa f'Andorra, li fihom rebaħ il-finali bil-punti ta' 4-2 kontra l-Lussemburgu. Għall-ewwel darba daħlet id-dixxiplina tal-karate bħala sport uffiċjali f'dan il-logħob, u għalhekk dan ir-riżultat jibqa' miktub fl-istorja tal-karate f'Malta. Huwa wkoll unur għar-raħal Imġarri tagħna u għall-Mġarr Karate Club, fejn is-Sensei Luke Galea ilu jgħallem lill-istudenti tiegħu għal dawn l-aħħar 6 snin flimkien mal-partner Kelsey u sħabu Gabriel, Benjamin u Ria.



Il-podium – GSSE Andorra



Iz-*Zucchetto*, il-Konslu u l-Arċisqof


Onor. Kav. Louis J Vella MQR
Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika
President Onorarju

Mela xi ftit snin ilu, eżattament fis-sena 2006, madwar tliet ġimgħat qabel il-Milied, mal-pajjiż kollu ġriet aħbar kbira, sabiħa u tant mistennija. Malta u l-Maltin li jgħixu barra minn xtutna ferħu bil-kbir meta semgħu li nħatar arċisqof ġdid. Monsinjur Pawlu Cremona, Dumnikan, ġie uffiċjalment ordnat ftit ġimgħat wara bħala l-ħdax-il Arċisqof ta' Malta, sewwasew fis-26 ta' Jannar 2007. Bix-xieraq kien hemm ħafna ċelebrazzjonijiet solenni kif ukoll dawk iktar soċjali u festivi. L-Arċisqof il-ġdid daħal trijonfalment fil-Belt Valletta, fejn twieled u trabba. Il-folla laqgħetu fost ħafna ferħ, ċapċip u briju, kif jafu jagħmlu l-Beltin. Triq ir-Repubblika kienet maħnuqa bin-nies. Kienet tassew okkażjoni memorabbli, mhux biss għall-Arċisqof innifsu u l-kleru Malti iżda wkoll għal Malta kollha. Kapitlu ġdid fl-istorja tal-Knisja u ta' Malta kien appena se jibda jinkiteb.



Il-ħatra tal-ħdax-il Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona OP

Xahar wara xahar, sena wara l-oħra, iż-żmien igerbeb u ma jistenna lil ħadd. Kien il-bidu tas-sena 2012, meta bħala Konslu għal Malta f'California, l-Istati Uniti tal-Amerika, bdew deħlin xi messaġġi fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni tiegħi dwar xi vjaġġi pastorali tal-Arċisqof lejn l-Amerika. Kienu messaġġi inizjali u ma kienx ifisser li kien hemm xi dati jew pjanijiet iffissati. Messaġġi bħal dawn mhumiex eċċezzjoni. Ħafna minn dawn il-pjanijiet u vjaġġi mhux dejjem jirnexxu, għax daqqa għal ħaġa u daqqa għal oħra kultant ċertu safar ikun hemm bżonn li jitħassar. Dan hu minn ewl id-dinja. Fil-vjaġġi u s-safar ta' nies ta' ċertu livell fis-soċjetà, jew li jkollhom ħafna responsabbiltajiet, malajr jinqala' xi imma u jkollhom jinbidlu jew jitħassru. Għalhekk ma tantx immarkajt kalendarji wara l-ewwel ftit messaġġi. Però l-messaġġi ma qatgħux u bdew ikunu iżjed spissi u iktar ta' min jorbot fuqhom. Bejni u bejn ruħi bdejt ngħid li naħseb li din iż-żjara tal-Arċisqof donnha kienet se ssir.



Memorja tal-festa tal-ħatra tal-Arċisqof Cremona

M'għaddiex ħafna żmien… "Sur Konslu, l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Monsinjur

Pawlu Cremona se jasal wasla sa San Francisco għal żjara pastorali lid-djoċesi u lill-komunità Maltija-Amerikana tar-reġjun." Eh, prosit, għedt jien… Tajjeb, ħaġa sabiħa! Imma l-messaġġ kompla… "U jekk għandek pjaċir, l-Arċisqof se joqgħod għandek."



L-Arċisqof Cremona mal-familja tal-awtur, il-Konslu Louis J. Vella, f'San Francisco

Dak il-ħin lanqas naf xi bdejt inħoss, u ma nafx kif u l-għala mill-ewwel ġew fi ħsiebi l-emozzjoni u l-ansjetà li forsi ħasset Santa Eliżabetta, u l-kliem li ħareġ minn fommha meta marret iżżurha l-qariba tagħha Marija: "U minn fejn ġieni dan, li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?" Għal ftit minuti hekk ħassejtni, sakemm ġejt f'tiegħi u ħarist dawra madwari u bħal stenbaħt u sibt li għadni fid-dar tiegħi u m'iniex xi personaġġ mill-vanġelu ta' San Luqa. Ir-realtà malajr niżlet fuqi b'saħħa, u għedt lili nnifsi… "Issa x'se nagħmel? X'suppost isir? Minn fejn se nibda?"

Ħeqq, minn xi mkien trid tibda, hux hekk? Wara li għaddielha x-xokk il-mara tiegħi malajr bdiet il-pjanijiet u l-preparamenti ħalli d-dar tkun lesta, nadifa, armata u mżejna sa ruħ ommha. Jien min-naħa tiegħi għaqqadt kumitat ħabrieki u minn kull rokna tal-komunità Maltija ta' dawn l-inħawi ta' San Francisco. Ix-xogħol ma waqafx. Okkażjoni bħal din ma tiġri qatt, u jekk forsi tiġi mhux se tkun aktar minn darba fil-ħajja ta' dak li jkun.

Ħassejna ruħna onorati, iffortunati, imberkin u elf sentiment ieħor. Però bil-ħsibijiet u s-sentimenti biss ma jintlaħqux għanijiet. Bit-tixmir tal-komma u ljieli twal u sahra bla waqfien kien hemm iċ-ċans li noqorbu biex jitlestew il-pjanijiet kollha li kellna għall-miġja fostna tar-Raġħaj Spiritwali ta' Malta.

It-3 ta' Mejju 2012, id-data tant mistennija tal-miġja tal-Arċisqof Cremona f'San Francisco, waslet. Bil-permess tas-Sigurtà tal-ajruport ta' San Francisco jien irnexxieli nidħol ġewwa biex nilqa' lill-Arċisqof u lil Monsinjur Alfred Vella, li ġie jakkumpanjah, appena dawn ħarġu mill-ajruplan. Wara li sellimna u fraħna b'xulxin bqajna mexjin flimkien sa ma wasalna fejn il-bibien ta' barra, fejn folla mdaqqsa ta' Maltin u Maltin-Amerikani kienu qed jistennew lill-Arċisqof jasal. Bnadar ta' Malta u tal-Amerika, tfal bil-fjuri, ritratti u ċapċip ma jaqtgħux. Kienet veru xena kommoventi u mill-isbaħ. Wara vjaġġ twil u ta' strapazz l-Arċisqof donnu ġietu enerġija ġdida. Wiċċu xegħel meta ra dak l-entużjażmu tal-folla, u b'dik it-tbissima simpatika u tipika tiegħu n-nies iktar resqu lejh.

Il-programm li kien imħejji kien mimli daqs bajda. Fost dawn, l-Arċisqof Cremona kien iċ-ċelebrant ewlieni waqt quddiesa kantata fil-Katidral ta' San Francisco, iddedikat lil Santa Marija. Ħa sehem ukoll il-kor fenomenali tal-katidral, li ħafna mill-parteċipanti fih huma kantanti fl-opera house ta' San Francisco. Folla kbira ta' Maltin u nies oħrajn mill-belt ta' San Francisco ħonqu l-katidral. Il-parteċipazzjoni tal-komunità Maltija kienet qawwija u mimlija entużjażmu. Xi wħud ġew libsin kostumi tradizzjonali Maltin,



Waqt iċ-ċelebrazzjoni fil-Katidral ta' Santa Marija f'San Franċisco



Fil-knisja tal-Maltin ta' San Franċisco, iddedikata lil San Pawl Nawfragu… u bdil ta' rigali tal-okkażjoni



inkluża l-għonnella. L-Arċisqof għamel prietka sabiħa immens. Wara ċ-ċelebrazzjoni mexxa purċissjoni ta' membri tal-komunità Maltija tul il-katidral. Iktar tard kellna riċeviment f'ġieħ l-Arċisqof. Żar ukoll il-knisja ta' San Pawl Nawfragu ta' San Francisco. Din il-knisja, li għandha skola magħha, inbniet mill-komunità Maltija li kienet hawn qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Mijiet ta' tfal tal-Maltin li ġew wara l-gwerra marru f'din l-iskola. Illum, għalkemm ħafna marru joqogħdu f'postijiet iktar imbiegħda, din il-knisja u l-iskola għadhom fil-memorji u n-nostalġija tagħhom. Kultant issir xi reunion u dawn jattendu bi ħġarhom.

L-Arċisqof Cremona għamel żjarat f'ħafna postijiet ta' interess u li wkoll għandhom xi konnessjoni ma' Malta. Waħda mix-xewqat tal-Arċisqof kienet li jżur nies Maltin li kienu morda jew b'xi diżabbiltà jew f'qiegħ ta' sodda, jew li ma joħorġux. Dawn iż-żjarat irnexxielu jagħmilhom ukoll.

Fid-9 ta' Mejju, jum il-festa ta' San Ġorġ Preca, l-Arċisqof iċċelebra quddiesa fil-belt ta' Millbrae, fejn joqogħdu ħafna familji Maltin. Din il-belt għandha ftehim ta' ġemellaġġ mal-Mosta. L-Arċisqof kuljum kellu xi impenn jew ieħor. Bil-kwiet, bil-kalma, bl-umiltà u l-ġabra l-Arċisqof wettaq dak kollu li kien hemm fil-programm u dak kollu li kien hemm bżonn.



L-Arċisqof Cremona mal-Konslu Louis Vella fl-uffiċċju tiegħu f'San Franċisco

Waqt li kien id-dar għandna għamel ħbieb ħafna mal-kelb żgħir li kellna. Meta kien jidħol id-dar sew l-Arċisqof u sew il-kelb kienu jfittxu lil xulxin. Kemm dam magħna, l-Arċisqof u l-kelb saru inseparabbli.

F'waħda mill-ġranet filgħaxija l-Arċisqof iċċelebra quddiesa fid-dar tagħna stess. Kellna l-familja kollha u xi qraba u ħbieb li ġew għandna wkoll dakinhar. Kienet okkażjoni li ma ninsewha qatt. Wara l-quddiesa dorna ma' mejda mimlija b'kull kwalità ta' ikel u tkellimna fuq kollox. Il-kliem bħaċ-ċirasa. Kelma ġġib 'il-oħra u beda





L-Arċisqof Cremona ħdejn il-mafkar tal-Pulizija Dave Chetcuti, li nqatel waqt il-qadi ta' dmirijietu… u waqt li qed jitlob u jbierek lill-familja tal-Pulizija Chetcuti



L-Arċisqof Cremona maʒ-Sindku u l-Kunsillieri ta' Millbrae… u jiċċajta mat-tfal



dieħel sewwa l-ħin. Konna veru qed nieħdu pjaċir niddiskutu l-problemi u s-sabiħ tad-dinja. F'ħin minnhom l-Arċisqof wera x-xewqa li jirtira fil-kamra mħejjija apposta għalih. Il-kelb kien f'ħoġru, u filwaqt li bil-mod niżżlu fl-art, il-kelb bilkemm ma ħax għalih. Tgħidx kemm iggustah! Aħna kulħadd qam biex insellmu u nagħtu l-lejl it-tajjeb lill-Arċisqof. Ma nafx kif u x'fatta, imma f'daqqa waħda l-kappa żgħira vjola li l-Arċisqof kellu fuq rasu waqgħet fl-art. Kulħadd issammar skantat… Ħarisna lejn xulxin… waqa' s-skiet. Issa x'suppost nagħmlu?

Dak il-ħin, bħal leħħa ta' berqa, ħsiebi tar għal meta kont għadni tifel żgħir, ta' forsi tmien snin jew disgħa l-iżjed, inservi bħala abbati l-knisja tal-Imġarr, ngħin lil Monsinjur Salomone jew lill-Kappillan Orazju. Dak iż-żmien waqt it-tqarbin bħala abbati kont inżomm bħal plattin żgħir taħt geddum in-nies li jitilgħu jitqarbnu waqt li l-qassis iqarben lin-nies fuq l-ilsien. Il-plattin suppost li konna nżommuh sod u livell, biex jekk allaħares qatt xi ostja b'xi mod ma titpoġġiex sew fuq l-ilsien u tispiċċa barra, ma taqax fl-art u nilqgħuha fil-plattin. Imma mhux dejjem kien jirnexxilna nżommu l-ostja milli tispiċċa mal-art. Forsi l-plattin ma konniex inżommuh kif suppost, jew forsi moħħna ma kienx ikun hemm. Min jaf? Insomma, jekk allaħares qatt ostja tispiċċa mal-art, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt! Innies kienu pront iwarrbu. Konna b'ġirja mmorru nġibu qanpiena żgħira. Il-qassis ibaxxi u jiġbor l-ostja u l-qanpiena kienet titpoġġa eżatt fejn tkun waqgħet l-ostja. Kulħadd

kien ikollu joqgħod attent li ma jolqotx il-qanpiena b'saqajh. Wara li jispiċċa t-tqarbin, jew wara l-quddiesa, dik ir-roqgħa fejn tkun waqgħet l-ostja kienet tintmesaħ b'ċarruta jew xugaman żgħir abjad u nadif bl-ilma safi jew imbierek.

Hekk ħassejtni dakinhar, kif rajt il-kappa vjola ta' fuq ras l-Arċisqof tispiċċa mal-art tal-kamra tal-ikel tagħna. Ma kontx naf x'naqbad nagħmel jew x'suppost isir. Tgħid suppost ngħattuha? Qanpiena m'għandix! Forsi xi għata oħra. Il-marelli, din ma kinitx fil-programm! In-nies li kienu għandna dakinhar għamlu bħali. Baqgħu jħarsu, skantati, bl-ebda ħjiel ta' x'suppost isir. Sirt naf wara li din l-imbierka kappa ta' fuq ras l-Arċisqof, jew xi kardinal jew anke ta' fuq ras il-Papa, jgħidulha *"zucchetto"*. Kultant jgħidulha wkoll *"calotte"* jew "kallotta". X'inhu eżatt dan l-imbierek *zucchetto*?

Mela *zucchetto* ġejja mill-kelma Taljana *"zucca"* jew "qargħa", bħall-qargħa bagħli jew anke qargħa ħamra. X'aktarx li l-kappa ħadet dan l-isem minn kif tħaddan ir-ras, bħalma l-qoxra tal-qargħa tħaddan il-kumplament tal-frotta. Iz-*zucchetto* jkun maħdum sabiħ u pulit minn drapp tal-ħarir u kkottunat minn ġewwa. X'aktarx li ra l-bidu tiegħu fil-Medjuevu, madwar seba' mitt jew tmien mitt sena ilu. Fil-bidu z-*zucchetto* beda jintuża biex iżomm ir-ras tal-patrijiet u tal-membri tal-kleru, bħall-qassisin, mgħottija u sħuna meta jkunu barra, u wara li kienu jqaxxrulhom parti tonda fil-qurriegħa ta' rashom. Iz-*zucchetto* kultant jissejjaħ ukoll *"ꝺoliꝺeo"* jew "Quddiem Alla biss". Dan biex ifakkar lil min jilbes dan is-*ꝺoliꝺeo* li fl-aħħar mill-aħħar iridu jagħmlu rendikont ma' awtorità ħafna akbar minnhom, biex dawk li jilbsuh jiftakru jibqgħu umli u sottomessi għar-rieda t'Alla. Maż-żmien is-sinifikat taz-*zucchetto* nbidel u pjuttost sar iżjed bħal simbolu tal-ġerarkija ekkleżjastika. Hekk insibu li qassis kien jilbes *zucchetto* iswed, isqof jilbes *zucchetto* vjola, kardinal aħmar, u l-Papa jilbes *zucchetto* abjad.



Żewġ tipi ta' zucchetto (jew kallotta)… tal-Arċisqof u tal-Papa



Mela z-*zucchetto* tal-Arċisqof Cremona kien għadu hemm ċatt mal-art. Kulħadd iħares, jiskanta u ħadd ma ċċaqlaq. L-Arċisqof baqa' kalm u frisk bħal ħassa. Qisu qatt ma ġara xejn, dar u kien se jitbaxxa biex jiġbru. Imma qabel ma biss beda biex se jitbaxxa, Monsinjur Alfred Vella malajr malajr resaq hu viċin iz-*zucchetto* u lill-Arċisqof qallu: "Eċċellenza, mela la waqa' mal-art ta' din id-dar ma taħsibx li dan waqa' hawn bi skop għax irid jibqa' hawn f'din id-dar? X'taħseb, Eċċellenza?" L-Arċisqof bi tbissima ħelwa qal: "Naħseb li hekk hu! Kunu mberkin!" u baqa' tiela' l-erba' tarġiet li kienu jwasslu għal kamartu.

Iz-*zucchetto* tal-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Pawlu Cremona għadu magħna bħala tifkira għażiża tal-Arċisqof bi tbissima tad-deheb.



L-Ismijiet tat-Trabi fl-Imġarr: Analiżi Storika tar-Reġistri tal-Magħmudija (1899-1970)

Janie Vassallo

L-ismijiet għandhom tifsira li tmur lil hinn mil-lingwa. Jirriflettu identità, memorja u devozzjoni. F'soċjetajiet Kattoliċi bħal Malta ħafna ismijiet jingħataw bħala att ta' fidi u devozzjoni lejn il-qaddisin. L-ismijiet fir-reġistri tal-magħmudija joffru stampa ċara tal-ħajja spiritwali u soċjali.

Dan l-istudju jeżamina x-xejriet tal-ismijiet fir-reġistri tal-magħmudija tal-Imġarr, bejn l-1899 u l-1970, u jara kif l-għażliet tal-ismijiet jirriflettu kemm elementi lokali kif ukoll universali tad-devozzjoni Kattolika. F'dan il-perjodu kien hemm 3,117-il magħmudija. Dan l-istudju identifika 232 isem differenti. Filwaqt li ħafna ismijiet kienu ispirati minn qaddisin u papiet, oħrajn jirriflettu r-rispett muri lejn figuri lokali.

Il-Kuntest Lingwistiku u Parrokkjali

L-ismijiet kienu rreġistrati kważi kollha bil-Latin, kif kienu jitolbu r-regoli ekkleżjastiċi ta' dak iż-żmien. Lejn nofs is-seklu għoxrin bdew deħlin ismijiet miktubin bil-Malti jew bl-Ingliż. Dan jirrifletti l-bidla soċjali u lingwistika fil-pajjiż.

Għalkemm l-Imġarr sar parroċċa fl-1898, fl-ewwel deċennju tas-seklu għoxrin kien hemm numru żgħir ħafna ta' magħmudijiet. Dan ma jfissirx li ma kienx hemm ħafna twelidijiet. Kien hemm min kien jagħżel li jgħammed f'parroċċi oħra, speċjalment il-Mosta. Minbarra li kienet parroċċa iktar stabbilita, bosta Mġarrin kellhom il-familja jew xi proprjetà hemmhekk[1]. Għalkemm l-Imġarr, qabel sar parroċċa, kien jaqa' taħt il-Katidral tal-Imdina u mhux mal-Mosta, l-Imġarrin kellhom rabtiet qawwija mal-Mosta, tant li sal-lum xi xjuħ għadhom isejħu lill-Mosta "r-raħal".

Franġisk Saverju

Id-devozzjoni lejn San Franġisk Saverju kompliet tikber meta f'Mejju tal-1924 waslet Malta r-relikwa bid-



Ir-relikwa ta' San Franġisk Saverju waqt purċissjoni fir-Rabat – 27 ta' Mejju 1924

1 *Salomone, E. (1933, Lulju 3). Ittra lil Dun Pawl (Corrispondenze, Vol. 31, Doc. 196) [Dokument mill-arkivji]. Archivum Archiepiscopale Melitae*

driegħ ta' dan il-qaddis. Folol kbar ta' nies attendew għaċ-ċelebrazzjonijiet li saru madwar Malta. Jingħad li ċ-ċelebrazzjonijiet u l-folol kbar li kien hemm kienu ħafna ikbar minn dawk li kien hemm fl-elezzjoni ġenerali li saret ġimagħtejn wara.[2]

L-isem Franciscus Xaverius jidher għall-ewwel darba fir-reġistru tal-1925. Din kienet ukoll is-sena li San Franġisk Saverju ġie ddikjarat Patrun tal-Missjonijiet flimkien ma' Santa Tereża ta' Lisieux.

Antonio

Relikwa oħra li influwenzat l-ismijiet kienet dik ta' Sant'Antnin ta' Padova, li nġiebet Malta fl-1946.[3] Għalkemm fis-snin ta' qabel kienu jissemmew xi tarbija jew tnejn għal dan il-qaddis, kemm fl-1946 kif ukoll fl-1947 kien hemm erbat itrabi li ssemmew għalih.



Ir-relikwa tax-xedaq ta' Sant'Antnin ta' Padova, 1946

Piju

Dan l-isem jidher b'mod regolari fir-reġistri. Ir-relikwa ta' San Piju, li tinsab taħt il-pittura titulari, ingħatat lill-Imġarr mill-parroċċa tas-Siġġiewi.[4] Barra minn hekk, fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin kien hemm tliet papiet li għażlu dan l-isem:

Piju X (1903-1914)

Piju XI (1922-1939)

Piju XII (1939-1958)

Medja ta' żewġt itrabi fis-sena kienu jingħataw dan l-isem. Madankollu, fl-1959 ħamest itrabi ssemmew Pius. Aktarx dan ġara minħabba li s-sena ta' qabel kien miet il-Papa Piju XII, il-papa li mexxa l-Knisja matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Ġanmarì

Fl-1930 jidhru għall-ewwel darba l-ismijiet Joannes Maria jew Joanna Maria. Dan x'aktarx huwa marbut mal-fatt li fl-1929 San Ġwann Battista Maria Vianney, magħruf bħala "l-Kurat t'Ars", kien iddikjarat patrun tas-saċerdoti. L-għoti ta' dawn l-ismijiet juri kemm in-nies ta' dari kellhom għal qalbhom il-kleru.

Devozzjoni Marjana

Id-devozzjoni qawwija fl-Imġarr lejn il-Verġni Marija hija evidenti, b'431 tarbija msemmija għaliha.

---

2 *"Malta 1924 - The Relic of St. Francis Xavier in Malta," National Archives Annual Report 2023, L-Arkivji Nazzjoniali ta' Malta, 2023, p. 88*

3 *Bonnici, A. (1970, Ġunju 13). "Sant'Antnin Sibli Għarus!". Lehen is-Sewwa, p. 4*

4 *Vella, E. (2016). Treasures of faith: Relics and reliquaries in the Diocese of Malta during the Baroque period: 1600–1798 (p.9). Midsea.*

Dawn l-ismijiet jinkludu kemm dawk b'forma sempliċi, bħal Maria, kif ukoll forom komposti.

Maria / Marius
Maria Adeodata
Maria Aida
Maria Alexia
Maria Aloysia
Maria Anna / Anna Maria
Maria Antonia
Maria Carmela / Carmela Maria
Maria Evangelista
Maria Fatima
Maria Felicitas
Maria Goretti
Maria Gratia
Maria Helena
Maria Isabella
Maria Joanna
Maria Lourdes / Maria de Lourdes
Maria Margherita
Maria Noelle
Maria Rita
Maria Rosaria / Maria Rosa / Rosa Maria
Maria Sperantia
Maria Stella / Maria Stella Maris
Maria Ta Pinu
Maria Theresia
Maria-Assunta
Maria-Concepta / Concepta Maria
Maria-Edeth
Maria-Salvina
Mariangela / Maria-Angela / Angela-Maria
Marianna / Maria-Anna
Mario Emmanuele
Silvana Maria
Victoria Maria / Maria Victoria

Maria Fatima

Kien hemm biss żewġt itrabi li ssemmew Maria Fatima. Dan seħħ fl-1949. Aktarx li dan kien ir-riżultat tal-miġja tal-istatwa tal-Madonna ta' Fatima fit-28 t'Awwissu 1948. Kontinġent Malti, immexxi mill-Arċisof Gonzi, ġab l-istatwa minn Fatima. Qabel inġiebet Malta ttieħdet l-Italja, fejn tbierket u ġiet inkurunata mill-Papa Piju XII f'Castel Gandolfo.[5]



Il-Papa Piju XII qabel inkuruna l-istatwa

Edgar

Fi żmien meta l-ġenituri kienu jsemmu lil uliedhom għan-nanniet jew għall-qaddisin l-eċċezzjoni tidher li kienet fejn jidħol l-isem Edgar. Bejn l-1942 u l-1964 erbatax-il tifel ingħataw dan l-isem. Dan kien turija ta' rispett lejn Dun Edgar Salomone, li beda jservi fl-Imġarr fl-1921. Hu nħatar kappillan tal-Imġarr fl-1931 u serva f'din il-kariga sal-1954. Inħatar monsinjur u baqa' jgħix l-Imġarr sa ma miet fl-1969. Kien bis-saħħa ta' Dun Edgar li l-Imġarr ma baqax raħal minsi mill-awtoritajiet u sar ir-raħal li nafuh llum.[6]

---

5 *George Cross Island welcomes Our Lady. (1948, Settembru 10). The Catholic Times.*

6 *Deguara, A. (1999). L-Imġarr: Il-ħajja u l-ħidma ta' niesu mill-qedem sa llum. Mġarr: Colour Image*

L-ewwel tarbija li ssemmiet għalih twieldet fl-1942, fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, u l-aħħar każ kien fl-1964. Il-fatt li dan l-isem kompla jingħata sa għaxar snin wara li Dun Edgar ma baqax kappillan juri kemm l-imħabba lejn dan is-saċerdot kienet qawwija.



Monsinjur Edgar Salomone

L-aktar ħames ismijiet popolari (1899-1970)

L-isem	**In-numru ta' trabi**
Joseph / Josephus / Josepha / Iosephus	337
Maria / Marius	288
Carmelus / Carmela	281
Paulo / Paula / Pauline	174
Ioannes / Ioanna / Johanna	137

Konklużjoni

Ir-reġistri tal-magħmudija fl-Imġarr juru komunità magħquda mal-fidi Kattolika. L-ismijiet magħżula huma atti ta' devozzjoni, tifkira u rikonoxximent. Minn devozzjoni qawwija lejn il-Madonna sal-għoti ta' ġieħ lil Dun Edgar Salomone, dawn l-ismijiet jirrakkontaw l-istorja tal-Imġarr b'mod spiritwali u personali.

Marika Micallef
MSc Weight Management,
B.Ed (Hons),
S.N.H.S. H.I.Dip (Nutrition),
Pilates (London Institute),
APPI Pilates, R.S.A (Aerobics).

10 Aerobics Studio,
Fisher Road,
Mgarr
Malta
Mobile: 79701839
E-mail: marika.micallef9@gmail.com

ST. MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS

Opening Hours Starting October 2025:

Monday-Friday: 8.00am-7.00pm

Saturday: 8.00am-12.30pm / 4.00pm-7.00pm

Tel: 21580711 • 99082404

Family Doctor in daily attendance

Podology and POYC service

ST.MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS

MALTA SUNRIPE
A TASTE OF MALTA

A farmers-owned trade of Maltese Traditional Delicacies
Quality - Tradition - Culinary Heritage



Malta Sunripe Company Ltd., St Peter Street, Mġarr - Malta - MĠR1545
T: +356 2158 3269 - M: +356 7926 1490 / +356 7925 2339
E: msunripe@maltanet.net - W: www.maltasunripe.com

SWEET KING

Homemade products the professional way

Large variety of Fresh Cakes,
Cream Tarts, Hand made Ravioli,
Frozen items, party items
and much more

Burmarrad Road, Burmarrad (next to church)
Tel: 2733 3578









TA' KARLA cellars

WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS

Cash & Carry

- Weddings
- Engagements
- Parties and Private functions

- Wines & Spirits
- Beers & Minerals
- Tobacco
- Snacks & Confectionery
- Foodstuffs
- Ice Cubes & Flakes
- at wholesale prices

- Rabat
- Dingli
- Bahrija,
- Mosta
- Attard
- Zebbug,
- Lija
- Iklin
- Balzan
- B'kara
- Fleur De Lys
- Mgarr
- Bidnija
- Naxxar
- Gharghur

TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry

Vincenzo Ciapara Street, Rabat
Tel: 21 454 876 • 21 459 925 • Fax: 21 451 079
Email: info@takarla.com





Tal-Helu


TRANSPORT

Hi Up Service &
Water Supply

7993 1991






Tal-Plitt
Frott u ħaxix frisk minn tal-Imġarr
Triq Sir Temi Zammit
Żebbiegħ - Mġarr
Tel: 9923 6219
Opening hours:
Mon-Fri: 9 am - 7pm
Sat, Sun & Public Holidays:
8:30am - 6pm


Tal-Kuġini Baħrija


Specialising in Maltese and Mediterranean Cuisine

Tal-Kuġini @ St. Martinn's Bar & Grill
Triq tan-Niqra, Baħrija, l/o Rabat, Malta
www.talkugini.com
(+356) 7730 7553, 7928 5965

We also cater for large groups, coffee mornings and events

Tal-Qaddis





For Heavy plant work, welding, fabrication, fitter on construction vehicles

Damon Muscat 79991633

Saqqafi Crane Hire 79492839





13, Triq Il-Fewdu, Zabbar, Malta
Tel: +356 2123 7712, +356 2124 1711 • Mob: +356 9947 0879
Email: admin@thermasealmalta.com Website: www.thermasealmalta.com





Verbena Wine & Dine

Local Mediterranean Restaurant

☎ 79062933

verbenamalta@gmail.com

Saint Anne Street, Żebbiegħ, l/o Mġarr

(near Żebbiegħ Church)



- Condominium Management
- Long Let Management
- Short Let Management
- Commercial Management
- Facility Management
- Mail Management
- Rent Collection
- Key Holding Services

Call us today to help you with your Property Management needs.


We provide an effective and tailor made solution to suit your needs!

www.victorestate.com.mt

Victor Estate
PROPERTY MANAGEMENT

+356 2157 4315 + 356 7939 6319
info@victorestate.com.mt


ROMILDA Zarb
Membru Parlamentari
Il-Festa t-Tajba
Mob: 77821967


ZAMMIT
ANTIQUES
Dealers & Restorers
30, Triq il-Kurat Schembri, Mosta
(off Constitution Street from Ta' Maria Rest.)
Tel: 2141 9420 • Mob: 9942 7126, 7925 4648



TRANSPORT SERVICE AND SKIP HIRE

MOB: 79977920







BL AU GRANA
CERAMICS

Importers of Tiles from Italy & Spain

Specializing in Bathrooms and Floor Ceramics

- *Tile Laying*
- *Bathroom Accessories*
- *Mixers*

Johann Said
mob: 99728174

90, Main Street, Mġarr, Malta
info@blaugrana.com.mt
www.blaugrana.com.mt

clayton bartolo



Il-Festa t-tajba!

+356 99503367

clayton@claytonbartolo.com

Ballut Farm Ltd

Traditional Barn Reared

Local Product ... Quality Guaranteed

Did you try our cage free Omega 3 eggs?
... Better nutrition!

FARM CHICK



We offer fresh local graded eggs packed Small, Medium & Large

Available at Supermarkets & Retail Shops. We also supply Catering Establishments

(+356) 9980 1719
(+356) 21 573 488
ballut.farm@maltanet.net
www.ballutfarm.com
Għajn Tuffieħa Rd, Għajn Tuffieħa, Malta

UNIVERSAL STATIONERY

STATIONERY ITEMS
HELIUM SERVICE
LAMINATION
PASSPORT PHOTOS
BINDING
CARDS/TOYS
HOME GOODS







22, Triq Ras il-Ġebel, Iż-Żebbiegħ l/o L-Imġarr
Tel: 27456284
Email: printer@universalstationerymalta.com

BOTTEGA
FRAWLI
FORMAGGI & SALUMI
ENOTECA
Salumeria
FOCACCE
VINI E TAGLIERI

2, Triq Dun Edgar
Mgarr - Malta

Booking on our Website!
bottegafrawlimalta.com

99656729

Bottega Frawli @bottegafrawli



Care Cuts

Unisex Salon





Mon & Wed - Closed
Tue, Thu & Fri - 7:30am - 7:00pm
Sat - 7:00am - 6:00pm

'Arc En Ciel', Imqades Street, Zebbiegh, Mgarr Malta
Tel: 21574552 Mob: 79703141

Carolinas

PETIT CAFE

COFFEE · CAKES · PASTRIES · SAVOURIES

Step into the heart of the village for handamade treats, coffees, freshly baked cakes and old fashioned sweets in jars that will take you go back in time.

- Afternoon teas
- Picnic Baskets - to take away (Check out our food menus for Picnic Baskets)
- Cozy and Outdoor Seating
- Take away available



Open Daily 8:30-8PM Main Street, Mgarr

21316240 99846598

SPECIAL OFFER!
Show this ad and get 10% OFF your next coffee or slice of cake!



MARKET LEADERS

- Importers, Growers, Wholesalers & Retailers
- Seasonal & Non-Seasonal Fruits & Vegetables
- Fresh & Dry Herbs and Fruits • Pre-packed Salads
- Delivery to all parts of the Maltese islands
- Fleet of Refrigerated Trucks & Vans

FNG SUPPLIES CO. LTD

We also supply to:

Hotels | Supermarkets | Restaurants
Grocers | Ship Chandlers | Catering Establishments

We also import exotic fruits & vegetables from all over the world

FREE SAME DAY DELIVERY

mobile: **99 455 911** • **99 892 959**
99 422 593

Il-Warda, Triq Ras il-Wied, Wardija, San Pawl Il-Bahar SPB 6642 | F: 21 584 077
sales@fngmalta.com | **www.fngsuppliesltd.com**

Minn Damasku għal Malta:
l-Ikona ta' Sidtna Marija ta' Damasku

Pierre Azzopardi

Introduzzjoni

Kemm hi ħaġa sabiħa li f'ħajjitna nsiru nafu u nitgħallmu iktar dwar il-Madonna! Mill-Imġarr sal-Belt Valletta d-devozzjoni lejn Sidtna Marija Omm Alla (bil-Grieg *Theotokos*) tkompli tikber fina. Għaliex din l-ikona tissejjaħ hekk? X'ínhi l-istorja tagħha? Minn fejn ġiet?

L-Ikona ta' Sidtna Marija ta' Damasku


Il-kappella-santwarju tal-ikona ta' Sidtna Marija ta' Damasku hija żgħira imma kbira fir-rikkezza tal-istorja u fl-arti sagra. Insibuha fil-qalba tal-Belt Valletta fi Triq l-Arċisqof, wara l-Palazz tal-Gran Mastri. Hija mibnija fuq l-istil Biżantin u fiha nsibu żewġ ikoni importanti li waslu Malta fl-1530 mal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann.



L-ikona mirakoluża ta' Sidtna Marija ta' Damasku, magħrufa wkoll bħala "d-Damaxxena"

F'din il-knisja, li hija magħrufa mal-Maltin bħala "l-Knisja tal-Griegi", insibu żewġ ikoni Marjani. L-ewwel ikona, dik ta' Sidtna Marija ta' Damasku (*Damaskini*), tmur lura għas-seklu tnax. It-tieni ikona, xejn inqas importanti mid-Damaxxena, hija dik tal-Madonna tal-Ħniena (*Eleimonitria*) u tmur lura għall-bidu tas-seklu erbatax. Ta' min wieħed jgħid li fil-bidu nett l-ikona ta' Sidtna Marija ta' Damasku, kif jixhed isimha, kienet tinsab Damasku fis-Sirja. Fl-1475, b'mod mirakoluż, telqet minn Damasku b'lampier quddiemha, qasmet il-baħar u niżlet fil-gżira Griega ta' Rodi.

Dawn iż-żewġ ikoni kienu l-aktar venerati fil-gżira ta' Rodi. Meta fl-1522 din il-gżira waqgħet f'idejn l-Ottomani Torok, il-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom iħallu Rodi. Magħhom kellhom madwar ħamest elef Grieg u Griega li kienu ddeċidew li jitilqu magħhom għax ma ridux jgħixu taħt il-ħakma Torka. Għal seba' snin sħaħ il-Kavallieri u l-Griegi li kellhom magħhom żaru bosta mkejjen fil-Mediterran, fosthom Kreta, Sqallija u l-Italja kontinentali. Sa fl-aħħar, fis-sena 1530, waslu Malta u damu hawn sal-1798. Fost il-Griegi mill-gżira ta' Rodi kien hemm l-armla Ġanna Kalamia u binha Ġanni, is-sidien tal-ikoni li semmejna. Il-Knisja lokali għaddiet tliet knejjes żgħar fil-Birgu biex iservu ta' parroċċi għall-Griegi. Wara l-Assedju l-Kbir tal-1565 il-familja



L-ikona ta' Sidtna Marija tal-Ħniena

Kalamia kellha l-intenzjoni li tibni żewġ knejjes fil-belt il-ġdida Valletta, waħda għall-qima ta' Sidtna Marija ta' Damasku u oħra għall-venerazzjoni ta' Sidtna Marija tal-Ħniena. Madanakollu l-familja ngħatat permess li tibni knisja waħda biss, li tlestiet fl-1580.

Il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann u l-poplu Malti kienu juru qima u għożża kbira lejn iż-żewġ ikoni. Nafu li l-Gran Mastru Jean Parisot de Valette stess kien devot kbir tal-ikona ta' Sidtna Marija ta' Damasku. Meta l-Assedju l-Kbir tal-1565 intemm u l-Kavallieri u l-Maltin ħarġu rebbieħa fuq l-Ottomani Torok, il-Gran Mastru de Valette offra x-xabla u l-kappell tiegħu fil-knisja ta' San Lawrenz fil-Birgu b'sinjal ta' radd il-ħajr lill-Madonna.

Fl-1569 il-komunità Griega bniet il-knisja parrokkjali tagħha fi Triq il-Merkanti, fl-inħawi qrib l-isptar tal-Ordni tal-Kavallieri. Il-Knisja ġiet dedikata lil San Nikola ta' Mira. Din il-knisja tappartjeni lill-parroċċa Griega-Kattolika iżda riċentement għaddiet għall-użu tal-komunità Griega-Ortodossa.

Fis-sena 1587 l-ikona mirakoluża ta' Sidtna Marija ta' Damasku ġiet trasferita mill-Birgu għall-Belt Valletta, fejn twasslet fuq xini tal-Ordni bl-akbar devozzjoni u f'ċerimonja mill-aktar solenni.

Fis-seklu għoxrin, eżattament fil-25 t'Ottubru tal-1931, fl-okkażjoni tal-elf u ħames mitt anniversarju mill-Konċilju ta' Efesu, li kien iddikjara lil Sidtna Marija bħala Omm Alla (*Theotokos*), l-ikona tad-Damaxxena ġiet solennement inkurunata mill-Kapitlu tal-Vatikan. Barra minn hekk dik l-istess sena kienet tfakkar l-erba' mitt anniversarju mill-wasla taż-żewġ ikoni Marjani f'Malta.

Fl-24 ta' Marzu tal-1942 il-knisja tal-Griegi ġġarrfet fi ħbit tal-għadu iżda reġgħet inbniet fl-1951. Mat-tletin ikona u oġġetti liturġiċi oħra ntilfu għal dejjem. B'xorti tajba l-knisja reġgħet inbniet u tlestiet fl-1951, taħt is-superviżjoni tal-Perit Orazio Diacono. Bil-providenza divina, matul it-Tieni Gwerra, l-ikona ta' Sidtna Marija ta' Damasku kienet miżmuma għand il-Frères, il-Gżira. B'xorti ħażina l-ikona tal-*Eleimonitria* kienet tħalliet fil-knisja u ġarrbet ħsarat kbar fil-ħbit tal-1942. Iżda fis-snin tmenin professjonisti fir-restawr tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti b'ħila kbira rnexxielhom isewwu kemm setgħu l-ikona, u llum wieħed jista' jerġa' jqimha u japprezzaha fil-ġmiel kollu tagħha. Ta' min ngħidu li l-ikoni Marjani fil-knisja tal-Griegi fil-Belt kienu ħafna għal qalb San Ġorġ Preca. Huwa kellu devozzjoni speċjali lejn il-Madonna Damaxxena.

L-ikona ta' Sidtna Marija ta' Damasku mas-snin kienet teħtieġ bosta restawri. Fl-1930 l-aħwa Vincenzo u Carmelo Bonello kienu għamlu xogħlijiet ta' restawr fuqha. Iktar tard, bejn l-1963 u l-1966, din l-ikona kienet reġgħet ġiet restawrata fl-Istitut Ċentrali tar-Restawr f'Ruma. Meta bdew jitneħħew xi saffi ta' żebgħa beda ħiereġ il-ġmiel oriġinali ta' din l-ikona. Dan l-aħħar l-ikona reġgħet ġiet restawrata mir-restawraturi tal-Atelier

del Restauro, immexxi minn Ms Valentina Lupo. Fit-30 ta' Ġunju 2022 saret l-inawgurazzjoni tar-restawr taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta Dr George Vella u l-Arċisqof Charles Scicluna, flimkien mal-Papàs Martin Zammit, il-kappillan tal-komunità Griega-Kattolika f'Malta, u Mons. George Mifsud. Ta' min wieħed isemmi li meta l-Papa Franġisku qaddes il-quddiesa solenni tiegħu fuq il-Fosos tal-Furjana, fit-3 t'April tal-2022, l-ikona ta' Sidtna Marija ta' Damasku kienet esposta fuq l-istess palk li fuqu kien hemm l-artal tal-Papa.



Tagħrif iehor: Il-Knejjes Kattoliċi Orjentali

Il-Knisja Kattolika tgħodd madwar 1,400,000,000 ruħ. Ovvjament l-akbar grupp fi ħdan il-Knisja Kattolika huwa dak tar-Rit Latin (Ruman), iżda dan mhux l-uniku rit Kattoliku. Hemm minoranza ta' madwar għoxrin miljun Nisrani u Nisranija li jagħmlu parti minn għadd tal-hekk imsejħa Knejjes Orjentali. B'kollox hemm 23 Knisja Kattolika Orjentali. Dawn huma knejjes awtonomi f'għaqda sħiħa mal-Papa. Huma għadhom iżommu t-tradizzjonijiet liturġiċi, teoloġiċi u kanoniċi oriġinali tagħhom, li ħafna drabi jmorru lura għall-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu. Dawn it-23 Knisja jaqgħu taħt ħames riti liturġiċi Orjentali ewlenin, jiġifieri:

1. **ir-rit Biżantin** (14-il Knisja), l-akbar grupp ta' knejjes Orjentali, fosthom dik Griega-Kattolika f'Malta. Ta' dan ir-rit huma ħafna Knejjes li jinsabu fl-Ewropa, fil-pajjiżi Għarab, fl-Ukrajna, fl-Amerka u fl-Awstralja;

2. **ir-rit Alessandrin** (3 Knejjes), jiġifieri l-Knisja Kopta fl-Eġittu u l-Knejjes tal-Etjopja u l-Eritrea;

3. **ir-rit Antijoken (Sirjan tal-Punent** – 3 Knejjes**)**, li jagħmlu minnu l-Maroniti fil-Libanu u fid-djaspora, il-Knisja Sirjaka Kattolika tas-Sirja u l-Iraq, u l-Knisja Siro-Malankara ta' Kerala fl-Indja;

4. **ir-rit Antijoken (Sirjan tal-Lvant** – 2 Knejjes), dak tal-Knisja Kaldea fl-Iraq u fid-djaspora, u l-Knisja Siro-Malabar bil-bażi tagħha f'Kerala;

5. **ir-rit Armen** (Knisja waħda) tal-Knisja Armena Kattolika li tinsab fl-Armenja, fil-Libanu u fid-djaspora.



Esperjenza personali

Il-mixja spiritwali f'kull bniedem tħalli l-frott tagħha. Xi kultant dan jista' jseħħ b'mod li wieħed ma jistenniehx. Bħala persuna li għext għal ftit tas-snin fir-rahal sabiħ tal-Imġarr, bejn ċirkustanza u oħra l-mixja tiegħi ħadet xejra oħra, iżda l-imħabba lejn il-Madonna ma naqset qatt. Nemmen li kienet hi li mexxietni għal aktar għarfien profond dwarha. Fil-komunità Griega-Kattolika skoprejt Knisja ferm għal



qalbi, li tindirizza dak kollu li hemm ġo fija. Bħal mijiet ta' devoti li għexu qabilna jiena nitlob biex id-devozzjoni lejn iż-żewġ ikoni Marjani f'din il-Knisja jtul fiż-żmien.

Kelma tal-aħħar


L-ikona ta' Sidtna Marija ta' Damasku u dik tal-Madonna tal-Ħniena kienu minn dejjem għejun ta' barka għad-devoti tagħhom. Sidtna Marija dejjem lesta biex tidħol għalina quddiem Binha u tgħinna fil-mixja tagħna lejh. Ħafna devoti, sew Maltin kif ukoll barranin, sabu l-għajnuna, il-wens u l-faraġ li talbuha. Dawn l-ikoni Marjani fil-knisja tal-Griegi-Kattoliċi huma tabilħaqq mezz mill-aktar siewi biex wieħed jinġabar fit-talb u l-qima mistħoqqa lejhom. Tant huma sbieħ u spiritwalment profondi li wieħed jistħajlu qiegħed jirċievi bewsa materna mingħand Omm Alla!



M.A.V. SUPPLIES

Shop 5,
Triq Magħkuba
Mġarr
Tel: 2157 4794





Id-Domma tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna

Kav. Stanley Mangion

It-tagħlim tal-Knisja Kattolika dwar it-tlugħ fis-sema tal-Madonna nistgħu narawh fid-dawl ta' tliet aspetti. L-ewwel wieħed hu t-Tradizzjoni Kattolika. Imkien fil-kitbiet evanġeliċi ma nsibu miktuba l-ġrajja tal-Assunzjoni tal-Madonna. Imma din il-grajja nsibuha miktuba f'ħafna kotba li ma jagħmlux parti mill-Kotba Mqaddsa imma li huma ta' valur storiku kbir. Huma jitkellmu dwar ir-raqda tal-Madonna. Hawn qed jirreferu x'aktarx għall-mewt tal-Madonna. Jissemmew ukoll il-miġja mirakoluża tal-appostli kollha li kienu mifruxin ma' kullimkien ixandru l-evanġelju. Isemmu l-ftuħ tal-qabar tal-Madonna minħabba li Tumas ma kienx preżenti fid-difna tal-Madonna u hemmhekk raw il-qabar battal għax il-Madonna kienet telgħet is-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Dawn ir-rakkonti juruna t-twemmin tal-ewwel Insara dwar it-tlugħ fis-sema tal-Madonna.



Il-Papa Ljun XII

It-tieni aspett li fih nistgħu nirriflettu d-domma tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna hu l-aspett teoloġiku ta' dan it-tagħlim fuq il-Madonna. Aktar milli l-mewt, it-taħsir tal-ġisem hu frott tad-dnub u tad-dnub oriġinali li raddewlna l-ewwel ġenituri tagħna meta għażlu li ma jobdux l-amar t'Alla u jimxu fuq dak li hu tajjeb u jwarrbu dak li hu ħażin. Għalhekk it-taħsir tal-ġisem, għax il-bniedem jgħix il-frott tad-dnub. Imma l-Verġni Marija kienet immakulata, jiġifieri bla ebda tebgħa tad-dnub. Dan kien bi privileġġ singulari għax il-Madonna hi Omm Alla. Għalhekk, għax il-Madonna twieldet bla ebda ħtija tad-dnub, ma kienx mistħoqq lill-ġisem tagħha jara t-taħsir tiegħu. Għalhekk il-Madonna kienet imtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Il-bniedem jitla' l-ġenna u jiltaqa' mal-Mulej bir-ruħ biss. Imbagħad, meta jasal iż-żmien, il-ġisem tal-bniedem jerġa' jilbes l-immortalità tiegħu biex jerġa' jingħaqad mal-Mulej bir-ruħ u bil-ġisem. Kristu kien l-ewwel wieħed li qam minn bejn l-imwiet. San Pawl jgħidilna "wara kulħadd kif imissu". Marija bi privileġġ waħdieni għaddiet minn din il-fażi tal-qawmien tal-ġisem eżattament wara Kristu għax il-Madonna kienet wild bla dnub u għalhekk il-ġisem tagħha ma kellux jgħaddi mit-taħsir tiegħu, imma kellha tmur tgawdi lit-Trinità Qaddisa mill-ewwel, wara Kristu.

Aspett ieħor teoloġiku hu li permezz ta' Marija kellha titwettaq ir-rebħa kompleta fuq il-ħażen u l-qawwa tax-xitan. Il-gwerra bejn ix-xitan u nisel Marija se tkun rebħa sħiħa mingħajr l-ebda nuqqas jew difett, għax ix-xitan, qawwi kemm hu qawwi, irid jintrebaħ għalkollox. Għalhekk kif tista' sseħħ din ir-rebħa kompletament jekk il-Madonna ma

tilbisx mill-ewwel l-immortalità tal-ġisem? Jekk il-Madonna kienet suġġetta għat-taħsir tal-ġisem ikun ifisser li r-rebħa fuq id-dnub ma tkun qatt sħiħa. Iż-żewġ protagonisti ewlenin ta' din il-ġlieda, Ġesù u Marija, qatt ma kellhom jgħaddu mill-esperjenza tat-taħsir tal-ġisem. Jekk id-dnub irid jintrebaħ għalkollox ma jistax ikun li l-protagonisti ta' din il-ġlieda jgħaddu mit-taħsir tal-ġisem.

Imbagħad hemm ukoll l-aspett bibliku. Hu minnu, kif diġà għedna, li m'hemm l-ebda rakkont dirett tal-ġrajja tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna. Imma hemm ħafna referenzi għal din il-ġrajja unika li għaddiet il-Madonna wara l-esperjenza tal-qawmien ta' Kristu mill-mewt. Insemmu l-ewwel il-mara tal-Apokalissi. San Ġwann l-Evanġelista, id-dixxiplu maħbub ta' Ġesù u l-ħarries tal-Madonna kemm damet tgħix fuq din l-art wara l-mewt ta' Ġesù, fil-ktieb tiegħu tal-Apokalissi jagħtina d-dehra glorjuża tal-Madonna. Hekk jikteb San Ġwann dwar din id-dehra rebbieħa tal-Madonna: "Deher sinjal kbir fis-sema. Mara liebsa x-xemx u l-qamar taħt riġlejha, b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha, u kellha iben." Dehra tassew sabiħa tal-Madonna glorjuża fis-sema u rebbieħa fuq kull dnub u fuq ix-xitan. Kif qatt jista' jkun isseħħ din id-dehra glorjuża tal-Madonna jekk qatt il-Madonna kienet suġġetta għat-taħsir ta' ġisimha?

Il-Madonna hi l-arka tal-Patt il-Ġdid. L-arka tal-Patt il-Qadim kienu jinżammu fiha t-twavel tal-Liġi u xi manna tad-deżert. L-arka tal-Patt il-Qadim kienet għażiża wisq għall-poplu Lhudi. Kienet l-arka tad-deheb. Kienet tinġarr biss mil-leviti. Kienet arka qaddisa li ħadd ma seta' jmissha ħlief min kien ikkonsagrat. Il-Madonna, bħala l-arka tal-Patt il-Ġdid, ġarret il-ġisem ta' Ġesù, tassew Alla u tassew bniedem. Il-ġuf tal-Madonna sar l-arka qaddisa tal-Mulej u tqaddset bil-preżenza tal-bniedem-Alla. Kif qatt din l-arka qaddisa tal-Patt il-Ġdid issofri t-taħsir tagħha u tkun suġġetta għall-umiljazzjoni hekk kbira tat-taħsir? L-arka tal-Patt il-Ġdid kellha tkun rebbieħa għalkollox. Kellha tkun bla difett tad-dnub u għalhekk żgur li qatt ma kien jixraq li din l-arka tal-Patt il-Ġdid tkun suġġetta għat-taħsir, dik l-arka li l-preżenza ta' Kristu fiha bħala tarbija fil-ġuf qaddsitha kompletament sa minn qabel twelidha u bi privileġġ singulari gawdiet ir-redenzjoni ta' Kristu sa minn qabel twelidha.

Silta oħra hi d-dehra tat-tħabbira. L-anġlu sellmilha bħala "mimlija bil-grazzja." Għalhekk l-anġlu stieden lill-Madonna biex tifraħ għax hi tassew mimlija bil-grazzja. X'ferħ ikbar jista' jkun hawn fid-dinja minn dak il-ferħ li jkun ġej għax tkun "mimlija bil-grazzja"? Jekk Marija kienet mimlija bil-grazzja kif qatt jista' jkun li l-ġisem tagħha jara t-taħsir tal-art? Jew li l-ġisem tagħha jittiekel mid-dud tal-art? Hu impossibbli li min hu mimli bil-grazzja jgħaddi mill-esperjenza tat-taħsir. It-taħsir mhux xieraq f'qagħda bħal din, fejn il-Madonna laħqet il-milja tal-grazzja ġewwa fiha. "Kull nisel isejjaħli hienja, għax il-Mulej għamel miegħi ħwejjeġ kbar." Il-Madonna tissejjaħ hienja wkoll għax il-ġisem tagħha kien salvat mit-taħsir tal-art.

Biss, inħoss li l-isbaħ esperjenza evanġelika li twieġeb tajjeb għall-privileġġ tal-assunzjoni tal-Madonna hi dik l-istorja tant importanti li nsibuha miktuba fl-Evanġelji. Kien hemm ħin meta, kif idommu l-evanġelisti, il-Madonna nnifisha flimkien mal-qraba marret tfittex lil Ġesù li kien qed jipprietka. "Ara, hawn ommok u ħutek qed ifittxuk." B'"ħutek" kienu qed jirreferu għall-qraba ta' Ġesù. Ġesù pront pront wieġeb: "Ommi u ħuti? Ommi u ħuti huma dawk kollha li jagħrfu r-rieda t'Alla u jħarsuha." Forsi jidher kliem li jissorprendina. Imma kif jgħid tajjeb Santu Wistin, kien qed jirreferi għall-Madonna bħala dik il-ħlejqa li wettqet fl-akbar milja tagħha r-rieda t'Alla. Iva, il-Madonna wettqet ir-rieda t'Alla sa minn qabel kellha

biss il-ħjiel tagħha. L-IVA tal-Madonna waqt it-tħabbira ma kinitx marbuta ma' xi kundizzjoni. Kienet iva totali, sħiħa u bla ebda pretenzjoni. X'kienet taf il-Madonna dwar il-futur tagħha ħlief li kellha tkun Omm Alla jew Omm il-Mulej? Il-Madonna ma ntrabtet ma' xejn ħlief mar-rieda t'Alla. Dan hu li jagħmel il-Madonna tassew kbira. Il-Madonna hi kbira mhux għax hi immakulata. Mhux għax hi xebba verġni. Il-Madonna hi tassew kbira għax wettqet fil-milja tagħha r-rieda t'Alla. U bħal Marija aħna nkunu kbar u xierqa daqskemm naħdmu biex ngħaqqdu r-rieda tagħna mar-rieda t'Alla.



It-titular tat-tlugħ fis-sema ta' Marija, li jinsab fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr

Kien il-Papa Piju XII li hekk kif intemmet it-Tieni Gwerra Dinjija beda jaħdem biex jiddikjara bħala domma tal-Knisja Kattolika t-tagħlim dwar it-tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Wara konsultazzjoni sħiħa mal-isqfijiet kollha tad-dinja u wara talbiet bl-eluf mill-poplu t'Alla, il-Papa Piju XII nhar l-1 ta' Novembru 1950, quddiem folla enormi li mliet Pjazza San Pietru, permezz tad-dikjarazzjoni solenni Manificentissimus Deus iddikjara li meta Marija temmet il-ħidma tagħha fuq din l-art kienet mgħollija s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Għalhekk issa dan it-tagħlim sar parti mid-depożitu tal-fidi.

Il-Papa Piju XII ħalla beraħ il-kwistjoni tal-mewt tal-Madonna. Il-Papa San Ġwanni Pawlu II qabel li l-Madonna, bħal binha Ġesù, x'aktarx li mietet ukoll. Imma bħal binha Ġesù wara tlett ijiem fil-qabar kienet mgħollija fil-glorja tal-ġenna, bir-ruħ u bil-ġisem, u għalhekk il-ġisem qaddis tagħha ma rax it-taħsir tal-qabar bħalma jara t-taħsir il-ġisem tagħna sa ma jerġa' jakkwista l-immortalità tiegħu, magħqud mill-ġdid mar-ruħ.



MAR ANTHEA
EVENTS
79804203
99804203



Nifhmu l-Liġi tas-Suċċessjoni

Dr Sonia Consiglio LL.D.
Konsulent Legali

Meta tiġi nieqsa persuna, dak kollu li tkun akkumulat waqt ħajjitha, kemm jekk flus, proprjetà jew oġġetti personali, irid jitqassam, u huwa għalhekk li l-liġi tistabbilixxi regoli ċari dwar kif dawn l-oġġetti jgħaddu għand ħaddieħor. Dan il-proċess jissejjaħ "suċċessjoni", u jista' jsir b'modi differenti, skont jekk il-persuna mejta (imsejħa "t-testatur") tkunx ħalliet testment jew le.

X'inhu testment?

Testment huwa strument legali li permezz tiegħu persuna tiddeċiedi x'se jiġri minn ġidha wara mewtha. Skont il-Kodiċi Ċivili ta' Malta testment huwa strument li persuna tuża sabiex tiddisponi minn ġidha kollu jew parti minnu wara mewtha. Testment jista' jinbidel fi kwalunkwe ħin waqt li l-persuna tkun għadha ħajja. Ma hemm l-ebda restrizzjonijiet fuq in-numru ta' drabi li persuna tibdel testment. Persuna tista' wkoll iżżomm ferm it-testment preċedenti u żżid fuqu, inkella tbiddel biss xi klawżoli testamentarji minnu.

Kif ikun imqassam it-testment?

Testment ikun fih dispożizzjonijiet jew b'titolu universali – li bih testatur iħalli l-ġid tiegħu kollu jew sehem minnu lil persuna jew persuni (imsejjaħ/imsejħa "werriet/a") – inkella dispożizzjonijiet b'titolu partikolari – li bih testatur iħalli oġġett jew ammont speċifiku ta' flus lil xi persuna jew persuni (imsejjaħ/imsejħa "legatarju" jew "legatarji"). Testment jista' jkollu wkoll dawn iż-żewġ titoli.

Tipi ta' testmenti

1. Testmenti pubbliċi: imfassla minn nutar skont ix-xewqa tat-testatur, quddiem żewġ xhieda.
2. Testmenti sigrieti: miktuba mit-testatur jew minn terza persuna, issiġillati u kunsinnati mit-testatur f'idejn nutar jew dirett fil-Qorti tal-Ġuriżdizzjoni Volontarja.
3. Unica charta: testment speċjali magħmul minn koppja miżżewġa f'dokument wieħed.
4. Testmenti privileġġjati: użati f'każijiet ta' emerġenza, bħal fuq il-baħar jew meta l-komunikazzjonijiet ikunu maqtugħa. Dawn huma inqas formali iżda xorta validi għal żmien limitat.

Testment iriđ jiġi rreġistrat xi mkien?

Iva. Dan huwa l-uniku mod kif wara l-mewt tat-testatur l-eredi tiegħu jkunu jistgħu jagħmlu riċerka testamentarja. In-nutar li jfassal it-testment jagħmel nota tat-testment skont ir-rekwiżiti tal-liġi u jinsinwa dina n-nota fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta jew ta' Għawdex, fi żmien ħmistax-il jum mid-data tat-testment (jekk ikun pubbliku). Testmenti sigrieti jridu jittieħdu quddiem il-Qorti tal-Ġuriżdizzjoni Volontarja jew mit-testatur jew min-nutar fi żmien erbat ijiem ta' xogħol.

Min jista' jagħmel jew jirċievi testment?

Ġeneralment kull min għandu aktar minn tmintax-il sena u huwa f'saħħtu jista' jagħmel testment. Iżda xi persuni huma inkapaċi li jagħmlu jew jirċievu b'testment. Huma inkapaċi li jagħmlu testment:

- dawk ta' taħt is-sbatax-il sena (bil-premessa li taħt it-tmintax-il sena jistgħu jagħmlu biss dispożizzjonijiet remuneratorji);
- dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaċi li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li minħabba xi difett jew ħsara ma jkunux kapaċi jesprimu r-rieda tagħhom;
- l-interdetti, sakemm f'każ ta' interdizzjoni ħabba tberbiq ma jingħatawx awtorizzazzjoni apposta biex jagħmlu testment;
- il-membri ta' ordnijiet reliġjużi li ħadu l-wegħdiet finali;
- persuni li ma humiex denji li jirċievu b'testment, bħal xi ħadd li:
- prova joqtol jew jagħmel ħsara lit-testatur;
- falzament akkuża lit-testatur b'reat;

ġiegħel lit-testatur jibdel jew jikteb testment.

Tista' persuna tħalli kollox lil persuna waħda?

Iva. Madanakollu jekk persuna tkun miżżewġa u/jew ikollha t-tfal ma tistax tħalli kollox lil persuna oħra, u dan għaliex il-liġi tirriżerva porzjon mill-ġid tat-testatur għalihom, anke jekk bħala testatur wieħed jippreferi li jħalli kollox lil din il-persuna. Dan jissejjaħ "il-Porzjon Riservat", u fil-passat kien jissejjaħ "il-Leġittima".

X'inhu l-Porzjon Riservat?

Dan huwa l-parti mill-ġid tat-testatur li l-liġi twarrab għat-tfal tat-testatur u l-konjuġi superstiti. "Konjuġi superstiti" tfisser dak (jew dik) mill-miżżewġin li jibqa' ħaj. Il-liġi tgħid hekk:

Rigward it-tfal

Jekk ikun hemm sa erbat itfal: terz mill-ġid tat-testatur irid jinqasam bejniethom;

Jekk ikun hemm ħamest itfal jew aktar: nofs mill-ġid tat-testatur irid jinqasam bejniethom.

Rigward ir-raġel jew il-mara

Jekk it-testatur ikollu t-tfal jew id-dixxendenti, ir-raġel jew il-mara għandhom jedd għal kwart mill-ġid tat-testatur;

Jekk it-testatur ma jkollux tfal jew dixxendenti, ir-raġel jew il-mara għandhom jedd għal terz mill-ġid tat-testatur.

Ejja ngħidu li Paul, armel b'żewġt itfal (Sarah u John), irid iħalli l-ġid kollu tiegħu lin-neputi favorit tiegħu Matthew. Huwa jista' jikteb dan fit-testment tiegħu, iżda Sarah u John huma legalment intitolati għal terz mill-ġid ta' Paul. Wara li jiġi nieqes Paul, Sarah u John jistgħu jfittxu d-drittijiet tagħhom, l-ewwel billi jkellmu lil Matthew sabiex jagħtihom il-porzjon riservat spettanti lilhom, u jekk Mattew jibqa' jirrifjuta jistgħu jiftħu kawża kontrih, li fiha jitolbu lill-Qorti tordna lil Matthew jtihom sehemhom tal-Porzjon Riservat.

Diżeredità x'inhi?

"Diżeredità" tfisser li t-testatur jeskludi lil xi ħadd li normalment ikun intitolat jiret skont il-liġi, billi fit-testment jindika raġuni valida għaliex dik il-persuna m'għandhiex tirċievi lanqas il-Porzjon Riservat li suppost imiss lilha. Persuna tista' tiġi diżereditata biss f'sitwazzjonijiet serji ħafna, bħal:

- ikun ċaħad mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;
- fil-każ li t-testatur jiġġennen u jabbandunah mingħajr ma jieħu ħsiebu;
- seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs però naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;
- sawwat lit-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;
- kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;
- ipprostitwixxa ruħu mingħajr konnivenza tat-testatur.

Fit-testment it-testatur irid jiddikjara b'mod ċar ir-raġuni għaliex qiegħed jaqta' l-persuna mill-wirt, u r-raġuni tkun trid tiġi ppruvata. Anke jekk persuna li hija intitolata għall-Porzjon Riservat tiġi diżereditata, ulied din il-persuna xorta jistgħu jirtu huma din il-porzjon. Dan billi l-ewwel jagħmlu talba lill-werriet, u fin-nuqqas li jingħataw dak li hu dovut lilhom jistgħu jiftħu kawża l-Qorti.

X'jiġri meta ma jkunx hemm testment?

Jekk persuna tmut mingħajr testment, jew it-testment ma jkunx validu, il-wirt tagħha jiġi distribwit skont il-liġi, imsejjaħ "suċċessjoni ab intestato", fejn il-wirt tal-mejjet imur favur id-dixxendenti, l-axxendenti, il-qraba kollaterali u l-konjuġi tal-persuna l-mejta, u f'każ li ma jkun hemm ħadd minn dawn, favur il-Gvern ta' Malta. F'dawn il-każijiet il-wirt jinqasam kif isegwi:

Jekk il-mejjet ħalla warajh tfal jew dixxendenti (mingħajr konjuġi) – il-wirt kollu jgħaddi lit-tfal jew id-dixxendenti, b'mod ugwali.

Jekk il-mejjet ħalla warajh konjuġi iżda l-ebda tfal jew dixxendenti – il-konjuġi jirċievi l-wirt kollu.

Jekk il-mejjet ħalla warajh kemm konjuġi kif ukoll tfal/dixxendenti – il-wirt jinqasam nofs bin-nofs, jiġifieri nofs lill-konjuġi u nofs lit-tfal jew id-dixxendenti.

Jekk ma hemmx tfal, dixxendenti jew konjugi – il-wirt jgħaddi:

- lill-axxendenti l-aktar qrib jekk ma hemmx aħwa;
- jinqasam bejn l-axxendenti u l-aħwa jekk hemm it-tnejn;
- lill-aħwa biss jekk ma hemmx axxendenti;
- lill-qraba l-aktar qrib fi ħdan it-tnax-il grad jekk ma hemmx aħwa jew axxendenti.

Jekk ma hemmx qraba – il-wirt jgħaddi lill-Gvern ta' Malta.

Pereżempju jekk Ġużeppi jmut u jħalli warajh lil martu u tlett itfal, il-mara tieħu nofs u l-bqija jinqasam b'mod ugwali bejn it-tlett itfal. Imma jekk Ġużeppi ma kellux tfal u l-ebda konjuġi superstiti, iżda oħtu hija ħajja, oħtu tiret kollox.

X'inhi d-differenza bejn Werriet u Legatarju?

Werriet huwa l-persuna li tirċievi parti jew il-wirt kollu tal-mejjet, jiġifieri jkun is-suċċessur universali tal-assi u anke tad-djun tal-mejjet. Legatarju huwa l-persuna li tirċievi xi ħaġa speċifika mill-wirt, bħal pereżempju proprjetà, somma ta' flus jew oġġett partikolari. Legatarju qatt ma jkun il-werriet universali, jiġifieri qatt ma jidħol fiż-żarbun tal-mejjet.

Eżempju sempliċi: Jekk it-testatur fit-testment jiddikjara li "l-werriet universali tiegħi huwa ibni Mark", dan ifisser li Mark huwa l-werriet. Mark jidħol fiż-żarbun ta' missieru, bit-tajjeb u l-ħażin tal-patrimonju ta' missieru. Jekk it-testatur jgħid: "inħalli l-karozza tiegħi lil oħti Maria", allura f'dan il-każ Maria hija legatarja. Hija tieħu l-karozza u ma tidħolx fiż-żarbun ta' ħuha.

Is-suċċessjoni tibda immedjatament wara l-mewt tal-persuna. Ħadd ma għandu bżonn imur il-Qorti sakemm ma jkunx hemm tilwima fuq il-wirt. Biex tiret, persuna trid jew:

- taċċetta l-wirt, espressament (bil-miktub) jew taċitament (billi tieħu l-pussess tal-assi); jew
- tirrifjutah (permezz ta' dikjarazzjoni).

Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet?

Iva. L-eredi jirtu l-assi u d-djun tal-mejjet. Jekk it-testatur ma speċifikax min iħallas xiex, l-eredi jaqsmu d-djun fi proporzjon tal-wirt tagħhom. Jekk werriet wieħed iħallas aktar mis-sehem tiegħu, jista' jirkupra d-differenza mill-eredi l-oħra.

Allura jekk jien werriet ta' proprjetà immobbli, din kif iddur fuq ismi?

Meta wieħed jiret proprjetà immobbli, bħal dar jew għalqa, is-sjieda tagħhom tgħaddi għand l-eredi permezz ta' kuntratt pubbliku imsejjaħ "dikjarazzjoni Causa Mortis". Din id-dikjarazzjoni ssir minn nutar pubbliku u tiġi insinwata fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta jew ta' Għawdex. Permezz ta' dan il-kuntratt il-proprjetà tgħaddi fuq isem l-eredi, li b'hekk ikun jista' jissejjaħ is-sid il-ġdid tagħha.

Ġieli ɜmajthom iɜemmu "eżekuturi" u "amminiɜtraturi". Dawn min huma?

Eżekutur huwa persuna li t-testatur jinnomina fit-testment biex timplimenta r-rieda tiegħu, jiġifieri biex tiżgura li l-wirt jinqasam skont kif miktub fit-testment. L-eżekutur għandu setgħat legali biex jamministra l-wirt skont ir-rieda tat-testatur. Eżekutur jista':

- jagħmel inventarju;
- iħallas id-djun;
- ibigħ proprjetà (bi ftehim mal-werrieta);
- iqassam dak li jifdal.

Amministratur mhux dejjem ikun meħtieġ bil-liġi, iżda jista' jinħatar jekk ikun hemm xi tilwima jew jekk il-wirt ikun kumpless. Għalhekk dan jiġi maħtur mill-Qorti biex jamministra u jqassam il-wirt skont il-liġi.

Iđ-đritt ta' akkrezzjoni x'inhu?

L-akkrezzjoni tfisser li l-parti ta' wirt jew legat li kellha tmur għand persuna ma ġietx aċċettata minnha (pereżempju għax mietet, ċaħdet il-wirt jew ma tistax tilqa' legat). F'dan il-każ din il-parti tal-wirt jew legat tgħaddi għand il-kowerrieta jew il-kolegatarji l-oħra msemmija fit-testment. Jiġifieri assi li ma jistgħux, jew ma jridux jiġu aċċettati, imorru għand il-werrieta u/jew il-legatarji l-oħrajn. Iżda dan japplika biss jekk:

- it-testatur ma jkunx ħatar lil xi ħadd ieħor bħala sostitut; u
- il-werriet ma jkunx ċeda s-sehem oriġinali tiegħu.


Pereżempju jekk żewġ aħwa jiġu msemmija bħala kowerrieta u wieħed jirrifjuta l-wirt, l-ieħor awtomatikament jirċievi s-sehem sħiħ sakemm it-testment ma jgħidx mod ieħor.

Smajthom iɜemmu "kollazzjoni". Din xi ħaġa relatata ma' teɜtment?

Kollazzjoni hija obbligu legali tat-tfal u d-dixxendenti biss, li jirtu lill-axxendent sew b'testment inkella bl-operat tal-liġi. Dawn għandhom jgħoddu l-valur ta' dak kollu li jkunu ħadu b'donazzjoni mingħand il-mejjet waqt li kien għadu ħaj, kemm direttament kif ukoll indirettament, fil-kalkolu tal-wirt totali, biex b'hekk tiġi żgurata diviżjoni ġusta fost il-werrieta kollha. Għaliex għalkemm it-trasferiment ikun sar waqt li t-testatur kien ħaj, il-ħaġa xorta titqies bħala sehem mill-patrimonju tal-mejjet. Ma jfissirx li l-ħaġa li ngħatat bħala donazzjoni tingħata lura fiżikament, iżda li jiġi ddikjarat il-valur tagħha bħala parti mill-wirt.

Il-kollazzjoni ma tapplikax għal donazzjonijiet lill-axxendenti, lill-konjuġi jew lil terzi persuni, jew għal rigali żgħar. It-testatur jista' wkoll jeżenta lill-eredi mill-obbligu tal-kollazzjoni kemm fil-kuntratt li fih tkun saret id-donazzjoni tal-ħaġa, jekk ikun hemm, inkella fit-testment.

Dikjarazzjoni: Dan l-artiklu huwa biss għal skop ta' informazzjoni ġenerali u ma jikkostitwixxix parir legali. Kull każ huwa differenti u għandu jiġi evalwat skont il-fatti speċi tiegħu minn professjonist legali infurmat bil-mertu tal-każ.



L-Immakulata Kunċizzjoni

Kav. Stanley Mangion

It-tagħlim dwar it-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Mbierka hu aċċettat mhux biss mill-Kattoliċi imma wkoll mill-Knejjes Insara mifruda, l-Ortodossi kif ukoll l-Iżlam. L-Iżlam għandu tagħlim kbir dwar il-Madonna. Difatti l-Madonna fl-Iżlam tissemma ferm aktar milli tissemma fil-Ġdid Testment.

Dan it-tagħlim dwar l-Immakulata sab oġġezzjoni min-naħa ta' San Tumas t'Akwinu minħabba l-fatt li kull ħlejqa, magħduda l-Madonna, kien meħtieġ li tkun mifdija bid-demm ta' Kristu mxerred fuq is-salib.

It-teologu Beatu Duns Scotus iddefenda b'qawwa kbira d-domma tal-Immakulata. Huwa tana dak l-argument sabiħ fuq din id-domma. Kien xieraq li Alla jipproteġi lil ommu minn kull taħsir tad-dnub, u għax Alla seta' jagħmel dan, ma kien hemm l-ebda problema li dan isir.

Imbagħad hemm l-aspett bibliku dwar din id-domma tal-Immakulata. Fil-ktieb tal-Ġenesi nsibu li meta Alla wiegħed is-salvazzjoni lill-umanità, hu stqarr li kien se jqajjem GWERRA bejn nisel is-serp u nisel mara (il-Madonna). Allura jekk il-Madonna kellha tnissel lil dak li kellu jirbaħ lis-serpent, li hu l-figura tal-ħażen, kif qatt setgħet il-Madonna tkun mirbuħa sa minn qabel twelidha mix-xitan? Il-mirbuħ ma jista' qatt jirbaħ għax diġà jkun tellief. Hekk il-Madonna, kieku kienet mirbuħa mix-xitan qabel twelidha, ma setgħet qatt tmexxi gwerra rebbieħa kontra l-ħażen tad-dnub u tax-xitan.

It-tagħlim dwar l-Immakulata nsibuh ukoll fil-ktieb tal-Apokalissi ta' San Ġwann. Il-mara ħarbet fid-deżert biex ma tkunx maħkuma mid-dragun, li hu s-simbolu tal-ħażen. Hemmhekk instabilha kenn u protezzjoni minn kull ħażen u għalhekk l-ebda ħażen jew dnub ma kien jista' għaliha. Mela Marija hi tassew Immakulata.

Kien il-Papa Piju IX li ddikjara bħala domma ta' fidi t-tagħlim dwar l-Immakulata. Kien propju nhar it-8 ta' Diċembru 1854 li l-Papa, wara konsultazzjoni u qbil mal-akbar maġġoranza tal-isqfijiet tad-dinja kollha, iddikjara din id-domma ta' fidi bil-proklamazzjoni Ineffabilis Deus. Dak il-ħin wiċċ il-Papa litteralment xegħel b'dija speċjali. Huwa ddikjara li "l-Qaddisa Verġni Marija, bi grazzja singulari u bi privileġġ waħdieni ta' Alla li jista' kollox u b'merti speċjali ta' Ġesù Kristu, is-Salvatur, ħeles lil Marija minn kull tebgħa tad-dnub oriġinali."

Donnha d-dikjarazzjoni tal-Papa Piju IX ma kinitx biżżejjed għax il-Madonna stess riedet twettaqha u tikkonfermaha. Ftit snin biss wara d-dikjarazzjoni infallibbli tal-Papa Piju IX, il-Madonna dehret ġewwa Lourdes. Il-kappillan talab lit-tfal ċkejknin jistaqsu lis-Sinjura min kienet, u l-Madonna qaltilhom: "Jiena jien l-Immakulata Kunċizzjoni." Din id-dikjarazzjoni kienet it-turning point ta' dawn d-dehriet għax it-tfal s'issa ma kinux qed jiġu emmnuti. Kif setgħu t-tfal żgħar joħorġu b'din id-dikjarazzjoni? Żgur li kienet il-Madonna li qalet dawn il-preċiżi kelmiet.

O Marija li dħalt fid-dinja mingħajr tebgħa, aqlgħalna l-grazzja li noħorġu minnha mingħajr ħtija.

Baned Militari fir-Renju Unit

Silvan Abdilla

Fir-Renju Unit hemm diversi baned militari. L-iktar popolari huma l-Band of Grenadiers, li hi l-banda militari tar-Re Ingliż, u r-Royal Marines Military Band. Din il-banda hija simili ħafna għall-banda tal-Forzi Armati ta' Malta, anke fil-kuluri tagħha, u fl-opinjoni tiegħi hemm żewġ baned oħra, li huma r-Royal Air Force Band u l-Household of Cavalry Military Band. Din hi l-banda li ddoqq minn fuq iż-żwiemel.




Il-banda tar-Royal Marines

Il-baned militari Ingliżi huma units li jservu l-protokol fiċ-ċerimonji bħala parti mill-Forzi Armati Brittaniċi. U kienu l-bażi u l-ispirazzjoni għall-baned militari fil-pajjiżi li kienu jaqgħu u għadhom jaqgħu taħt l-Imperu Ingliż u l-pajjiżi tal-Commonwealth.



Waħda mill-baned tar-Royal Air Force Ingliża

Żvilupp fis-seklu 17



L-arma tal-banda Royal Artillery Band, l-eqdem banda Ingliża

Il-baned militari tas-seklu 17 sal-kruċjati ma kinux sofistikati, bħall-mużika li kienet tindaqq dak iż-żmien. Dak iż-żmien kienu jikkonsistu minn drummers u trumbetti u aktar tard daħlu l-fifri. L-eqdem banda militari Ingliża tmur lura għall-1557 u hija l-banda tar-Royal Artillery Band.



Il-banda tal-Household Cavalry

Ta' min jinnota wkoll li bis-saħħa tar-Re Karlu II, li studja l-mużika mal-banda tal-Armata Franċiża, seħħew



Il-banda tal-Grenadiers

żviluppi anke fil-baned militari Ingliżi.


Is-sekli 18 u 19

Fis-sekli 18 u 19 komplew isiru iktar żviluppi tal-baned militari Ingliżi, u twaqqfu iktar baned militari. Ġew iffurmati l-Banda Reġimentali tal-Foot Guards bejn l-1783 u l-1775, u li kienet magħrufa anke bħala The 1st Foot Guards Band jew The Duke of York's Band. Fl-1811 ġiet imwaqqfa l-banda The Duke of Gloucester's Band.

Is-sekli 20 u 21

Fis-seklu 20 il-baned militari Ingliżi komplew jiżviluppaw u jiffurmaw, saħansitra l-istess reġimenti jkollhom iktar minn banda waħda biex ikomplu jaqdu d-dmirijiet tagħhom, kif ukoll komplew jiftħu l-iskejjel tagħhom, u bdejna anke naraw il-baned bil-bagpipes ukoll. Fl-1991 bdew jiddaħħlu mużiċisti nisa wkoll mal-baned militari. Komplew jieħdu sehem f'avvenimenti kbar, u ta' min ifakkar pereżempju li fil-funeral tar-Reġina Eliżabetta ħadu sehem mal-35 banda. L-istess ammont ta' baned ħadu sehem fl-inkurunazzjoni tar-Re Karlu III u r-Reġina Camilla. Black Sunday ukoll ikun hemm parata interessanti, li tkun f'Novembru, li fiha jieħdu sehem ukoll għadd ta' baned militari Ingliżi, iċ-Changing of the Guards, it-Trooping Colours u attivitajiet oħra. Il-baned jieħdu sehem dejjem skont il-protokol.

Din kienet ħarsa ħafifa lejn il-baned militari Brittaniċi.



The Duke of Gloucester's Band

VEXILLINA

- Printers
- Bookbinders
- Stationers
- Religious Articles





71, Victory Street,Rabat Malta
2145 2624
www.vexillina.com

Like us on Facebook

Panorama Bar

Snacks • Takeaway • Restaurant



Burmarrad Road,
Burmarrad

T: 2158 0015

+356 21451350
info@desanamarbles.com

DESANA
MARBLES



ELEVATE YOUR PROJECT WITH OUR

STONE MATERIALS.



www.desanamarbles.com

Offerta lil Alla ta' Ħames Ulied Ikkonsagrati Lilu

Sr Dolores Gauci OP

Mill-familja ta' Ġamri Gauci u Carmela née Galea, li żżewġu fid-9 ta' Ġunju 1935, imwildin l-Imġarr, Malta. Fil-familja tagħna konna għaxart itfal: ħames subien u ħamest ibniet. Wieħed mis-subien, Fr Laurence, sar saċerdot u qatta' 42 sena l-Brażil. L-aħħar ħames snin ta' ħajtu għaddiehom lura l-Imġarr. Tlitt ibniet saru sorijiet ta' St Dorothy u oħra marret mas-sorijiet Dumnikani.

Wieħed jistaqsi: **"Imma kif jista' jkun li ħames reliġjużi ħarġu minn familja waħda?"**

Nirringrazzjaw lil Alla għall-ġenituri, li kienu ġenerużi mal-Mulej. Kien it-tagħlim u l-eżempju sabiħ li tawna li mexxewna fit-triq it-tajba. Il-ġurnata tagħna kienet tibda bil-quddiesa – la l-ġenituri u lanqas aħna ma konna nħalluha. Konna regolarment nattendu għad-duttrina. Filgħaxija konna ningħaqdu bħala familja għar-ružarju. Tawna edukazzjoni kemm setgħu u l-pariri tajbin qatt ma naqsulna.



Sor Dolores Gauci

Ġesù, fl-imħabba tiegħu, sejħilna b'mod personali: **"Ejja, imxi warajja."** U aħna weġibna: **"Iva!"** Kienet tweġiba mimlija entużjażmu u ferħ. Xi drabi forsi konna nħossuna mhux ċerti, imma xorta bqajna nimxu warajh b'ġenerożità u ħallejnieh imexxina Hu.

Jiena, Sr Dolores, tlaqt mid-dar tal-Imġarr nhar il-21 ta' Novembru 1975. F'Jannar ta' wara, flimkien ma' Tessie Gatt (†), għamilna quddiesa ta' ringrazzjament hekk kif konna se ningħaqdu mal-kongregazzjonijiet tagħna. Tessie, li saret Sr Artimizia, ingħaqdet mas-sorijiet Franġiskani, u jien mas-sorijiet Dumnikani. Bqajna ħbieb kbar. Fis-sena 2000 il-Mulej sejħilha għal għandu biex tgawdih għal dejjem.

Wara tliet snin ta' formazzjoni hawn Malta kont mibgħuta Ruma u fl-1982 mort il-Pakistan – art tal-missjoni – kif kienet ix-xewqa tiegħi. Ħallejt il-providenza ta' Alla tmexxini. Qattajt 22 sena l-Pakistan.



Il-familja Gauci

Il-ħajja missjunarja tfisser li titlaq kollox warajk u tħares ’il quddiem, waqt li taċċetta kollox minn idejn Alla. Il-providenza tiegħu dejjem lesta taħdem fina jekk nagħtuha ċ-ċans. Il-missjunarju jkun qiegħed jaqdi lill-poplu f’kull xorta ta’ tbatija: mard, inġustizzja, nuqqas ta’ riżorsi, edukazzjoni u aktar.



Dun Lawrenz Gauci

Il-ħajja reliġjuża tgħallimna kif nagħmlu spazju għal Alla u għall-oħrajn. Nirringrazzja lil Alla għad-doni li xerred fuq il-familja tiegħi, speċjalment il-ġenituri tajbin. Grazzi ’l Alla tas-sejħa reliġjuża. Grazzi, Mulej, talli kont qrib tiegħi tul ħajti kollha.

Nagħlaq billi naqsam magħkom kliem missieri qabel ma mort soru. Meta Mons. Kalċidon Vassallo ġie d-dar biex jifraħ lil missieri li kont se nidħol soru, qallu: **“Ġamri, it-tifla ż-żgħira wkoll sejra soru.”** U hu wieġbu: **“Dawn mhumiex tiegħi. Il-Mulej silifhomli, u jiena lest nerġa’ nagħtihomlu lura.”** Darb’oħra kont għedtlu: **“Jiena sejra l-missjoni. Int xi tgħidli?”** U hu wieġeb: **“Kuntenta int, kuntent jien.”**

Inwegħedkom it-talb tiegħi. Nitlob lill-Madonna tixħet ħafna grazzji fuqkom. Nawguralkom il-festa t-tajba u l-barka tal-Mulej fuqkom ilkoll.

ISABELLE’S

Crafts, Haberdashery & Bazaar

Clothes Alterations, Laundy & Dry Cleaning & more

20, Triq il-Kaħli,
St. Paul’s Bay
Tel: +356 9905 1187
Find us on facebook

Opening Hours
Mon, Tue: 09.00 - 17.00
Wed: 16.00 - 19.00
Thu, Fri: 09.00 - 17.00
Sat: 09.30 - 13.00

Ta' Falzon Landrovers Ltd.

227/229 St. Mary Street, Mġarr - Malta MGR1528

Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504

James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383

email: falzoncolin@gmail.com





After you have seen the rest,
Come and buy it from the best!

Francesco Garden Centre



Sale of Trees, Plants,
Pots, Agricultural Supplies, Fertilizers
Garden Tools, Landscaping & More...



Wied Rini, Baħrija, l/o Rabat, Malta
T: +356 7945 6689, 7947 4802
E: francesco.pgc@gmail.com
f: Francesco Garden Centre







How one statue became an entire remembrance of Good Friday

Deborah Scerri

As a young boy my husband Martin used to take care of his nanna in St Paul's Bay, taking her to the 7.30 am mass every weekend and during school holidays. Since nanna Pawlina was blind, Martin often described the things around to her and more often than not admired her statue of *Is-Salvatur*, which was always special to her since it celebrates the feast of Ħal Lija, nanna Pawlina's home village. Before she passed away in January of 1970 she told Martin's mother that the statue should be passed on to Martin, a statue which he still has to this day. So Martin acquired his first statue at the ripe age of 14. If only she knew that this would be the beginning of something much bigger to come!



The statue of Our Saviour, which was given to Martin by his grandma. This was the boost for him to start this collection, which nowadays developed into an exhibition

Time stood still for a good number of years, until Martin was 36 years old and purchased his first two statues, starting his Good Friday collection. These came from Ta' Santini of Ħaż-Żabbar, Malta. Then slowly over the years additional ones were added to the collection, coming from both Malta and Spain. The collection now proudly boasts 28 statues and 8 Roman soldiers, as well as *pasturi* and work in cork made by Paul Debono (aka Paul Pasturi).



The statues representing Jesus praying after the Last Supper and the statue of Judas Iscariot showing the Jews who Jesus was

The Good Friday collection also holds the largest Golgotha in Malta, made especially for Martin by Carmelo Brincat of Ħal Tarxien, and comprises 13 statues in total.

The collection also boasts a replica of La Pietà of Ħal Qormi and the replica of *Iċ-Ċirinew* of Ħal Qormi, and also *Iċ-Difna* of Paola, all done by Maltese artists, along with the procession of *Ħamis ix-Xirka*, which includes a total of 10 figures. The grand altar has now been refurbished by another talented upcoming Maltese artisan, Kurt from Gudja.




Other statues in the Good Friday exhibition

So far the statues have been on public display twice in St Paul's Bay, once in Żurrieq and twice in Mġarr (Malta). Since it takes at least one month to prepare them for the exhibition this is not an easy task, and a very delicate process, especially to transport them all. This would not be possible without the help and support of our dear friend Leli (ir-Rabti) and of course all our family.



The Golgotha, Martin's latest addition




The Golgotha and the statue of Christ the Redeemer

Next Easter all the statues will be on public display at Ir-Razzett tal-Markiż hall in Mosta, next to Mosta's girls' secondary school. Looking forward to seeing you all there!



Other exhibits in the Good Friday exhibition. These exhibits represent several items used during the Good Friday processions




ECLIPSE STATIONERY
9, Fisher Road, Mgarr, Malta
21525248/99442106
eclipsemgarr@gmail.com
Stationery
Greeting and occasional cards
Toys
Gift Ideas
Photocopy service
Binding
Laminating
OneAll Gift Vouchers
Newspapers
Mobile/Public Transport Top-Up vouchers
Printer Cartridges
Educational Games
Craft supplies
And several other products and services


FLOWERS BY PHYLLIS
Flowers for all occasions
www.flowersbyphyllis.com/shop
18, Triq il-Kahli, St Paul's Bay
+356 99 111 688
@flowersbyphyllismalta
SCAN ME
Flowers

WHERE EXPERIENCE MEETS INNOVATION

Framegrip





MOSTA ROAD, LIJA,
LJA9010, MALTA

(+356) 2141 9787/8

WWW.FRAMEGRIP.COM



Il-Kuntentizza

Cristian Cassar

Darba waħda kien hemm negozjant li siefer lejn art imbiegħda sabiex jiskopri opportunitajiet ġodda ta' investiment għall-azjenda tiegħu. Kif wasal sab li din l-art kellha xenarji sbieħ ta' natura u postijiet arkitettoniċi mill-isbaħ u għalhekk tajbin sabiex jiġu sfruttati bl-investimenti li huwa xtaq jagħmel. Kompla jdur u jiskopri aktar u nduna li dik l-art kienu joqogħdu fuqha tribù aboriġinu li minkejja li kienu primittivi kienu jafu jitkellmu l-lingwa tiegħu. U kif iltaqa' ma' grupp minnhom qabad ikellimhom u staqsiehom sabiex jeħduh ikellem lill-mexxej tagħhom.

U laqqgħuh ma' raġel pjuttost żgħir fl-età li kien qiegħed bilqiegħda quddiem il-baħar filwaqt li kien qed igawdi l-veduta ta' quddiemu u jixrob minn coconut.

Kif introduċa ruħu mal-mexxej, in-negozjant qallu: **"Kemm għandek veduti sbieħ hawn! Li kieku taf x'opportunità għandek sabiex tagħmel il-flus! Tista' tibni lukanda kbira, iġġib ħafna turisti, tagħmlilhom il cocktails u joqogħdu jgħumu fil-pool tal-lukanda… u tagħmel ħafna flus!"**

U l-mexxej staqsieh: **"X'iżjed?"**

U n-negozjant kompla jgħidlu: **"Imbagħad wara ħafna snin ta' sagrifiċċju u xogħol ikollok biżżejjed flus sabiex tirtira, tgawdi u tkun kuntent."**

U l-mexxej reġa' staqsieh: **"Xi tfisser għalik tgawdija u li tkun kuntent?"**

U n-negozjant qallu: **"Jien għalija tfisser li nintefa' fuq deckchair quddiem din il-veduta sabiħa li għandkom u noqgħod nixrob mill-coconut."**

U l-mexxej minnufih wieġbu: **"X'taħseb li qed nagħmel jien bħalissa?"**

Bl-ebda mod ma rrid nagħti l-impressjoni li għax taħdem u tistinka huwa xi nuqqas jew b'xi mod xi ħaġa ħażina. Però għalkemm il-flus huma importanti rridu noqogħdu attenti li ma nsirux skjavi tagħhom. Kif rajna fl-istorja n-negozjant iffoka ħajtu fuq il-fatt li jekk jaħdem u jaqla' ħafna flus ikun jista' jagħmel dawk l-affarijiet li qatt ma għamel malli jirtira. Għall-kuntrarju, il-mexxej aboriġinu għażel li jimla ħajtu billi japprezza l-mument, mingħajr ħafna affarijiet materjali. Minkejja dan, sabiex niffunzjonaw bħala soċjetà l-flus huma bżonjużi.

Imma f'soċjetà li twieżnek biss u ttik valur skont xi status għandek, x'karriera taħdem, kemm għandek flus jew assi, u dejjem timbuttak sabiex tikkonsma, qisna bla ma rridu nħossuna li qed nagħmlu xi ħaġa ħażina jekk f'xi mumenti minn ħajjitna niddeċiedu li nieqfu ftit minn dik li l-Ingliżi jsejħulha "rat race". U f'din it-taqtigħa,

spiss mingħajr ma nindunaw, nibdew ninqatgħu mill-affarijiet li jistgħu jkunu l-aktar għeżież f'ħajjitna, bħalma huma l-familja, il-ħbieb u l-komunità.

Mill-ftit esperjenza li għandi tal-ħajja rrealizzajt li sabiex tiggwadanja xi ħaġa trid tissagrifika xi ħaġa oħra. Dan huwa aspett li mhux kulħadd jaħseb dwaru. Il-focus tagħna ħafna drabi jkun fuq x'se nikkwistaw bl-azzjoni li se nagħmlu, imma ma nirrealizzawx x'nistgħu nkunu qed nitilfu fil-proċess ta' dik l-istess azzjoni.

Għalhekk ninkoraġġikom sabiex f'ħajjitkom issibu l-bilanċ u tgħixu l-mument. Ejjew napprezzaw dak li l-aktar jagħtina kuntentizza u sodisfazzjon. Hija ħaġa tajba li nitgħallmu nieqfu ftit, nirriflettu u nieħdu deċiżjonijiet għaqlin u bis-sens f'ħajjitna, għax spiss nistgħu niġu f'sitwazzjoni li tqum xi darba filgħodu u tgħid: **"Imma jien kif spiċċajt f'dan l-istat?"** U wisq nibża' li meta nirrealizzaw din il-ħaġa jista' jkun kemxejn tard wisq.

Nawguralkom li fil-ħajja ssibu l-kuntentizza u s-sodisfazzjon tagħkom, fi kwalunkwe natura ta' xogħol, relazzjoni jew sitwazzjoni. Il-festa t-tajba, ħbieb!





GasanMamo
INSURANCE

We're Always There

ENJOY THE GOOD SURPRISES

Travel insurance from GasanMamo

Birkirkara T: (+356) 2149 6235 | **Gżira** T: (+356) 2134 5123 | **Mellieħa** T: (+356) 2152 3672
Mosta T: (+356) 2713 5297 | **Paola** T: (+356) 2166 2815 | **Rabat** T: (+356) 2145 5523 | **Sliema** T: (+356) 2134 2211
Qormi T: (+356) 2148 7118 | **Mrieħel** T: (+356) 2778 8277 | **Valletta** T: (+356) 2123 2666

GASANMAMO INSURANCE LIMITED IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT AND REGULATED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM

Galea Graziella

Deputat fuq it-12-il Distrett



Il-Festa t-Tajba

lir-residenti tal-Imġarr
għall-festa ta' Santa Marija

+356 9947 0538
galeagraziellamp@gmail.com


Kelliema għall-inklużjoni u l-volontarjat



Il-Gvern Lokali

Owen Galea

Il-kunsill lokali huwa forma ta' gvern lokali. Il-kunsilli lokali twaqqfu fl-1993 permezz tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, kapitlu 363 tal-liġijiet ta' Malta. F'dan l-att wieħed isib dak kollu li għandu x'jaqsam mal-kunsilli lokali. Malta u Għawdex huma maqsuma fi 68 kunsill lokali, 54 kunsill lokali f'Malta u 14-il kunsill lokali f'Għawdex. Apparti l-kunsilli lokali, fl-2011 twaqqfu l-kunsilli reġjonali u b'hekk il-kelmiet "gvern lokali" bdew jirreferu kemm għall-kunsilli lokali kif ukoll għal dawk reġjonali. B'kollox twaqqfu 6 kunsilli reġjonali, 5 f'Malta u 1 f'Għawdex. L-Imġarr jagħmel parti mir-Reġjun tat-Tramuntana.



L-emblema tal-kunsill lokali tal-Imġarr, Malta



L-emblema tar-Reġjun tat-Tramuntana



L-emblemi tal-kunsilli lokali ta' Malta u Għawdex

L-għan li għalih inħolqu l-kunsilli lokali kien li ċ-ċittadin ikun eqreb tad-deċiżjonijiet li jimpattawh fuq bażi ta' kuljum. Dan il-kunċett jissejjaħ "id-diċentralizzazzjoni", li tfisser li l-poter ma jibqax biss kolllu tal-gvern ċentrali, ċoè l-Gvern ta' Malta, iżda ċerti responsabilitajiet jingħaddu lill-gvern lokali u ċoè lill-kunsilli lokali u dawk reġjonali. Tajjeb li wieħed jifhem li l-kunsill huwa limitat fil-poteri tiegħu, u r-responsabilitajiet ta' kunsill lokali huma speċifikati fl-istess att imsemmi qabel.

Il-kunsilliera huma eletti minn fost ir-residenti ta' dik il-lokalità. L-elezzjoni tal-kunsilli lokali bejn is-snin 1993 u 2015 kienu jsiru kull tliet snin. Tul dan il-perjodu t-terminu ta' kull kunsill ma kienx jiskadi f'daqqa. B'hekk mhux kull kunsill kien jagħmel l-elezzjoni fl-istess sena. L-aħħar elezzjonijiet li saru li fihom mhux kull kunsill ġie elett f'salt kienu dawk tal-11 ta' April 2015. Minn dik id-data kull kunsill

li kien elett qabel li t-terminu tiegħu kellu jiskadi qabel l-2019 ġie estiż sal-2019 biex b'hekk fl-2019 saru l-ewwel elezzjonijiet lokali li fihom kull kunsill ġie elett f'daqqa. B'din l-emenda t-terminu ta' kunsill lokali twal minn tliet snin għal ħames snin. Il-fatt li dan it-terminu twal joffri aktar stabbilità fil-lokalità u aktar ċans biex dak il-kunsill partikolari jaħdem.

In-numru ta' kunsilliera f'dik il-lokalità huwa determinat mill-ammont ta' residenti li jgħixu f'dik il-lokalità li sad-data tal-elezzjoni jkunu laħqu l-età ta' sittax-il sena u b'hekk ikunu eliġibbli biex jivvutaw. Tajjeb li ngħidu li f'elezzjoni ta' kunsill lokali residenti li huma ta' nazzjonalità Ingliża u dawk li huma ta' nazzjonalità ta' wieħed mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea huma wkoll eliġibbli biex jivvutaw għar-rappreżentanti tal-kunsill.

L-iżgħar kunsill lokali huwa kompost minn 5 membri tal-kunsill, filwaqt li l-akbar kunsill lokali li jista' jiġi elett huwa ta' 13-il membru tal-kunsill. In-numru ta' kunsilliera f' kull kunsill huwa dejjem fard. Dan sabiex dejjem ikun hemm maġġoranza u minoranza. Interessanti kif fl-aħħar elezzjoni ġew eletti numru ta' kandidati indipendenti u f'ċerti każi dan wassal biex l-ammont ta' kunsilliera eletti f'isem il-partiti f'ċerti lokalitajiet ikun ugwali, u b'hekk dak elett indipendenti jitqies bħala "king maker", fejn bid-deċiżjoni tiegħu jidderieġi d-direzzjoni li dak il-kunsill partikolari jieħu tul it-terminu ta' dak il-kunsill.

Is-sindku tal-lokalità jintgħażel minn fost il-kunsilliera eletti. Il-kriterju li jintuża biex wieħed jokkupa l-kariga ta' sindku huwa li s-sindku jkun il-persuna li tkun ġabet l-aktar voti mill-partit li jkun ġab l-aktar voti, u b'hekk ikun jista' jikkmanda l-maġġoranza fil-kunsill. B'hekk kunsill lokali huwa kompost minn kunsilliera f'maġġoranza u dawk f'minoranza, li jistgħu jiġu mxebbha mal-kompożizzjoni tal-Parlament ta' gvern u oppożizzjoni. B'hekk id-direzzjoni tal-kunsill hija deċiża mill-maġġoranza, kif inhu ddettat f'demokrazija.

Kunsill reġjonali, imbagħad, ikun kompost minn rappreżentant ta' kull kunsill lokali li jagħmel parti minn dak ir-reġjun, li ġeneralment ikun is-sindku, u jkun immexxi minn president reġjonali, li jiġi elett minn fost il-membri tal-kunsilli lokali jew kwalunkwe resident li jgħix f'lokalità li tagħmel parti minn dak ir-reġjun li jkun ġab maġġoranza mill-kunsilliera lokali ta' dak ir-reġjun. Il-kunsilli lokali u reġjonali jaħdmu b'sinerġija ma' xulxin u flimkien jiffurmaw iż-żewġ saffi ta' gvern lokali.

Ringrazzjament

Minn hawn nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-kumitat kollu tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr għad-dedikazzjoni u l-impenn lejn l-istess Soċjetà u lejn il-festa tant għażiża tar-raħal tagħna, kif ukoll għall-impenn soċjali tagħhom lejn it-tfal u ż-żgħażagħ tar-raħal tagħna għall-opportunità li tingħatalhom biex ikunu jistgħu jitgħallmu strument mingħajr ħlas.

Nixtiqilhom kull suċċess għall-festa li ġejja u għall-futur. Bħala ex bandist ta' din is-Soċjetà ninsab dejjem grat għal dan u nħeġġeġ lil dawk kollha li jħobbu l-mużika biex jagħmlu l-pass u jingħaqdu ma' din is-Soċjetà.



Viva Santa Marija

Is-Sindku s-Sur Paul Vella u l-familja jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lill-Imgarrin kollha


Wistin Vella
Viċi Sindku – Kunsill Lokali Mġarr
Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd
Viva Santa Marija!
Mob: 79405148


KUNSILL LOKALI
MĠARR
Il-Kunsillier
CHARLES SAID
jawgura l-Festa t-Tajba
lill-Imġarrin kollha!

Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Mġarrin kollha

Owen Galea

Kunsillier Lokali



@owengalea

79280876

NAWGURA IL-FESTA T-TAJBA LILL-IMĠARRIN KOLLHA.

MĠARR

Viva Santa Marija!



Kunsilliera Odette Muscat

+35699832730

odettemuscat74@gmail.com

PAVALJUN

Narmaw djarna għall-festa ta' Santa Marija

Ordna l-pavaljun tiegħek Stokk limitat




QIS		Materjal Suf
200cm x 140 cm		€55
250cm x 180cm		€65

info u ordnijiet

79391306

79674678

Il-pavaljun jinkludi l-frenza u pocket.







Flower Arrangements for All Occasions.

(Part Time Business)

Mobile: 7747 8887

Follow us on Facebook – John the Florist
https:/www.facebook.com/johnnyflorist


An event to remember
@ Paradise Bay Resort
in aid of Mġarr Band
When?
Early September
More details to be
announced soon!
PORTO
lounge


Hal Luqa
Santa Lucija
Il-Kottonera
M'xlokk
SmartCity Malta
Hal Tarxien
B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs
Tel: 21582659 - Mobile 79477682 / 3 / 4 /5
Email: info@bgs.com.mt
Web: www.bgs.com.mt
STOP
- Traffic Signs
- Belishia Globes
- Road Markings Paint
- Street Furniture
- High Friction Surfacing
- Car Park Markings
- Traffic Management Services
- Building Services
We mark, others follow . . .

Pizzeria Takeaway Cafeteria

Grill & Chill

Since 1990

Gnejna Bay 79572643

grillchill21@gmail.com

il-Barri

Open for Lunch and Dinner
Tuesday to Sunday

21573235

www.facebook.com/ilbarrirestaurant
www.il-barri.com.mt



Eating, the Maltese Way!

J. MICALLEF
SERVICE STATION



Your one-stop shop for your car care!

Professional Car Valeting ... Interior & Exterior • Car Wax & Polish • Engine Wash
Oudour Removal • Tyre Repairs • AC Refill Service • Car Accessories Shop
Top Brands Tyres & Alloy Wheels • BOV ATM Facilities • Roadside Cafè & Lounge Bar

24hrs Self-Service Carwash



Tal-Barrani Road, Żejtun, Malta +356 2180 1493 • 9980 7932 zejtunss@jmicallefgroup.com.mt
Buqana Road, I/o Rabat, Malta +356 2145 0853 • 7945 0855 rabatss@jmicallefgroup.com.mt

www.jmicallefgroup.com.mt

ATM

Cafeteria

MELYAN
WINERY

A family winery,
born from love and hard work.

Made in Bidnija, enjoyed
everywhere.

melyanwinery@gmail.com
+356 7970 6688

MGARR PHARMACY

MAIN STREET L-IMĠARR MALTA
+356 21577784
+356 79577784
pharmacymgarr@gmail.com

Mgarr Farmers Snack Bar & Bennej Restaurant


Home Made Food!

Sir Temi Zammit Street, Mgarr - Malta

Tel: 2157 1328, 7959 4938




MĠARR
YN SPORTS BAR
Mġarr Football Ground, Triq il-Plejju, Mġarr, Malta
99491017 79064229


we tailor your needs
Accountancy Services
Accountancy made simple
INFORMATIONS
+356 79806937
MM Accountancy Services
OUR SERVICES
Vat returns, Tax returns
Profit and Loss
Payroll
Advisory on small business or individual
Book keeping
and much more...
Accountancy Services

C Gatt Midland Steel Works

Block D Midland Micro-Enterprice Park
Triq Burmarrad, Naxxar NXR6345
Mob No: 99823982
Tel. No: 27036638
Email: cgattweld@gmail.com
http://www.facebook.com/cgattweld

- Gates - Certified Overhead Cranes
- Spiral Staircase - Railings
- Balconies - Steel Structures
- Window Grills - Steel Stairs
- Skylights - Boat Trailers













Your one stop shop for your swimming pool

We provide our clients with a hassle-free one-stop shop for pool & spa construction projects-from the excavation stages to the minute details of the finishing stages with our own skilled personnel, equipment & machinery.



Eco Select™ Efficiency • Conservation PENTAIR

These products save energy, save water, eliminate or reduce noise, or otherwise contribute to a more environmentally responsible equipment system. In every case, a product that earns the Eco Select brand is clearly our "greenest" and most efficient choice.



MUSCAT POOL CONSTRUCTION

Muscat Building, Gammari Camilleri Street, Mgarr, Malta

Tel: +356 2158 2761 E-mail: info@muscatpools.com

Web: www.muscatpools.com

Find us on facebook

PENTAIR STA-RITE innowater AQA ROSO GRES ONIX mosaico

GATES & GARAGE DOORS

DEA

Specialists in Garage Doors, Gates & Automation



- INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
- ROLLER SHUTTER DOORS
- RESIDENTIAL & INDUSTRIAL, SLIDING & WING GATES IN VARIOUS DESIGNS AND FINISHES
- REMOTE CONTROL AUTOMATION AVAILABLE

t. 21419275 m. 99498269 e. patrick.pds@gmail.com

Midland Micro Enterprise Park, Block D, Plots 10 & 11, Triq Burmarrad, L/O Naxxar, NXR 6345 - Malta

find us on facebook.

Pet's World

Grooming Services



A: 63, Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar
T: 21580285 • 79663382
F: Pets World St. Paul's Bay



Horace Spiteri

Tan-Newwes **Funeral Services**

Xogħol ta' Funerali ...

- *Twiebet ta' Malta u ta' Barra*
- *Karrozzi tal-Mejtin tal-istess sid*
- *Knisja u Kant*
- *Fjuri*
- *Reffiegħa*
- *Santi*
- *Xandir fuq ir-Radju*
- *Avviżi fuq il-Gazzetti*
- *Karrozzi għall-familjari*
- *Dfin u qlugħ ta' rħama*
- *Permessi u dak kollu li għandkom bżonn għall-funeral*

Prezzijiet Moderati
24 Siegħa Servizz

'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele, Żejtun

Ⓜ **9949 8829 / 7749 8829** · Ⓣ **2169 4212 / 2169 3247**

VASSALLO IAN
IL-ĦAĠI

MEMBRU PARLAMENTARI – 7 DISTRETT
PODJATRA (SPEĊJALIST FIL-KURA TAS-SIEQ)



AWGURI
GĦALL- FESTA

KUNTATT: 79306420 | VASSALLOIAN@YAHOO.COM
UFFIĊĊJU: HAGI, 68, TRIQ SAN TROFIMU RABAT MALTA (B'APPUNTAMENT)

VELLA WHOLESALERS
Groceries, Toiletries, Detergents and Pet Shop



'St. Michael', Sir Temi Zammit Street, Zebbiegh

Tel - 21 522 805
Mob - 99 837 837


Il-Festa t-Tajba
lill-Imġarrin kollha!
IAN BORG
Deputat Prim Ministru
Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu
follow
+356 9977 7666
contact@ianborg.eu


David WoodWorks
Specialises in all types of made to measure loose furniture, doors, kitchens, bedrooms, etc…
Mobile: 79050807
Email: dgrech85@gmail.com



IL-FESTA T-TAJBA

Lill-Komunità Mġarrija fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija mingħand l-Onor. Robert Cutajar MP u l-familja.



Triq Tal-Milord, Il-Bidnija MST 1000

Mobile: 7770 0818



Ta' Peswella

99862410

Il-Festa
it-Tajba
lil kulħadd
DELIA
Adrian
DEPUTAT PARLAMENTARI







Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr
21575749 • 99849688

Opening Hours:
Mon - Sat: 4am - 5pm
Sunday: 7.30am - 1pm

Drinks & Appetizers
Daily specialities
ħobż, wraps, salads, pasta
Reasonable Prices


IG ENGINEERING
Mechanical Engineering Works,
Metal, Aluminium and Stainless-Steel Welding and
CNC Plasma Cutting
Isaiah Grima
M: 99832441
E: isaiahgrima@hotmail.com
Address:
Triq Ghajn Stas, St.Paul's Bay


IL-MIXTLA
pets & plants
170 Triq il Kbira
L-Mgarr, Malta
7793 6703
c.muscat@hotmail.com
fb.me/MixtlaMgarr
Indoor & Outdoor Plants
Fresh Flowers for All Occasions
Garden Supplies
Pet Food & Accessories
Variety of Candles
Free Delivery [Mġarr & Żebbiegħ]

Il-Moll Bistro



We cater for all types of occasions
Rabbit and Horse meat on request
Daily Specialities / Free Appetizers

Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar
Mob 9914 8339 / 9990 1669

Il-Palazz

MARBLE, RESIN, GRANITE, QUARTZ & QUARZITE WORKS

Francis Bugeja

Durumblat Road, Mosta, MST 4810
Kyle: 9952 5723
Kersten: 7939 0286
Showroom: 2143 7619
9949 3391
E: info@il-palazz.com
F: il-palazz marble works



J AND A GARAGE

MECHANIC AND CAR DEALER



99427072
99455462

ST.PAULS BAY,
TRIQ DESGUANEZ



Għajn Tuffieħa Road
Manikata, MLH 5700 - Malta
Tel: (00356) 21570215, 21521559
Fax: (00356) 21575064
www.jardinland.com.mt



JASON'S TRANSPORT

For all kinds of transport such as:
Weddings, Airport Transfers,
Full and Half Day Malta and Gozo Tours
and all other occasions

Call or Whatsapp on 79469540















JIMMY FELLUSA
& SONS

DEMOLITION &
EXCAVATION WORKS
PLANT HIRE

7945 4666

Find us on

www.jimmy-tafellusa.com

Vella Mechanical Services

Co. Ltd.

LEADING SUPPLIERS & STOCKHOLDERS OF HYDRAULIC PARTS & EQUIPMENT

Triq ta' Torba, Lija LJA 2041
E: vella.jimmy@gmail.com
T: 21 413 178 M: 99 428 729 F: 21 418 882

Opening Hours: Mon - Fri: 7.30am - 5pm
Saturday: 7.30am - Noon







CUSTOMISED SOLUTIONS

Leading Suppliers and Stockholders of:

- All types of hydraulic, industrial, medium & high pressure hoses
- Hydraulic & pneumatic custom made cylinders and power units
- Various types of hydraulic pumps, motors, oil coolers and control valves
- Pressure seals and o rings
- Lifting chains & belts, wire ropes/slings, ratchet straps etc…
- Computerised testing machine with certification printout of wire slings, chains etc…
- Truck part, air brake components, engine parts, clutch parts, gaskets etc…
- Repairs of truck gearbox
- Custom made mechanical cables for various cars and trucks


Needs&Treats
OPEN
Needs&Treats
GO HEALTHY
Open Mon-Sat till 8pm
Sir Temi Zammit Street, Iż-Żebbieġħ L/O l-Imġarr
Mob: 99498197 Tel:27309239


LIQUIGAS
Ph. Borg Ltd
FUEL & LPG
Supplier
FUEL SUPPLIER
PH BORG
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter
for LIQUIGAS
Malta Ltd.
Mob: 9949 1177 Fax: 2152 3215;
Email: info@phborgltd.com
www.phborgltd.com

Mr James Muscat
Director
Prime Factory

Prime Meat Shops are located in
Fgura, Marsa, Mellieħa, Naxxar, Qawra, Swieqi,
St Paul's Bay, Żabbar, Żebbuġ, Żejtun and Gozo



Pure

ChimiClean professional


Detergents and more....

62, Sir Harry Luke Str., Mġarr, Malta
Tel: 2157 3180 • Mob: 9944 9926
mjsammut@maltanet.net

- Laundry Liquid and Powder
- Strain Remover Powder
- Fabric Softeners
- Floor Detergents
- Sgrassatore
- Dishwashing Liquid Soap
- Hand Soap
- Bubble Bath

We also do delivery
Weekly offers (save money promotions)
Also available at Pure
Carpets
Plastics
Essential oils, Candles, Tarts
Gift Packs
Gift Vouchers
Storage Boxes
Nappies and more


RFL
24HR TOWING & RECOVERY SERVICE
RFL
24HR TOWING & RECOVERY SERVICE
RFL Towing was established in 2005 and currently operates in association with Mapfre Middlesea p.l.c.
RFL Towing understands that having problems on the road is frustrating and inconvenient, which is why the company operates everyday and at all hours, with timeliness and efficiency in mind. Organisation and responsibility are also key factors in the way RFL Towing is managed.
Roadside assistance is given to those who require it, and services include tyre changing, battery replacements and battery boosts, amongst others.
RFL Towing offers its services in both Malta and Gozo, and prices vary depending on the type of vehicle and the severity of the situation. A special rate is available for companies that make use of the service.
RFL Towing Services, Ta Saliba, Wardija Crossroads, Malta
Find us on Facebook: RFL Towing Service Website: www.rfltowing.com Email: rflt@go.net.mt
(+356) 9945 1593 / 9957 9240


SCHEMBRI DRAINAGE SERVICE WORKS
99240524
• Grease Trap Cleaning • Drain Repairs
• Jetting Drain Unblocking • Sewer Cleaning
• Camera Inspection
SCHEMBRI DRAINAGE SERVICE
9824 0524

Ezy Fit ltd.

design / manufacture / installation

Locally manufactured since 1980

Specialising in Kitchens & custom furniture

info@ezyfitmalta.com

77775999 & 99444635



Partit Laburista

Il-Kumitat tal-Partit Laburista
tal-Imġarr jixtieq jawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd

P. N.

Il-Kumitat Sezzjonali
tal-Partit Nazzjonalista tal-Imġarr
jixtieq jawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd



Il-President is-**Sur Giovanni Gatt**

jawgura kull suċċess
lill-Banda
“Marija Mtellgħa s-Sema”
u jwiegħed
lill-Imġarrin l-appoġġ
sħiħ tiegħu biex tissokta
tikber u tissaħħaħ.

Viva l-Banda
“Marija Mtellgħa s-Sema”,
tal-Imġarr



Il-President u l-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika
“Marija Mtellgħa s-Sema”,
tal-Imġarr
jixtiequ jawguraw

il-Festa t-Tajba

lill-poplu kollu

tal-Imġarr